

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

# Għaqda Mużikali Imperial

## FESTA MARIA BAMBINA 2015, IL-MELLIEĦA

# CALLING ALL 18-30-YEAR-OLDS

You can monitor your driving performance, MotorMax is an ideal insurance policy for 18 to 30-year-old drivers, offering more than just the traditional cover and protection. The policy promotes driver's safety but the policyholders can also benefit from up to 40% discount on their car insurance. Call ROCS today and find out more about the MOTORMAX INSURANCE POLICY. MOTORMAX....
INTELLIGENT INSURANCE POWERED BY MIDDLESEA




ROCS group

MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

t. 2015 1515
e. insurance@rocsgrp.com
w. **rocsgrp.com/insurance**

**ROCS House,** Main Street, Mellieha MLH2310, Malta, Europe
**ROCS Group,** Development House, St Anne Street, Floriana FRN9010, Malta, Europe

Terms and conditions apply. ROCS Co Ltd is an enrolled Tied Insurance Intermediary (TI) under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Middlesea Insurance plc (C-5553). ROCS Co Ltd and MSI are authorised by the Malta Financial Services Authority.

VO/0841

*Pubblikazzjoni:*
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieha Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Lehen l-Imperial
Ghaqda Mużikali Imperial
Pjazza tal-Parroċċa
Il-Mellieha Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, Norbert Vella,
Joseph Bartolo, Anthony Borg,
Carmen Schembri, Anthony Schembri

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'ghandhom qatt jinftehmu bhala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Ghaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

***Typing:***
Carmen Schembri,
Ann Marie Vella
Carmen Cini

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
Norbert Vella

**Qari tal-Provi:**
Carmen Schembri
Grazio Barbara
Jimmy Muscat

**Ritratt tal-Faċċata:**
**Programm Mużikali mill-Banda u l-Kor Imperial fil-bitħa tal-Palazz Presidenzjali, il-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-erbghin sena ta' Malta Repubblika**

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprint@go.net.mt

# Werrej

Messaġġ mill-President – Josef Borg ... 3
Il-Każini – Skola tad-Demokrazija – John Buttigieg – Sindku ... 7
Festa li ġġeddidna! – Fr Joe Caruana – Kappillan ... 9
Il-marċ tas-siegħa ta'wara nofsinhar – Spiru Grech – Viċi President ... 12
Sena ta' ħidma fuq xogħol amministrattiv – Norbert Vella– Segretarju Ġenerali ... 16
Sena oħra ta' ħidma – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ... 20
Messaġġ tad-Direttur – John Schembri – Direttur ... 21
Waslet il-Festa!! – Carmen Cini – Kumitat Nisa ... 25
L-aħħar tnax-il xahar... – Mro Anthony Borg – Surmast ... 28
Ħidmet iż-Żgħażagħ fis-Soċjetà – Clayton Vella – Sezzjoni Żgħażagħ ... 33
Imperial Choir 2015 – Shirley Helleur – Director of the Imperial Choir ... 34
Kelmtejn mill-Għalliem – Philip Schembri ... 37
Djarju 2014 - 2015 ... 39
Nifirħu Lil… ... 44
Niftakru f'dawk li ħallewna ... 45
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda 2015 – Avv. Noel Camilleri – President Għaqda Każini tal-Banda ... 46
Kbirt mal-Banda Imperial – Anthony Caruana ... 47
Wheelchair Dancing – Pippa Roberts ... 49
F'jum il-festa ta' Marija Bambina – Mario Fenech ... 50
L-importanza tas-sostennibilità fl-Għaqdiet Kulturali – Clayton Bartolo ... 51
Bi strument tal-mużika u bil-vuċi naturali, tieħu gost u tagħti gost – Mons. Dun Mosè Debono ... 52
Apple Strudel Rekord – Andrew Farrugia ... 54
Biografija qasira: Joanne Vella Cuschieri ... 56
Programm tal-Festi 2015 organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial .. 58
Activities Organised by The Imperial Band Club for the feast in honour of Our Lady of Victories Patron of Mellieħa ... 61
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial ... 62
Għotjiet mill-Emigranti lill-Għaqda Mużikali Imperial ... 64
Strumenti Ġodda ... 65
Viva Santa Marija...Tal-ħuġġieġa – Jos. F. Cachia ... 66
Doncaster International Concert Band Malta Tour 2015-Karen Latimer ... 70
It-twaqqif ta' sptar ta' konvalixxenza fil-kamp tal-Għadira fl-1915 – Charles Debono – Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra ... 73
They say miracles don't happen – Brian Roberts ... 76
Reġġħet waslet il-festa tagħna – Christopher Bartolo – Sagristan ... 80
Wettinger u l-Mellieħa – Evarist Bartolo ... 82
Il-Bandiera Ewropea u l-Madonna – Ralph Micallef ... 85
Salvatore Ellul Bonici u x-Xbieki tat-Tunnara – Jimmy Muscat ... 86
450 sena mir-rebħa tat-8 ta' Settembru – Kav. Clifford Galea MA ... 88
F'għeluq id-disgħin sena mit-tberik tal-qniepen tal-knisja tal-Mellieħa li sar fis-26 ta' Marzu 1925 – Anthony Fenech ... 93
Żjara minn Pedro Mota Soares Ministru tal-Portugal ... 95
Lives Deaths of the Great Composers – Geoff Thomas ... 97
Ommi Salvina fil-Festa tal-Vitorja – Philip Borg ... 108
Sehen l-Għaqda - Wirja mtellgħa mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ... 113
Selmun u t-Tieni Gwerra Dinjija – Jeffrey Sammut ... 114
Il-Militar fil-Mellieħa – David Bartolo ... 118
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ... 124


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
CAUTION
At Work
B.Grima & Sons Ltd.
STOP
SLOW
50
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt

# Messaġġ mill-President
# Ħidma ma taqta' xejn



**Josef Borg**
***President***

Fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur Marija Bambina, l-Għaqda Mużikali Imperial qiegħda tippubblika ħarġa oħra ta' Leħen l-Imperial. F'din il-pubblikazzjoni ssibu tagħrif dwar il-ħidma tal-għaqda tagħna u tagħrif interessanti ieħor. Ta' din il-ħidma nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-Bord Editorjali li, flimkien ma' persuni oħra, iwasslulna ktejjeb mimli informazzjoni siewja, interessanti u ħafna nies jakkwistaw kopja tiegħu biex jinżamm fil-kollezzjoni tagħhom.

Din is-sena, il-Banda Imperial qed tiċċelebra l-Ħamsa u Tmenin sena mit-twaqqif tagħha. Firxa kbira ta' snin li mhux dejjem kienu faċli u d-diffikultajiet ma naqsux, iżda dejjem kien hemm rieda u determinazzjoni sħiħa ta' diversi persuni biex, minkejja dawn id-diffikultajiet, is-soċjetà baqgħet miexja 'l quddiem.

L-aktar ħidma importanti li nsibu fis-soċjetà tagħna hija l-impenn lejn il-qasam mużikali. Wara li saħħaħna l-istrutturi tat-tagħlim tal-mużika, fejn bi pjaċir ngħid li qed noffru tagħlim bla ħlas fil-prattika tal-istrument u anke fit-teorija, din is-sena ser inkomplu ninvestu aktar flus b'risq il-banda tagħna. Wara li saret applikazzjoni għal Fondi Ewropej mill-Fond Rurali maħruġa mill-Majjistral Action Group Foundation, is-soċjetà rnexxiela tingħata fondi għal dan il-għan. Ser jinxtraw sett ta' tlett timpani u strumenti tal-perkussjoni oħra, kif ukoll sett ta' qniepen (*tubular bells*) ġodda għall-użu tal-banda. Barra minn hekk, is-sala tal-mużika ser tiġi attrezzata bl-arja kumdizzjonata u ser isir xogħol ieħor biex tittejjeb l-akustika, ħalli l-kunċerti jsiru fl-aqwa ambjent possibbli. Wara li jkun lest dan ix-xogħol fuq is-sala tal-mużika, din ser tkun waħda mill-ftit swali li huma attrezzati fuq livell għoli li ser ikun hawn ġewwa Malta, aktar u aktar ġewwa każin tal-banda. Għal aktar aċċessibilità, fil-każin ser jiġi sstallat lift modern, filwaqt li ser isiru *toilets* ġodda fis-sular ta' isfel, li wkoll ser ikunu attrezzati għall-persuni b'diżabilità. Dan l-investiment importanti ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għajnuna li rċevejna u għalhekk minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-Gvern Ċentrali permezz tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej, Dr Ian Borg. Ħajr lis-Sur Clayton Bartolo għall-għajnuna siewja tiegħu biex setgħet issir l-applikazzjoni għal dawn il-fondi u persuni oħra li taw l-għajnuna tagħhom.

Il-Banda u l-Kor Imperial ma waqfux mill-ħidma tagħhom matul din is-sena, iżda żgur li wieħed jista' jagħmel aċċenn għal żewġ impenji li kienu ta' sodisfazzjon kbir. Qed nirreferi għall-programm li sar ġewwa l-Palazz tal-President fl-okkażjoni tal-Erbgħin sena minn meta Malta saret Repubblika u l-programm li sar flimkien mad-Doncaster International Concert Band, waqt il-Mellieħa International Band Festival. Dawn il-programmi huma xhieda tal-ħidma li qed issir mill-Banda u l-Kor tas-Soċjetà, u dan qed iwassal biex l-isem tal-Għaqda Mużikali Imperial ikompli jikber.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'imħabba u sagrifiċċju jagħtu l-impenn tagħhom biex l-Għaqda tagħna tkompli miexja 'l quddiem. Mingħajr l-għajnuna ta' ħafna volontiera dan ma jkunx possibbli. Għalhekk grazzi kbira lil dawn kollha li b'mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna tagħhom b'risq l-Għaqda Mużikali Imperial.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina.


Sea View Kiosk
Jekk Malta hawn veduta
ferm sabiha,
bla dubju hija l-kiosk
ta wara l-knisja.
Nixtiequ l-festa
t-tajba lil kulhadd
Tonio
9928 7539




# tosca

Pizza, pasta, grills & much more!

Tosca ...a Taste of Italy in Mellieha

*Daily Specialities available including Fresh Fish*

facebook.com/toscapizzapastagrill

Gorg Borg Olivier Street, Mellieha t +356 2280 1927 e info@ilovetosca.com

**OPEN DAILY 1800HRS ONWARDS · TUESDAYS CLOSED**







aġenzija żgħażagħ

L-Għaqda Mużikali Imperial tilqa' applikazzjonijiet
għat-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas
f'dawn il-kategoriji:

- Teorija tal-Mużika
- Strumenti tal-Injam
- Strumenti tar-Ramm
- Strumenti tal-Perkussjoni

Applikazzjonijiet jintlaqgħu
sa mhux aktar tard minn nhar il-Ħadd 21 ta' Settembru 2014



# Il-Każini – Skola tad-Demokrazija

**John Buttigieg**
***Sindku***

Sur President,

Nirringrazzjak li għal darb'oħra l-Għaqda Mużikali Imperial għoġobha tistedinni biex inwassal dan il-messaġġ fil-ktejjeb fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

L-ewwel nett irrid nifraħ lill-Kumitat u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial għall-impenn u t-tħabrik tagħhom, mhux biss fil-jiem tal-festa, imma tul is-sena kollha.

Huwa ta' sodisfazzjon kbir għal kull Mellieħi u għal kull minn għandu għal qalbu l-kultura u l-mużika, jara daqshekk impenn b'risq it-tagħlim tal-mużika u t-tkattir tal-kultura fil-Mellieħa, bħalma rajna matul is-sena permezz tal-programmi mużikali u attivitajiet li jtellgħu t-tliet soċjetajiet tagħna. M'hemmx dubju li permezz tal-ħidma tagħhom is-soċjetajiet Melleħin, il-membri tal-komunità Melleħija apprezzaw aktar l-importanza tal-kultura, l-arti u l-mużika bħala mod li bihom ittejjeb il-kwalità tal-ħajja.

Bl-impenn tagħhom l-għaqdiet mużikali jgħinu sabiex l-istorja u t-tradizzjonijiet ta' pajjiżna jkunu l-qofol tal-wirt storiku tagħna bħala nazzjon. B'hekk il-komunità lokali tifhem aħjar ir-rabta li teżisti bejn dak li jseħħ fuq livell lokali u dak nazzjonali.

Biss, is-soċjetajiet tagħna permezz tal-każini tagħhom, qegħdin jagħtu ħafna aktar kontribut lis-soċjetà tagħna – il-każini għal ħafna minna huma t-tieni dar tagħna. Fil-każin tkabbar il-familja tiegħek fis-solidarjetà, fil-ħajja soċjali, fit-tisbiħ tal-ambjent, fl-imħabba lejn ir-raħal, fil-valuri ċivili u reliġjużi.

Fis-solidarjetà – għax tkun taqsam il-ferħ u n-niket tiegħek ma' oħrajn u oħrajn miegħek, tkun ħolqa f'katina li torbot ir-raħal;

Fil-ħajja soċjali – għax bit-talenti ta' kull wieħed tferrxu s-sbuħija tal-arti li l-bniedem għandu bżonn biex jegħleb ir-rutina tal-ħajja li tifga kull kreattività.

Tkabbar l-arti tal-mużika li toħroġ mill-moħħ u mill-qalb f'ċirkustanzi ta' kuljum u oħrajn mhux tas-soltu. Toħroġ barra minn xtutna u tqarreb il-ħbiberija bejn pajjiż u ieħor, bejn poplu u ieħor.

Fit-tkabbir u t-tisbiħ tal-ambjent – għax ir-raħal bis-saħħa t'hekk u bit-trawwim tajjeb fost is-soċi tal-każin ma jibqax magħluq bejn erba' ħitan imma jinfetaħ għall-arja safja tan-natura u jitpaxxew bl-indafa ta' kull xorta. Jitkellmu mill-ewwel biex ifaħħru għal dak kollu li jħalli l-Mellieħa fl-istat naturali tagħha.

Fl-imħabba lejn ir-raħal – inkunu nafu sewwa l-ġrajjiet u l-istorja ta' dan ir-raħal – ngħallmuha liż-żgħar tagħna. Biha f'idejna nressqu nies barranin lejn ir-raħal biex ikunu jafu x'joffri u x'jagħmlu differenti minn ħaddieħor. B'wirjiet u attivitajiet oħra nfakkru lil missirijietna u nkomplu fuq il-passi tagħhom.

Ngħinu u ninkoraġġixxu kemm nistgħu lill-anzjani tagħna li jistkennu fil-każini tagħna, ngħinu liż-żgħażagħ tagħna li għada pitgħada se jkunu huma li jmexxu lis-soċjetà 'l quddiem.

Il-każini tagħna huma wkoll skola ta' demokrazija. Joffru l-ħin kollu l-mument tajjeb skont l-istatut biex tinbidel it-tmexxija li ma tħalli lil ħadd jagħmel il-każin tiegħu qisu wirtu bi dritt. Jagħti opportunità ta' għażla ta' nies li tassew għandhom il-ħeġġa, il-ħila, biex iġibu l-każin 'il quddiem, jikkontrollaw it-tberbiq ta' flus u l-ħela aktar milli hemm bżonn. Dawn huma l-istqarrijiet ta' missjoni li jagħtu lis-soċjetà l-identità tagħha, li jżommu lis-soċjetà waħda attiva u ħajja.

Persważ li l-Għaqda Mużikali Imperial, permezz tal-ħidma tagħha u permezz tal-attivitajiet tagħha tul is-snin qegħda twettaq dawn l-istqarrijiet ta' missjoni mhux biss għall-benefiċċju tal-istess membri tagħha, imma wkoll għall-benefiċċju tal-komunità Mellieħija inġenerali.

Filwaqt li ngħidilkom grazzi ta' dan il-kontribut lejn il-komunità, nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom festa mill-isbaħ, festa ta' għaqda u mħabba, festa li tkun tixraq lil Sidtna Marija.




Discover our world of tailor made travel

ROCS travel

www.rocsholidays.com

Development House, St. Anne's St. FRN9010, Floriana, Malta, Europe | IATA 50200883
19-23 ROCS House, Main Str, MLH 2310, Mellieha, Malta, Europe | IATA 50209994
Tel: +356 20 15 15 15 | Fax: +356 2152 3869 | Email: travel@rocsgrp.com

IATA

# Festa li ġġeddidna!



**Fr Joe Caruana**
***Kappillan***

Meta tirrepeti ħaġa wara l-oħra jkun hemm it-tentazzjoni li l-ħaġa ssir monotona, ma tibqax tappella, issir rutina bla interess. Aħna niċċelebraw il-festa sena wara l-oħra u jekk ma toqgħodx attent tispiċċa biex tirrepeti l-istess affarijiet u hekk in-nies jitilfu l-interess.

Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li dan mhux il-każ tagħna l-Mellieħa. Is-soċjetajiet involuti jagħmlu ħilithom kollha biex fil-qafas miftiehem, sena wara l-oħra jfittxu li jagħtuna xi ħaġa ġdida, xi ħaġa aħjar minn tas-sena ta' qabel, xi ħaġa li tiġbed l-attenzjoni. Nifhem li dan jinvolvi ħafna xogħol, ħafna enerġiji, ħafna spejjeż. Nirringrazzjaw 'l Alla dawn mhux neqsin għalkemm jitolbu ħafna sagrifiċċji minn dawk involuti. Jitlob ukoll ħafna għaqal minn dawk responsabbli għax trid tikkordina l-attivitajiet tas-soċjetà tiegħek ma' dawk tas-soċjetajiet l-oħra biex hekk ikollna festa sħiħa organizzata, mhux wieħed jidħol fuq l-ieħor u hekk jinħoloq id-diżgwid u tissogra l-inkwiet. Mill-ġdid nirringrazzja 'l Alla u lill-kumitati tas-soċjetajiet kollha involuti li b'għaqal u responsabbiltà li titlob minnhom il-pożizzjoni li jħaddnu, dejjem jaslu għall-ftehim mibni fuq djalogu ġenwin bejniethom.

Waqt li dan it-tiġdid, biex insejjaħlu hekk, ta' barra, hu sabiħ u ta' min ifaħħru, nemmen li ma rridux nieqfu hawn biss. Il-bniedem għandu wkoll l-element spiritwali, dak li jerfgħu 'il fuq lejn Alla, dak li jagħmlu aktar nobbli għax iġiegħlu jaħseb mhux biss fih innifsu imma wkoll fi sħabu li jgħix fosthom u magħhom. Il-festa trid iġġedded lin-nisrani wkoll f'dan. Infatti, il-festa li niċċelebraw hi mnebbħa minn dan l-element reliġjuż, spiritwali, ta' fidi. Allura jeħtieġ li anke f'dan niġġeddu, fil-fidi tagħna. Il-parroċċa tipprova tipprepara mill-aħjar għal dan billi tħejji sewwa għaċ-ċelebrazzjonijiet differenti – in-noveni għall-kategoriji differenti ta' nies, is-servizz ta' qrar, il-quddies aktar solenni missoltu. Jonqos li aħna nattendu bi ħġarna ħalli niksbu tiġdid u tisħiħ tal-fidi tagħna.

Marija, il-patruna tal-parroċċa tagħna u li ad unur tagħha niċċelebraw il-festa kienet dik il-persuna li, żmien ilu, tatna lil Ġesù meta wellditu bħala bniedem. Lilha, matul iż-żminijiet, kultant f'mumenti ta' periklu kbir għall-fidi, talbuha bil-ħerqa ta' qabilna u hi semgħethom u ħelsithom mill-perikli tar-ruħ u tal-ġisem. Żgur li llum hi trid li ġġeddilna din il-fidi, fidi ġenwina li tagħni lill-bniedem sħiħ, ġisem u ruħ. Il-festa li nagħmlu lill-Vitorja trid tkun id-dikjarazzjoni tagħna li aħna rridu nirċievu mingħandha dan id-don kbir, rigal li jagħmilna nies kompluti, mogħnijin b'kulma jsebbaħna bħala persuni sħaħ maħluqin xbieha ta' dak Alla li Marija wasslitilna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina.

*Żuru l-'website' tagħna*
**www.imperialbandclub.com**
Ikkuntattjana fuq *e-mail*:
**info@imperialbandclub.com**


WE CAN MEET ALL OUR NEEDS
HomeEssentials
IL-MELLIEĦA
High quality, low priced household goods & textiles!
Next to your doorstep
This is only a small selection from a wider range of quality goods.
We will also order items you need if they are not in stock
CHAIRS • LAMPS • MATTRESS • SHEETS • BLANKETS • QUILTS • HANGERS • PILLOWS • BEDSPREADS • CURTAINS • TOWELS (BATH, HAND & WASHCLOTHS) • PLACE MATS & NAPKINS • SHOWER CURTAINS • BATH RUGS • LAMPS • BOOK SHELVES • DISHES • PYREX CASSEROLES (FOR COOKING AND SERVING) • DRINKING GLASSES • MUGS • POTS AND PANS • MIXING BOWLS • MEASURING CUPS • KITCHEN TOOLS • COOKING UTENSILS • PLASTIC CONTAINERS • KNIVES • CHOPPING BOARDS • COFFEE MACHINES • TOASTER OVENS • MICROWAVES • GRILLS • BBQS • BLENDERS • HAND HELD MIXERS • VACUUM CLEANERS • DISHWASHERS • HEATERS • AIR CONDITIONERS • OUTDOOR FURNITURE & MORE
Weekdays: 9:00am-1:00pm
4:00pm-7:00pm
Saturdays: 9:00am-1:00pm
21, St Anne Street, Il-Mellieħa
Tel: 2152 4900
Email: esential@go.net.mt
FREE DELIVERY
TO SURROUNDING AREAS


Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter for LIQUIGAS Malta Ltd.
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com


Pâtisserie
Bakers & Caterers Ltd.
WE ACCEPT
ORDERS FOR ANY
SPECIAL OCCASION
CAKES
OUTSIDE CATERING
HOT SNACKS & CREAM CAKES
FRESHLY BAKED BREAD DAILY
MAIN STREET, MELLIEHA MLH 2315
T: 2152 0920 / 2152 3920

# Il-marċ tas-siegħa ta' wara nofsinhar



**Spiru Grech**
***Viċi President***

Fejn jidħlu l-marċi fit-toroq fil-Mellieħa, żmien ilu kien jindaqq il-marċ tas-siegħa ta' wara nofsinhar. Jien ħadt sehem. Fl-aħħar sena li sar mill-Banda Imperial konna ndoqqu f'xemx tisreġ, lanqas kelb ma kont tilmaħ fit-triq, aħseb u ara nies. Naħseb li dak iż-żmien in-nies kellhom sens iżjed mil-lum, għax fil-ħin tal-mistrieħ kienu jmorru jistrieħu u mhux jisimgħu l-marċi.

Min jaf kemm kienu jagħtuna titli xħin konna ngħaddu minn quddiem xi djar ta' min kien ikun qiegħed jieħu dik is-siegħa ta' mistrieħ, xħin jisimgħu lil tal-katuba u lil tal-platti b'impika min ifaqqgħalhom l-iżjed. Jien naħseb li konna nagħmlu hekk biex ma nħallu lil ħadd jorqod.

Xi ħadd ġietu l-idea li dan il-marċ ma jibqax isir. Naħseb li kien wieħed li kien iħobb jieħu xi pinta nbid u jmur jorqod sagħtejn għall-kwiet, insomma min irnexxielu jikkonvinċi lil min kien responsabbli ħaqqu prosit - kien pass fid-direzzjoni t-tajba.

Dak iż-żmien kien ikun hemm tlett ijiem ta' festa, jiġifieri, id-daqq tal-marċi kienu jibdew minn fejn ta' Ċikku d-dsatax għall-pjazza. Kien ikun hemm nofs in-nies tal-Mellieħa quddiem u wara ż-żewġ baned, kulħadd jibla' d-duħħan tal-gassijiet u s-sfafar. Kien żmien meta dak il-ġenn kien isir bil-barka ta' kulħadd, inħallu d-dħaħen itiru fl-arja bħalma taru dawn is-snin kollha.

Naħseb li tlett ijiem ta' marċi iżjed kienu jagħmlu sens, illum wasalna f'sitwazzjoni fejn il-baned jibdew iduru mat-toroq tal-Mellieħa jdoqqu l-marċi, il-biċċa l-kbira minnhom fi dlam ċappa u jekk ma tkunx taf iddoqq il-marċi bl-amment, ma ddoqqx.

L-interess mill-pubbliku għal dawn it-tip ta' marċi naqas ħafna, l-uniku sapport li jkun hemm hu minn ftit tfal u ftit tal-kumitat quddiem u, bilħaqq, xi ftit Ingliżi, ixejru mill-gallarija l-bandiera Ingliża jew ta' xi tim tal-futbol. "Ħasra".

Imma l-aqwa li nieklu ikla ħobż bit-tonn taż-żejt, pastizzi u elf ħaġ'oħra. Jien ngħid grazzi mill-qalb lil kull min jistedinna.

Mur ara l-valvi tal-istrumenti xħin jispiċċa l-marċ - trid plammer biex tnaddafhom, u jekk jogħġbok, għandek ġimgħa sejjer hekk.

Forsi għad jasal żmien li l-marċi jerġgħu jibdew minn fejn il-Labour Club, biex b'hekk iż-żewġ baned jaslu l-pjazza kmieni, in-nies ma tkunx hemm biex tarana nieklu, in-nies tkun hemm biex darba f'sena tieħu gost tisma' l-marċi. Fost il-Melleħin ikun hemm ħafna barranin, int tinduna li qegħdin jieħdu gost, u anke min ikun idoqq, x'ħin jara dik l-atmosfera, iżjed idoqq bil-qalb, u l-ħobż u l-pastizzi nikluhom wara, b'hekk anke l-istrumenti jieħdu r-ruħ. Int x'taħseb sieħbi? Dan x'naħseb jien.

## Xhur ta' kunċerti għal siegħa programm

Malli s-surmast jgħolli l-bakketta u jniżżel idu, dak il-ħin tibda s-siegħa li int bħala bandist tkun ilek tipprepara xhur għaliha.

L-udjenza ma jinteressaha xejn kemm ikun ilek tipprepara fil-kunċerti, kif tmur f'dik is-siegħa jgħodd u lanqas biss jgħaddi minn moħħha x-xogħol, is-sagrifiċċji u l-ħin li tkun għamilt, biex min ikun inkarigat, bl-għajnuna tas-surmast, irid jaħdem. L-udjenza għal dik is-siegħa tkun ġiet, u tistenna li jkun programm ta' livell tajjeb.

Meta jispiċċa l-programm u l-bandisti jinżlu minn fuq il-planċier, ħafna jiġu jtaptpulek fuq dahrek u xi wħud jgħidulek prosit. Jien għalija dak ftit jagħmilli differenza. Jien, l-aħħar mossa li nagħmel qabel ma ninżel, inħares lejn is-surmast u mill-ħarsa li jagħtini nkun naf jekk jistħoqqlix prosit jew le.

Is-siegħa tal-prova tkun għaddiet, trid tinsa u akkost ta' kollox trid tibqa' taħseb għal li jmiss u jekk possibbli trid tirranġa u ttejjeb fejn taħseb li stajt mort aħjar. Jien u sħabi l-bandisti l-oħra dejjem nippruvaw nagħtu mija fil-mija. Aħna professjonali m'aħniex, però meta nitilgħu fuq il-planċier hemm dik ix-xi ħaġa li tgħaqqadna flimkien u niġu tim wieħed.

Meta tagħmel ħiltek u li tkun ippreparajt imur kif tixtieq, int ma tantx tista' tippretendi iżjed. Kif tgħaddi dik is-siegħa, u s-surmast iqajjem lill-bandisti, u l-udjenza ċċapċap, trid tkun fuq il-planċier biex tkun taf is-sodisfazzjon kbir li aħna l-bandisti u l-kor tal-Banda Imperial inħossu.

Grazzi lil kull min b'xi mod għen lis-Soċjetà Imperial tasal fejn waslet illum. Grazzi lill-bandisti li, ġimgħa wara ġimgħa, jattendu s-sena kollha għall-kunċerti, u nħossni kburi ngħid li n-numru mhux żgħir. Prosit *boys* and *girls*!

Grazzi lis-surmast Tonio Borg tax-xogħol siewi li jagħmel ma' kull bandist matul is sena kollha.

Grazzi lil Pietru l-Pirrex talli jieħu ħsiebna wara kull kunċert, billi jipprepara l-ħobż bit-tonn taż-żejt u kunserva, bigilla, galletti, fażola, ġobon tal-bżar, perżut u ġobon imqatta' kwadri żgħar. X'ma tiġix għall-kunċerti!! Jien naħseb li wara l-kedda li nagħtu lis-surmast, ikun xieraq li xħin ninżlu fil-Bar, u ssib dan kollu, nieħdu tazza nbid flimkien mas-Surmast. Prosit lill-familja Pirrex tal-Bar.

Int min int - il-festa t-tajba.

MAYPOLE
since 1900
*Nothing says homemade like Maypole*
Main Street, MELLIEĦA
tel: 22 581 5471 | mob: 79 595 195 | www.maypole.com.mt

**Gaulos Exclusive Art**
*Għal kull tip ta' rakkmu sew għall-Każini tal-Baned, Knejjes jew mudelli tal-Knejjes.*
*Nagħmlu wkoll kull tip ta' restawr u transport ta' rakkmu antik.*
*Issibilna kull tip ta' pittura kemm oriġinali kif ukoll kopji jew portraits impittra minn artisti barranin.*
9, Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Għawdex
Tel: 2156 4401 / 2756 4401 Mob: 7956 4401
Email: contact@eastermalta.org

# Spend €100

## and get one of the following for **FREE**



3 Packets x 2L Water



5 x 1.5L Soft drinks




700 Bonus Points




€5 Voucher
to deduct from your next shopping

Look out for our monthly **lovevalue!** Catalogue for further discounts

**SHOPPERS** DISCOUNT SUPERMARKET

Carrefour

Main Street, Mellieha, MLH 2317 | +356 2152 3192 | info@shoppersgs.com

**FREE DELIVERY including to Any Yacht Marina**

ALL NEEDS
THE D.I.Y STORE
FOR ALL KINDS OF ENERGY SAVING LAMPS
19, St. Anne Street, Mellieha
Tel: 2152 1167





# Sena ta' ħidma fuq xogħol amministrattiv

**Norbert Vella**
***Segretarju Ġenerali***

Reġgħet waslet festa oħra, wara sena ta' ħidma fejn jidħol xogħol amministrattiv, u għalkemm forsi dan ix-xogħol ma jkunx jidher, xorta huwa importanti daqs ix-xogħol l-ieħor.

Kien eżatt wara l-festa tas-sena li għaddiet, li bħala kumitat iddeċidejna li napplikaw għall-fondi mingħand il-*'Majjistral Action Group Foundation'* fl-iskema *'Support for Capital Expenditures for the Arts and Cultural Societies'*. Bħala kumitat iddeċidejna li għandna napplikaw għal dan li ġej:

- Lift biex il-każin tagħna jkun iktar aċċessibbli għal kulħadd
- *Air Conditioners* għas-sala tal-kunċerti
- *Sound Proofing* fis-sala tal-kunċerti biex din is-sala jkollha akustika ferm aħjar u tkun tista' tintuża għar-*recordings*
- Kif ukoll nixtru xi strumenti tal-perkussjoni bħal timpani, biex ma jkunx hemm bżonn iktar li dawn it-tip ta' strumenti nikruhom mingħand baned oħra

Wara li ddeċidejna għalxiex ser napplikaw, iltqajt mal-Viċi Sindku tal-Mellieħa, is-Sur Clayton Bartolo, li kien ta' għajnuna kbira fil-mili tal-applikazzjoni, kif ukoll mal-Perit Joseph Attard li ta l-għajnuna kbira tiegħu fejn jidħol xogħol ta' applikazzjonijiet mal-MEPA u ħafna xogħol ieħor relatat mal-pjanti u kwotazzjonijiet ta' xogħol tal-kostruzzjoni, u flimkien miegħu ddeċidejna wkoll li minħabba l-lift ikollhom isiru *toilets* ġodda. Wara ħafna ġiri biex niġbru tliet kwotazzjonijiet ta' kull ħaġa, daħħalna l-karti kollha u kulma kien baqa' kien li nistennew it-tweġiba tal-MAGF. Ġara li, fil-bidu ta' Diċembru, għal xi raġuni li ma kellniex kontroll fuqha, l-applikazzjoni waqgħet u reġgħet fetħet oħra fil-bidu ta' din is-sena. Dan kien ifisser li kellna nerġgħu ngħaddu mill-proċess kollu mill-ġdid speċjalment fejn jidħlu applikazzjonijiet, peress li l-kwotazzjonijiet kollha li kellna kienu skaduti. Wieħed jista' jimmaġina minn xiex kellna ngħaddu biex terġa' tmur għand l-istess aġenti u terġa' titlobhom kwotazzjonijiet oħra.

Wara li għamilna dan kollu, f'Lulju ħadna l-aħbar tajba li l-applikazzjoni tagħna ġiet milqugħa u konna ser ningħataw is-somma ta' €79,902.27 li jammontaw għall-80% tal-ispiża tal-proġett kollu. Wara li tawna l-aħbar, bdejna x-xogħol l-ieħor, fejn ordnajna l-affarijiet materjali kollha li kien hemm bżonn, kif ukoll ftehimna mal-bennej u l-ħaddiema l-oħra biex jibdew ix-xogħol kemm jista' jkun malajr minħabba li dan ix-xogħol kollu ried ikun lest f'qasir żmien. Għalhekk niskuża ruħi għal kull inkonvenjenza li tista' tinqala' fi żmien il-Vitorja minħabba dan ix-xogħol, imma sfortunatament ma kellniex għażla oħra. Minn dawn l-erba' versi nixtieq nirringrazzja lill-Perit Joseph Attard u lill-Viċi Sindku, is-Sur Clayton Bartolo tal-għajnuna kbira li sibt mingħandhom.

Din is-sena tibqa' mfakkra wkoll fl-istorja tal-każin għall-*Apple Strudel* li għamilna flimkien mas-Sur Andrew Farrugia fl-Iljieli Melleħin. L-istorja tal-*Apple Strudel* bdiet meta fil-bidu ta' din is-sena konna kellimna lis-Sur Farrugia, fejn urejnih ix-xewqa tagħna li nagħmlu xi ħaġa flimkien. Għalhekk xi ftit xhur wara konna erġajna ltqajna biex flimkien naħsbu x'jista' jsir u Andrew ħareġ b'din l-idea tal-*Apple Strudel* biex ħafna volontiera jkunu jistgħu jipparteċipaw u jagħtu s-sehem tagħhom. Wara li tkellimna mal-kunsill lokali, ġie deċiż li din nagħmluha waqt l-Iljieli Melleħin. Bdew il-preparamenti fejn sibna ħafna għajnuna mingħand *sponsors* biex b'hekk, bis-saħħa tagħhom ukoll, is-somma miġbura kienet ferm ikbar. L-*apple strudel* kienet twila t-tul kollu tal-Pjazza tal-Mellieħa li tlaħħaq 'il fuq minn 400 pied. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li fl-Iljieli Melleħin ġew u xtraw biċċa, fejn kulħadd tana l-prosit daqs kemm kienet ta' kwalità tajba. Il-flus kollha miġbura marru għall-*Malta Community Chest Fund*. B'din l-attività daħħalna l-isem tal-każin fil-*Malta Records*.

Din is-sena kellna ħafna iktar attivitajiet għaddejjin fil-każin u tkunu tistgħu taqraw fuqhom

fl-artikli li kitbu sħabi f'dan il-ktejjeb li noħorġu għall-festa. Kif tistgħu taqraw, ix-xogħol fil-każin ma jkunx biss matul il-ġimgħa tal-festa iżda jkun mifrux mas-sena kollha. Minn hawn inħeġġeġ iktar volontiera jingħaqdu magħna f'din il-ħidma bla waqfien għall-każin li tant hu għal qalbna. Bil-ftit mingħand il-ħafna, ix-xogħol ma jkunx daqshekk iebes.

Għas-sittax-il sena konsekuttiva, din is-sena sejrin nerġgħu nittrasmettu l-festa ta' Marija Bambina dirett fuq is-sit elettroniku tagħna www.imperialbandclub.com. It-trasmissjonijiet jibdew minn nhar il-Ġimgħa 21 t'Awwissu, propju meta jibdew l-attivitajiet tal-festa, u jibqgħu sejrin bla waqfien sat-8 ta' Settembru. Tajjeb li wieħed isemmi li apparti x-xandiriet diretti, fi żmien il-festa wieħed għandu jsib ukoll ritratti tal-attivitajiet li jkunu qegħdin isiru, u għal minn ma jkunx jista' jsegwi x-xandiriet diretti, wieħed ikun jista' jsib ukoll *videos* ta' attivitajiet li jkunu saru fil-ġranet ta' qabel.

Din is-sena ser inkunu qegħdin ukoll inkomplu nżidu mal-istorja tal-każin, fejn ser inkunu qegħdin noħorġu l-istorja mill-25 sena tal-każin sal-50 sena. Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja minn qalbi lis-Sur Jimmy Muscat tax-xogħol siewi li huwa għamel biex kiteb il-punti ewlenin tal-istorja u lis-Sur Ivan Vella tal-*website*. Nieħdu pjaċir jekk tibagħtulna l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom fuq info@imperialbandclub.com.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nagħti l-kondoljanzi tiegħi u ta' sħabi tal-kumitat lill-familjari ta' dawk kollha li ħallewna matul din is-sena. Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta' dejjem

Nagħlaq billi nawgura festa mill-isbaħ, f'armonija ta' ħbiberija, lill-Melleħin kollha, lil ħutna l-emigranti li qegħdin fostna, kif ukoll lil dawk kollha li qegħdin isegwu kollox minn fuq l-internet. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, lill-morda kollha li sfortunatament ma jistgħux ikunu magħna.

Viva l-Banda Imperial. Viva Marija Bambina

***Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u nersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.***




**J & G**
**Discount**
Discount Detergent Shop

Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948

**Opening Hours**
Mon-Fri:
8.30 – 13.00 & 16.00 – 9.30
Sat: 8.30 – 2:00



*Free Delivery*


We are open!
Book your table today:
t 21521637
m 99464059 | 77874856
e info@halfwayinn.com.mt
w facebook.com/halfwayinnmalta
HALF WAY INN
Wine, Dine & Lounge
est. 1985


Steffie's
Hair Studio
122, Parish Street, Mellieħa MLH 1061
(near the Square)
Tel: 2152 5100
Mob: 9986 1283
Tuesday Closed
bain de terre.
JOICO
THE ART OF HEALTHY HAIR

# Jevon's Fruit Shop

27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024

**Tel: 2152 3546**
**Mob: 9947 3825**



***Free Delivery***





# Sena oħra ta' ħidma

**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*

Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet il-festa. Din hija l-għaxar sena tiegħi bħala kaxxier ta' din l-Għaqda. Bħas-snin l-imgħoddija din is-sena għaddiet f'ħakka t'għajn u x-xogħol kien bla waqfien.

L-ispejjeż dejjem jiżdiedu u dan jirrikjedi ħafna sagrifiċċju fir-rigward tax-xogħol volontarju għaliex b'hekk jiġu ffrankati ħafna flus lis-Soċjetà. Ix-xogħol infrastrutturali fil-każin kompla għaddej u għadu għaddej bħalissa wkoll. Dawn ix-xogħlijiet ta' tiżbieħ fil-każin ukoll jirrikjedu ħafna spejjeż u x-xogħol volontarju minn diversi membri u benefatturi tal-Għaqda huwa ferm apprezzat. Ta' dan ngħidilhom Grazzi għax permezz tax-xogħol tagħhom jiġu ffrankati ħafna flus ukoll. Din is-sena l-Għaqda ngħatat fondi mill-Majjistral Action Group Foundation biex jgħinu fix-xogħlijiet li qed isiru fil-każin. Irrid ngħid li dan huwa ta' għajnuna kbira biex dawn ix-xogħlijiet setgħu jsiru.

L-ispejjeż tal-banda kull sena dejjem jogħlew fejn jirrigwarda l-bandisti barranin. Minn hawnhekk nixtieq ngħaddi messaġġ lill-bandisti tal-post u nħeġġieġhom biex kemm jista' jkun ma jfallux servizzi u jagħmlu l-almu tagħhom biex jattendu, għaliex b'hekk inkunu nistgħu niffrankaw xi ftit mill-ispejjeż tal-bandisti barranin.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor kien ta' għajnuna matul is-sena u nħeġġeġ biex iżjed membri jkunu aktar numerużi fl-attivitajiet li jsiru fil-każin minn żmien għall-ieħor għaliex l-attendenza tagħhom timliena bil-kuraġġ biex inkomplu ħidmietna lejn is-Soċjetà.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**

**C. Vella & Sons Ltd.**

your one stop shop for cigarettes, cigars, tobacco, confectionery, wines and spirits in the heart of Mellieha

George Borg Olivier Street Mellieha ● Tel: 21520883 ● Mob: 99498855 ● cvellasons@gmail.com

# Messaġġ tad-Direttur



John Schembri
*Direttur*

Hekk kif toqrob il-festa, kull xogħol li b'xi mod ikun relatat mal-festa ta' Marija Bambina jibda jżid fir-ritmu tiegħu.

Il-festa ġġib magħha ħafna impenji li trid tipprepara għalihom min qabel għax mhux biss tinvolvi l-banda iżda ukoll attivitajiet soċjali bħat-tombla speċjali, festini għall-emigranti li jkunu fostna għal festa u ħafna oħrajn. Grazzi għal sħabi tal-kumitati u dawk in-nies volontarji ningħaqdu flimkien biex naħdmu għal dawn l-attivitajiet biex żgur ikunu ta' suċċess.

Matul is-sena l-ħidma tibqa' kontinwa kemm b'attivitajiet tal-banda kif ukoll b'xi xogħlijiet li min żmien għal żmien isiru fil-każin. F'dan l-aħħar xahar beda proġett ta' renovazzjoni fejn ser jitwaħħal lift kif ukoll ser jinbdnew xi *toilets* ġodda fis-sular ta' isfel tal-każin. Fis-sala tal-kunċerti ser isir *sound proofing* u stallazzjoni ta' *air conditioners*. Dawn ix-xogħlijiet li ser ikunu jsiru jkunu ta' kumdità kemm għall-bandisti waqt il-kuncerti kif ukoll għal dawk li ser jiġu bżonn il-lift. Min hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor ħadmu biex dan il-proġett jirnexxi.

Bħal snin ta' qabel oħra nixtieq nispiċċa dan il-messaġġ bl-awgurju tiegħi għal festa mill-aqwa lill-kumitati, bandisti, membri tal-kor u l-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial. Nispera li jkollna festa ta' għaqda u ħbiberija bħal kull festa tal-Vitorja Melleħija.

Nixtieq min qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-poplu Melleħi speċjalment lill-anzjani u lill-morda li bħal issa ma jistgħux ikunu magħna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*

BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*



Set in Mellieha's
most amazing panorama
ViewPOINT
RESTAURANT
Opening 4th June
Mediterranean Cuisine serving fresh fish daily
Al Fresco
Open daily
from 7.30pm onwards
For Reservation
Tel:- 2152 1020
or e-mail
reservations@viewpointmalta.com
Panorama Hotel
Dun Belin Azzopardi Street,
Mellieha
www.viewpointmalta.com

# GROW YOUR BUSINESS

## TRANSFORM YOUR BUSINESS WITH A PROFESSIONAL WEBSITE

## FROM JUST EURO 95+Vat

### *OUR SERVICES:*

WEBSITE DESIGN / WEBSITE HOSTING / DOMAIN NAMES /
EMAIL SERVICES / CLOUD SOLUTIONS / WEB APPLICATIONS /
ONLINE BOOKING SYSTEMS / PAYMENT GATEWAY INTEGRATION /
E-COMMERCE SERVICES / CMS - ONLINE CONTENT MANAGEMENT /
SEO - SEARCH ENGINE RANKING OPTIMISATION / DATABASE SOLUTIONS /
FACEBOOK PAGE MANAGEMENT / ONLINE MARKETING STRATEGIES /
PORTAL DEVELOPMENT / MOBILE APPLICATION DEVELOPMENT

BOOK YOUR *www.companyname.com* before it's too late!!!

Free Basic Search Engine Marketing with every new website design.

We have ready-made solutions for:
- Property Developers & Real Estate Agents
- Travel Agencies
- Organisations & Clubs
- Photographers and Artists
- Restaurants & Bars
- Spas / Hair & Beauty Clinics
- Accommodation Services
- Radio & TV Stations

Contact Us for more information:

Ivan Vella (Foto Creative)
Office: 21578930
Mobile: 99824811
Email: info@fotocreative.com
Website: www.fotocreative.com

Microsoft Partner | Windows Azure | HTML 5 | ADWORDS QUALIFIED COMPANY Google | Google Developers | facebook developers

Ta' Peter

Bar, Restaurant &
Games Room

*Specialising in*
*Maltese Cuisine*
*&*
*Fresh Fish Dishes.*

Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537

**Christopher Sciberras**

**86 Triq l-Għoljiet**
**Il-Mellieħa**

Car & Truck Batteries
Delivered to your door

**7966 6623**

EUROMED
LIMITED
264, Main Street, Mellieħa MLH 2317

Atlas Group

Tied Insurance Intermediary for Atlas Insurance PCC Limited
and Atlas Healthcare Insurance Agency Limited

Insurance for Motor - Home - Travel -
Boat - Health - Businesses

Free Road Assistance for all
Private Comprehensive Vehicles
and reduced membership fees for all other
motor policies.

Contact Euromed today on:
2152 1025/6 to benefit from special discounts.

Euromed Limited in enrolled under the Insurance Intermediaries Act 2006 by enrolment number C 11199, to act as a Tied Insurance Intermediary for Atlas Insurance PCC Limited and Atlas Healthcare Insurance Agency Limited, which are authorized under the Act and regulated by the Malta Financial Services Authority. Atlas Healthcare Insurance Agency Limited act as agents for AXA PPP Healthcare Limited. The policies are underwritten by the companies concerned.

DAINTY
CLOTHING & FOOTWEAR

**Tel 21523538**

We accept
one 4 all
gift vouchers

TIMEZONE

SCOTCH & SODA



# Waslet il-Festa!!

**Carmen Cini**
*Kumitat Nisa*

Veru li f'nofs Awwissu speċjalment ġol-Mellieħa, tibda tinħass l-arja tal-festa, imma dawk li jorganizzawha jkunu ilhom jaħdmu qatiegħ biex din tkun suċċess.

Forsi hawn min jgħid - "M'għadx baqa' żmien għall-festi". Ngħid il-verità f'dawn iż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom, postijiet ta' divertiment hawn ħafna imma l-ispirtu tal-festa huwa xi ħaġa li jdum biex imut.

Nibdew bin-novena fil-knisja. Ħafna huma dawk li jippruvaw ma jitilfux waħda u kemm jgħiduha bil-qalb it-talba tan-novena lill-Bambina. Veru li m'għadekx tara dawk in-nies jimxu mal-marċ imma tista' tgħid li ftit huma dawk li ma joħorġux minn djarhom biex jaraw il-banda għaddejja. L-isbaħ parti tal-baned hija xħin iż-żewġ baned tagħna jiltaqgħu fil-pjazza sabiħa tagħna. Tara familji jifirħu b'xulxin u kultant tisma 'l min ilissen, "Kif intom? Ilna sena ma naraw lil xulxin."

Imma l-qofol tal-festa huwa l-ġurnata tal-festa speċjalment il-mument sabiħ li toħroġ il-vara tal-Bambina fuq iz-zuntier tal-knisja. Dak il-ħin fl-isfond tal-murtali, il-pjazza tinfexx f'ċapċip u l-espressjonijiet fuq kull min ikun preżenti huma xi ħaġa li ma tintesiex. Dak il-ħin tilmaħ xi anzjana tiffissa għajnejha lejn il-Madonna u tistħajjilha qed tgħidilha, "Grazzi Madonna li tajtni x-xorti nerġa' narak sen'oħra. Ma tonqosx xi demgħa f'għajnejn xi emigranti li bir-raġun ikunu ħallew iż-żjara tagħhom ġol-Mellieħa għal dan il-perjodu. Wiċċ it-tfal, ġeneralment fuq spallejn il-ġenituri tagħhom, ikun jixgħel bil-ferħ u jalla li dawn il-mumenti sbieħ ma jinsewhomx. Tara wkoll xi turisti jħarsu lejn dawk preżenti li għalkemm jaħsbu li l-festa hija xi tradizzjoni, jirrealizzaw li hemm ukoll fidi sħiħa.

Nistħajjilkom tgħidu, "Imma dan x'għandu x'jaqsam mal-għaqda tagħkom?" Daż-żgur li għandu x'jaqsam. Kieku ma jkunux l-għaqdiet u l-kumitat tal-Knisja Parrokkjali flimkien li jaħdmu biex il-festa tkun suċċess nibża' li xi darba dawn il-festi u tradizzjonijiet jistgħu jispiċċaw. Min-naħa tal-Għaqda tagħna nwegħdukom li nibqgħu dejjem naħdmu.

Għalkemm ma tkellimtx fuq ix-xogħol li jsir mill-Kummissjoni Nisa, naf li intom ċerti li x-xogħol baqa' għaddej l-istess. Ta' dan nirringrazzja lil sħabi li dejjem naħdmu id f'id biex nagħtu dak li nistgħu lis-Soċjetà tagħna.

Ma nistax nispiċċa dan il-messaġġ mingħajr ma niftakar fi sħabna morda u anzjani li ma jistgħux igawdu l-festa magħna kif jixtiequ. Min hawn insellmulhom u nawguralhom is-saħħa.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Kumitat u l-membri tal-Għaqda Mużikali Imperial, l-għeżież emigranti li hawn fostna u l-Melleħin kollha.

Viva Marija Bambina.




Flats to Let: "The Pinnacle"
Tel: 9921 4473
Schere
Home Essentials


Schere Complex
Spa, Hair and Nail Salon
Cafe Bar
Schere Complex - St. Anne Street - Mellicha
T: 2152 2904 - M: 7752 2904
E: scherespa@gmail.com - F: schere mellicha malta
URL: www.scheremalta.com

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**

# L-aħħar tnax-il xahar...



**Mro Anthony Borg**
***Surmast***

Kif huwa mistenni minn kull Għaqda Mużikali, il-ħidma ewlenija tagħha għandha tkun marbuta mal-mużika. Għalhekk l-attività mużikali fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial ma taqta' xejn. Xtaqt li dan il-kontribut tiegħi fil-ktejjeb li ta' kull sena l-Għaqda Mużikali Imperial toħroġ fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina nagħti rendikont fil-qosor dwar il-ħidma mużikali ġewwa l-Għaqda tagħna matul dawn l-aħħar tnax-il xahar.

## Banda u Kor

Kif wieħed jista' jara aktar 'il quddiem fid-djarju tal-Għaqda tagħna li qed jiġi mitbugħ f'dan il-ktejjeb, wieħed jista' jinnota li l-attivitajiet mużikali, kemm tal-Banda u kemm tal-Kor, huma mferrxa matul ix-xhur kollha tas-sena. Ma' dawn wieħed irid ukoll jieħu inkonsiderazzjoni l-provi li jsiru tal-anqas darba fil-ġimgħa u xi drabi aktar ukoll, tul is-sena kollha. Fost oħrajn, xtaqt insemmi tliet programmi partikolari li kellna matul din is-sena.

Il-Kunċert Korali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial li sar f'Diċembru li għadda, ġewwa l-Bitħa tal-Palazz Presidenzjali fl-okkażjoni tal-Erbgħin Sena mit-twaqqif ta' Malta Repubblika. Kburin ħafna li f'dan il-Kunċert daqqejna xogħlijiet ta' kompożituri Melliħin f'post daqshekk importanti li ġie segwit b'interess mill-udjenza preżenti.

F'Mejju li għadda, bħala parti mill-*Mellieħa International Music Festival*, fejn tellgħajna kunċert strumentali bħala *Massed Bands* flimkien mad-*Doncaster International Concert Band* - Banda magħmula minn mużiċisti mid-*Doncaster Concert Band* (minn Yorkshire fir-Renju Unit), mill-*Eynsford Concert Band* (minn Kent fir-Renju Unit) u mill-*Music All de Limonest* (viċin Lyon fi Franza). Kienet esperjenza mużikali mill-isbaħ li jalla jkollna aktar minnhom 'il quddiem.

F'Lulju li għadda, il-Kor Imperial, taħt it-tmexxija tad-Direttriċi tal-Kor Shirley Helleur, ġie mistieden mill-Banda Pompei ta' Marsaxlokk biex jieħu sehem waqt kunċert mużikali li jfakkar il-Ġublew tal-Fidda tal-istess Banda. Kienet l-ewwel darba li l-Kor Imperial ħa sehem waqt programm mużikali ma' Banda oħra Maltija. L-eżekuzzjoni mpekkabbli tal-Overture 1812, flimkien mal-istess Banda, kienet ta' ġieħ għall-istess Kor, għad-Direttriċi tiegħu u għall-Għaqda tagħna.

## Tagħlim tal-Mużika

Matul l-aħħar sena komplejna tejjibna t-tagħlim tal-mużika. Minbarra t-tagħlim tal-istrumenti tal-injam, tar-ramm u tal-perkussjoni, introduċejna wkoll il-kors tat-teorija tal-mużika għall-istudenti li qegħdin jitgħallmu l-mużika, u offrejna wkoll din l-opportunità lill-bandisti u lill-membri tal-Kor. Matul din is-sena ser inkomplu nieħdu inizjattivi oħra biex inkomplu ntejbu l-kwalità tat-tagħlim tal-mużika fl-Għaqda. Filwaqt li nrodd ħajr lill-Għalliema, inħeġġeġ aktar persuni biex jitgħallmu l-mużika u jieħdu l-opportunità li jagħmlu użu minn dan is-servizz li l-Għaqda Mużikali Imperial toffri mingħajr ħlas.

## Tagħmir u Faċilitajiet Mużikali

Din is-sena l-Kumitat kompla jinvesti bil-kbir, kemm direttament fil-Banda u kif ukoll fil-faċilitajiet mużikali tal-Każin. Inxtraw numru sabiħ ta' strumenti tal-perkussjoni, li tant kienu meħtieġa mill-Banda tagħna. Issa ser inkunu f'pożizzjoni li nesegwixxu xogħlijiet mużikali ġodda li sal-lum ma kienx possibbli li nesegwixxu minħabba li ma kellniex dawn l-istrumenti. Barra minn dan illum nistgħu noffru opportunitajiet ġodda, kemm lill-istudenti u kemm lill-mużiċisti tal-perkussjoni li sal-lum ma konniex f'pożizzjoni li noffrulhom.

Ma' dan wieħed irid isemmi li s-sala tal-Kunċerti ser issir aktar aċċessibbli bl-istallazzjoni ta' lift mis-sular ta' isfel. Ser titwaħħal ukoll sistema ta' arja kondizzjonata fl-istess sala biex tkun aktar komda,

speċjalment fil-jiem sħan tas-sajf. Ma' dan wieħed irid iżid it-titjib infrastrutturali li qed isir biex is-sala tal-kunċerti tkun aktar addattata għall-ħtiġiet mużikali tal-Banda u tal-Kor. Prosit u grazzi lill-Kumitat Direttiv ta' dawn l-inizzjattivi kollha.

Komplejna kabbarna l-librerija mużikali kemm b'mużika korali kif ukoll b'mużika strumentali. Illum nistgħu ngħidu li għandna librerija mużikali varjata, li taqdi l-ħtiġiet mużikali kollha li għandha bżonn l-Għaqda tagħna. Din is-sena bdejna l-ikkatalogar tal-Arkivju Mużikali, proċess delikat li jitlob ħafna ħin u ħafna paċenzja. Nixtieq inrodd ħajr lil dawk kollha li qed jagħmlu dan ix-xogħol b'imħabba u dedikazzjoni.

Din il-ħidma hekk kbira qatt ma setgħet tkun possibbli mingħajr il-ħidma u d-dedikazzjoni ta' ħafna nies. Għalhekk nixtieq nirringrazzja u nuri l-apprezzament tiegħi lil kull min b'xi mod jew ieħor ta s-sehem tiegħu biex setgħet titwettaq din il-ħidma hekk siewja b'risq l-għaqda tagħna.

Il-Festa t-tajba.

SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE



Opening hours:
Mon – Tues 07.00 – 18.00
Wed 07.00 – 13.00
Thurs - Fri 07.00 – 18.00
Sat 07.00 – 14.00
Sun Closed

Ġo Ġo
MINI MARKET
**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
**Free Deliveries**

SALA IMPERIAL
(mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

*Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:*
*21 523467 u 21 520536*




Situated directly opposite Malta's largest sandy beach, Tramun Taghna offers an a' la carte dining experience in a beautiful setting. It is open from lunchtime till dinner and also serving coffees, sweets and light snacks in the afternoon. Choose your favourite cut of meat from our display and our chefs will cook it to perfection whilst you relax and enjoy the view.



**FREE PARKING AVAILABLE FOR ALL OUR GUESTS**

db Seabank Entertainment Complex, Marfa Road, Mellieha Bay, Mellieha
T: 2289 1774 - 2289 1000 E: tramuntaghna@dbhotelsresorts.com


servizz bankarju sigur
Steve għadu kif ġie infurmat b'pagament permezz ta' SMS. Hu jirċievi pagamenti faċilment mill-mobile tiegħu. Permezz tal-BOV Mobile tista' tittrasferixxi flusek mill-mobile, tkun fejn tkun.
Sempliċi u sigur!
BOV Bank of Valletta
irċievi pagamenti bil-BOV Mobile
impenn lejn is-suċċess tiegħek
Steve Farrugia
Drummer, Airport Impressions
BOV MOBILE
2131 2020 | bov.com
NIŻŻEL L-APP B'XEJN MINN
Available on the App Store
ANDROID APP ON Google play
Android hi trademark irreġistrata ta' Google Inc.
Termini u kundizzjonijiet japplikaw.
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130
BOV
Bank of Valletta


Mellieha Holiday Centre
The perfect venue for your dream Wedding
Mellieha Holiday Centre
Great Dane & Dynasty Restaurants
For further information please contact Inez Cutajar our events co-ordinator on 22893000
E: info@mhc.com.mt | W: www.mhc.com.mt

**J. Vella**

Għal
kull xogħol
ta' kisi, żebgħa
u tikħil fuq il-fil.

200, Triq Vincenzo Ciappara,
Il-Mellieħa - Malta
**Mob: 9949 5126**




**IR-RAZZETT FRUIT SHOP**

**BEST QUALITY FRUIT AND VEGETABLES!!**

244, Main Street, Mellieħa
2152 1473 / 9944 6545





# Ħidmet iż-Żgħażagħ fis-Soċjetà

**Clayton Vella**
*Sezzjoni Żgħażagħ*

Għaddiet sena oħra u żmien il-festa reġa' magħna u għalhekk qed nerġa' nikteb dawn iż-żewġ versi dwar ix-xogħol li jsir mis-Sezzjoni Żgħażagħ matul is-sena ġewwa l-kazin.

Nixtieq nibda dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lis-Sur Christian Tonna li kien ta' għajnuna kbira s-sena l-oħra fis-sorpriża li għamilna għall-festa f'għeluq il-25 sena mit-tqegħid tal-arma l-ġdida. Minn hawnhekk ngħidlu prosit tal-kapaċità tiegħu u nawguralu kull suċċess fil-karriera tiegħu.

Hekk kif beda riesaq ix-xahar ta' Diċembru saret laqgħa rigward il-wirja tal-presepji fejn ġie deċiż li għal din is-sena terġa' ssir fis-sala ewlenija tal-każin. Bdew id-diskussjonijiet mas-Sur Edmund Camilleri u mas-Sur Michael Cauchi rigward id-disinn tal-prespju mekkanizzat biex ikun differenti mis-snin ta' qabel. Infatti din is-sena saret katina ġdida mekkanizzata fejn jimxu l-pasturi li kienet tinvolvi ħafna xogħol rigward mekkanizzar. Tkellimna wkoll ma' diversi esebituri li xtaqu jesebixxu f'din il-wirja. Lejn nofs Novembru beda l-armar tal-presepju mekkanizzat u għall-bidu ta' Diċembru mbagħad ġew il-kumplament tal-presepji u ġie finalizzat l-armar fuq il-presepju l-kbir. Din is-sena, in-nisa fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ ħadu ħsieb jippreparaw ukoll xi pasti ta' żmien il-Milied li nbiegħu waqt il-wirja. Il-wirja ġiet miftuħa u mbierka mill-Kappillan nhar is-Sibt 13 ta' Diċembru u damet miftuħa sal-1 ta' Jannar. Fil-21 ta' Diċembru għamilna *private* biex immorru nżuru diversi presepji madwar Malta. Il-konkorrenza kienet sabiħa.

Wara li għaddiet il-wirja tal-Presepji u ġie żarmat kollox, beda x-xogħol fuq il-katalogar tal-mużika kollha li għandna ġewwa l-arkivju. Dan kien jirrekjedi ħafna xogħol, fejn il-mużika kollha kellha tinħareġ mill-arkivju u titpoġġa fis-sala fejn mbagħad kull biċċa mużika ngħatat ittra u numru skont kif kien imniżżel fil-kompjuter mis-Sur Geoff Thomas. Wara li l-mużika kollha kienet lesta, din reġgħet iddaħħlet fl-arkivju, din id-darba skont l-ittra u n-numru li ngħatat.

Apparti l-programm ta' Jum il-Kunsill ġewwa l-Imġarr u ta' Ħadd il-Palm ġewwa l-Mellieħa, li t-tnejn jirrikjedu ħafna preparamenti kemm mużikali kif ukoll manwali, bħal ġarr ta' leġijiet u strumenti tal-perkussjoni minn post għall-ieħor, din is-sena waqt l-*International Band Festival* il-banda tagħna ħadet sehem fi programm konġunt ma' Doncaster International Concert Band. Dan kien jirrikjedi ħafna preparamenti mużikali fejn, apparti l-mużika għall-banda tagħna, kellha tiġi ppreparata wkoll il-mużika għall-Banda mistiedna, peress li daqqejna l-programm kollu flimkien. Wara li għadda l-festival, kien imiss il-programm ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ fejn dan tal-aħħar ukoll kien jirrikjedi diversi preparamenti f'qasir żmien.

Iż-żmien jgħaddi u reġa' wasal żmien il-festa u għalhekk dan iġib miegħu żmien il-ġbir. Dan jirrikjedi diversi sagrifiċċji u ta' min wieħed isemmi li llum il-ġurnata mhux faċli li ssib żgħażagħ biex joħorġu għall-ġbir għax kulħadd b'impenn jew ieħor, ħafna minnhom għax ikunu xogħol. Imma b'daqsxejn sagrifiċċju minn kulħadd dan dejjem sar ukoll fi sfond ta' ħafna diffikultajiet u mpenji oħra fl-istess żminijiet. Meta x-xogħol jitqassam fuq diversi nies isir iżjed malajr u ma jkunx hemm tbatija għax il-piż jintrefa' bejn kulħadd. Attività oħra li saret din is-sena u li kienet tinvolvi b'mod attiv ukoll liż-żgħażagħ kienet l-*Apple Strudel* li saret waqt l-Iljieli Melleħin. Din kienet tinvolvi ħafna xogħol u dħalna wkoll fil-Malta Records bit-tul finali jkun ta' 404 piedi u 4 pulzieri. Il-qliegħ kollu minn din l-attività mar għall-Malta Community Chest Fund.

Nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn billi f'ismi u f'isem sħabi tas-Sezzjoni Żgħażagħ nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u nħeġġeġ lil sħabi biex ikunu aktar preżenti fl-attivitajiet li jsiru matul is-sena, ħalli b'hekk ikun hemm inqas tbatija u aktar ftehim u għaqda.

Viva Marija Bambina u Viva l-Banda Imperial!



# Imperial Choir 2015

**Shirley Helleur** B.A, L.R.A.M, L.T.C.L, P.G.C.E
*Director of the Imperial Choir*

For the last nine years the ladies of the Imperial Choir have heard me drone on about the importance of commitment and responsibility to an organisation like ours. I came across an article on the internet recently which included the membership details for an American choir. All members of this particular choir had to accept these rules before joining, so I thought that I would see how our ladies would shape up. Would they pass the test?

1. You must respect your fellow choir members and treat them with kindness.
   Generally we succeed very well here. The ladies are very supportive of each other in times of need and rally round to help in times of trouble. They are also pretty good at celebrating happier events together.
2. Everything that the choir does is a group effort and every member plays an important role within the entire programme.
   How very true this is and it is a point that I stress all of the time. If one singer is missing from a choir rehearsal or concert then we all feel her absence, both musically and personally. We are all of equal importance, be we a soloist, rank and file singer or conductor, and successful performances are based on hard work in the rehearsal room.
3. You must conduct yourself with your best manners and make responsible decisions during rehearsals and performances.
   I'm sure that we all try to do our level best when in public to uphold the values of the choir and the club. At rehearsals, behind closed doors, then I admit that I have been known to snap and moan at the singers in a rather unmannerly way on occasions, although always with their best interests at heart. What about the singers themselves? I wouldn't dream of commenting on their manners. We all have our moments - enough said!
4. You are allowed 3 absences for any reason from rehearsals.
   What a crazy rule! There can be very few conductors who would go along with this. Could you imagine me giving permission for singers to miss choir in order to watch TV or go to Paceville? Generally speaking, our choir members miss very few rehearsals and then absence tends to be for reasons of work, family commitments or illness. The choir is important to us all and we need full rehearsals if we are to progress as a unit.
5. You may be subject to sanctions if you are late to rehearsals and should be in your seat 5 minutes before the start of a rehearsal.
   There could be quite a few singers I could name who find timekeeping a bit of a problem. I work to English time (always early) and many of the ladies work to Maltese time. (I don't need to say more than this!) I'd like to say that we're getting better in this respect but there is still room for improvement as rehearsal time is always very limited.
6. You must keep your music in a folder and bring a pencil to each rehearsal.
   Bravo ladies! We are pretty good at organising our music now and some singers always have pencils. The alto section has recently discovered the benefits of coloured marker pens so their scores are works of art now.
7. Your dress should not distract or offend other singers.
   What a strange rule. How could a group of ladies possibly agree on this? No chance. (There have been some particularly offensive socks I could comment on, but won't.)
8. You should help to clear up after the rehearsal.
   What a great help this is for any musical director. It is one less thing for me to concern myself with and it is only fair that we should

all muck in as we are all equal members of the group.

9. You will behave with maturity at all times.
   We are all guilty of breaking this rule in the rehearsal room. If you could be a fly on the wall you just wouldn't believe the antics of some of these singers. In public, however, butter wouldn't melt in their mouths. When the occasion demands it, the ladies behave impeccably.
10. You should arrive at concerts fully dressed with no nail polish or unnatural hair colouring.
    The ladies always do their best to arrive fully dressed but, over the last 12 months, we have had some serious uniform malfunctions, often in front of unsuspecting audiences. We have learned that it is a very good idea to try on the choir's dress a few days before the concert in order to avoid any nasty shocks! As far as trying to limit make-up and hair dyes; there is no possibility of this happening. The ladies love the chance to dress up and look glamorous and I wouldn't dream of stopping them. Feeling good about their appearance can only enhance their musical performance.
11. You must not distract your fellow singers or musical director from achieving a productive rehearsal.
    I wonder if this includes eating sweets, gossiping, checking texts or just being nosey? I don't think a group of ladies can possibly keep this rule. They try to, but they are so inquisitive and are such a sociable unit.
12. You have a responsibility to yourself and to other members of the choir.
    This final rule really says it all. If the singers have a responsible attitude and respect for their fellow musicians then all should be well for the choir.

As we approach the busiest time of year for the Imperial Choir, with so many musical activities and different programmes to prepare and perfect, the need for commitment couldn't be more vital. These rules were drawn up for a children's choir but many of the principles also apply to adults.

Ladies, thank you for your efforts during the past 12 months, for your support, warmth and good humour. Commitment is vital if we are to continue to improve as a group and to achieve our full potential. We all appreciate that it is often difficult to juggle the needs of family and work and yet, most of the time, we manage it. Well done and congratulations on the performances of this year so far.

**Marianna Stationery**

**Pjazza tal-Parroċċa**
**Il-Mellieħa**
**Tel: 21 523468 / 21 522267**

Issibu: Gazzetti, *Cards*, *Stationery*, Rigali, Ganutell, *Pergamano*, Eċċ.

**SANTA MARIA**
**Service Station**
Prop. B. & O. Farrugia

**Car wash**
**Valeting**
**Internal Steam**
**Vulcanising & Wheel Balancing**
**Batteries & Car Accessories**
**Car Repairs & Servicing**



MELLIEĦA GARAGE

RENT-A-CAR

SELF DRIVE CARS AND TAXI SERVICE
SELF CATERING APARTMENTS & VILLAS
151, Dr. Ġ. Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020, Malta
Tel: 2157 3134 Tel/Fax: 2157 3587 Mobile: 9949 9362
E-mail: melliehagarage@onvol.net

SAMMY BUTTIGIEG
ĊIKKIES
FRUIT WHOLESALER
Eggs, Vegetables and Fruit Supplier to Hotels, Caterers and Vendors.
Il-Mitħna, St. Luke Str., Mellieħa, MLĦ 1150 Mob: 9988 3773 Tel: 21 523497, 21 520615

Il-Bar tal-Każin
tal-Banda Imperial
*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb*
*jew għal ikla ġenwina*
*(tistgħu tordnaw fniek u laħam taż-żiemel)*
***7, Pjazza tal-Parroċċa, il-Mellieħa***
***Tel: 2152 3467***
*Il-familja Gauci*
*tawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.*



# Kelmtejn mill-Għalliem

Philip Schembri

Waqt li qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn tiegħi għall-Festa ta' din is-sena, ma nistax ma nikkummentax dwar id-diżappunt u l-isfortuna li sofrejna bħala Soċjetà u l-poplu kollu Mellieħi meta bħal leħħa ta' berqa xterdet l-aħbar li l-maħbub Surmast tagħna Tonio kellu jidħol malajr l-isptar. Dan kien eżatt fil-qofol tal-festa li għaddiet, fl-aħħar tlitt ijiem. Fuq fomm kulħadd kien jinħass u jidher ċar sinjal ta' dieqa għax il-poplu Mellieħi kollu jaf kemm Tonio jaħdem u jirsisti matul is-sena kollha speċjalment għall-Festa. Għalkemm il-Festa xorta waħda rnexxiet, aħna ħassejna ħafna n-nuqqas tiegħu.

X'inhi l-Banda Imperial mingħajr Tonio? Però, jidher li Ommna Marija Bambina ħadet ħsiebu u ndukratu sewwa u ta' dan nirringrazzjawha għax Alla jbierek wara ftit taż-żmien rikoverat Tonio rega' lura l-każin u fl-opinjoni tiegħi b'iktar ħegga. Hawn nappella lil kulħadd, speċjalment lil min hu nvolut fil-banda, biex bħalma dejjem għamilna nkomplu ngħinuh fit-tmexxija tal-banda tagħna, filwaqt li nawgurawlu s-saħħa u ħafna aktar snin ta' ħidma siewja fi ħdan is-Socjetà tagħna.

Nieħu l-okkażjoni u nappella lill-Poplu Mellieħi sabiex bħal dejjem jattendi bi ħġaru għall-attivitajiet tal-festa, speċjalment għall-Kunċert tat-2 ta' Settembru. Din is-sena erġajna għandna programm imħawwar sewwa li ser jolqot il-gosti ta' kull min jattendi.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial

HORACE ENTERPRISES LTD.
Trophies & Sports Goods
Importer & Wholesaler

Horace Micallef
Director

70, Triq Raymond Caruana, Gudja GDJ 1012 - Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt


SUPER LINE
VET ALSO AVAILABLE
FEEDS & GARDEN CENTRE
St, Joseph Street, Mellieha
Tel: 21 523060 - Mob: 9982 3107 - 9947 4700


Kathleen Buttigieg
Beauty Therapist
53, Triq tal-Brag, Mellieħa MLH 2471
Tel: 2152 1196
Mob: 9984 0472
Email: butkat@gmail.com


MARIO GAUCI
Fruit & Vegetable Seller
10, South Street, Mellieħa
Daily vendor selling at St. Paul's Bay and Mellieħa
Mob: 9945 5717



# Djarju 2014 - 2015

**Mit-22 t'Awwissu sad-9 ta' Settembru 2014**
Programm t'attivitajiet organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina fil-Mellieħa.

**31 t'Awwissu 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

**1 ta' Settembru 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm vokali u strumentali tal-festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

**4 ta' Settembru 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-programm mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-festa mis-Soċjetà Filarmonika La Vittoria.

**5 ta' Settembru 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti Mellieħa fil-Mellieħa Sports Club.

**6 ta' Settembru 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Mellieħa Sports Club.

**10 ta' Settembru 2014**
Sar il-funeral ta' Charles Muscat, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**10 ta' Settembru 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

**1 ta' Ottubru 2014**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**5 ta' Ottubru 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar tal-Mellieħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**21 ta' Ottubru 2014**
Fis-sala tal-Każin saret laqgħa ta' informazzjoni għal dawk il-ġenituri li t-tfal tagħhom ser jibdew jitgħallmu t-teorija fil-każin.

**5 ta' Novembru 2014**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**8 ta' Novembru 2014**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja, organizzata mill-Għaqda Każini tal-Baned. Wara, id-delegazzjoni ħadet sehem fl-isfilata tal-Baned.

**9 ta' Novembru 2014**
Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Parrokkjali għal ruħ il-mejtin kollha tas-Soċjetà Imperial. F'din il-quddiesa ħa sehem il-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-ċimiterju fejn indaqqet fanfarra mill-membri tal-Banda Imperial, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.

**18 ta' Novembru 2014**
Sar il-funeral ta' Ġużeppa Cauchi, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**21 ta' Novembru 2014**
Il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa għand

is-Sorijiet tal-Klawsura fil-kunvent ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal din l-okkażjoni.

**28 ta' Novembru 2014**

Saret l-ikla annwali għall-bandisti u membri tal-Kor Imperial flimkien mal-familjari tagħhom fil-Każin.

**3 ta' Diċembru 2014**

Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**5 ta' Diċembru 2014**

Il-Banda Imperial flimkien mal-Kor Imperial esegwew programm mużikali fil-bitħa tal-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, fl-okkażjoni tal-40 sena anniversarju ta' Malta Repubblika. Dan il-programm ġie imtella' bil-kollaborazzjoni tal-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali Maltin flimkien mal-Għaqda Każini tal-Baned.

**8 ta' Diċembru 2014**

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Kunċizzjoni ċċelebrata f'Bormla.

**13 ta' Diċembru 2014**

Ftuħ uffiċjali tal-Wirja ta' Presepji mtellgħa mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-wirja damet miftuħa sal-1 ta' Jannar 2015.

**17 ta' Diċembru 2014**

Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal ftuħ ta' wirja imtellgħa mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali Maltin flimkien mal-Għaqda Każini tal-Baned fejn l-għaqda tagħna ħadet sehem bil-wiri tal-Bandalora, Standard u xi ritratti ta' attivitajiet. Il-wirja nfetħet mill-President ta' Malta. Il-wirja damet miftuħa sal-21 ta' Diċembru 2014.

**18 ta' Diċembru 2014**

Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa l-Mellieħa Holiday Centre.

**21 ta' Diċembru 2014**

Ħarġa kulturali organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Għaqda Mużikali Imperial fejn morna naraw wirjiet tal-presepji kif ukoll il-wirja mtellgħa mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali li kienet qiegħda ssir ġewwa l-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta li l-Għaqda tagħna kienet qiegħda tieħu sehem ukoll.

**21 ta' Diċembru 2014**

Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa r-Ramla Bay Hotel, l-Armier.

**22 ta' Diċembru 2014**

Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa l-Panorama Hotel, fil-Mellieħa.

**24 ta' Diċembru 2014**

Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied quddiem il-każin tal-istess Għaqda.

**26 ta' Diċembru 2014**

Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.



**26 ta' Diċembru 2014**

Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa l-Maritim Antonine Hotel & Spa, il-Mellieħa.

**28 ta' Diċembru 2014**

Il-Banda Imperial esegwiet programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa r-Riviera Hotel, fil-Marfa.

**28 ta' Diċembru 2014**

Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied ġewwa r-Ramla Bay Hotel, l-Armier.

**4 ta' Jannar 2015**

Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fid-Dar tal-Anzjani, fil-Mellieħa.

**5 ta' Jannar 2015**

Waqt seduta tal-Kumitat Direttiv, il-kumitat reġa' ġedded l-appalt tal-bar lis-Sur Peter Gauci għas-snin 2015 u 2016.

**7 ta' Jannar 2015**

Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**24 ta' Jannar 2015**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal programm imtella' mill-Aġenzija Żagħżagħ ġewwa s-sala fl-MCAST ta' Raħal il-Ġdid. Waqt din is-serata ngħataw il-fondi tal-iskema għat-tagħlim tal-mużika ġewwa l-każin.

**4 ta' Frar 2015**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**8 ta' Frar 2015**
Il-Banda Imperial esegwiet programm mużikali fis-sala tal-Iskola tal-Imġarr, fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Imġarr' organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta. Jakkumpanjaw lill-Banda kien hemm il-Kor Regina Coeli tal-Imġarr.

**20 ta' Frar 2015**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għal-laqgħa ġenerali mill-Għaqda Każini tal-Baned fil-bini tal-Għaqda ġewwa l-Ħamrun.

**20 ta' Frar 2015**
Sar il-funeral ta' Martin Spiteri, membru tal-każin ġewwa l-knisja tal-Kuncizzjoni fil-Ħamrun. Membri tal-kumitat attendew waqt il-funeral.

**27 ta' Frar 2015**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' pitturi bl-isem ta' 'Wirja b'Mudelli ta' Karozzi Kollettibbli' ġewwa l-Każin tal-Banda La Vittoria.

**4 ta' Marzu 2015**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**11 ta' Marzu 2015**
Fl-okkażjoni tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, bil-kollaborazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa, ġewwa l-każin ġie organizzat qrar minn Patri Dijonisju Mintoff.

**16 ta' Marzu 2015**
Sar il-funeral ta' Joseph Vella, membru tal-każin. Indaqqet fanfarra u membri tal-kumitat akkumpanjaw waqt il-funeral.

**25 ta' Marzu 2015**
Fuq stedina mill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria, delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-inawgurazzjoni tal-Mejda tal-Appostli fl-istess Każin.

**29 ta' Marzu 2015**
Kunċert annwali mill-Banda u l-Kor Imperial fis-sala tal-Kulleġġ Marija Reġina tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.



**1 t'April 2015**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**3 ta' Mejju 2015**
L-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem waqt attività imtellgħa mill-Mellieħa Sports Club Supporters Club biex jinġabru flus b'risq Doctor Clown. Is-sehem tal-każin kien li ħadna sehem bit-team tat-*Tug-Of-War*.

**6 ta' Mejju 2015**
Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**9 ta' Mejju 2015**
Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-ftuħ ta' wirja ta' pitturi bl-isem ta' 'Against All Odds' imtellgħa mis-Sinjura Josette Fenech ġewwa l-Każin tal-Banda La Vittoria.

**29 ta' Mejju 2015**
Il-Kor Imperial esegwixxa programm waqt il-Mellieħa International Music Festival imtella' mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**29 ta' Mejju 2015**
Il-Banda Imperial flimkien mad-Doncaster International Band esegwixxew programm fil-Mellieħa International Music Festival imtella' mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa bħala *mass band*.



**3 ta' Ġunju 2015**

Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**7 ta' Ġunju 2015**

Daqq ta' fanfarra fil-purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

**10 ta' Ġunju 2015**

Sar il-funeral ta' Salvu Attard, bandist tas-Soċjetà Filarmonika La Vittoria. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw il-korteo mal-banda La Vittoria waqt il-funeral.

**12 ta' Ġunju 2015**

Daqq ta' fanfarra fil-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw waqt il-purċissjoni.

**25 ta' Ġunju 2015**

Il-Banda u l-Kor Imperial ħadu sehem waqt il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Pjazza tal-Parroċċa.

**1 ta' Lulju 2015**

Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**12 ta' Lulju 2015**

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

**14 ta' Lulju 2015**

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Sebastjan iċċelebrata f'Ħal Qormi.

**30 ta' Lulju 2015**

Kunċert mill-Kor Imperial flimkien mal-banda tal-Għaqda Mużikali Pompei f'għeluq il-25 sena mit-twaqqif tal-Banda u inawgurazzjoni tal-planċier ġdid. Dan il-kunċert sar f'Marsaxlokk.



**31 ta' Lulju 2015**

Is-Sur Andrew Farrugia, flimkien ma' membri mill-Każin tal-Banda Imperial, ippreparaw *strudel* tat-tuffieħ twila 404 piedi, it-tul tal-Pjazza tal-Mellieħa, waqt l-Iljieli Melleħin. Din ġiet esebita u mibjugħa fl-istess Pjazza nhar is-Sibt 1 t'Awwissu 2015. Dan ir-rekord ġie ċċertifikat uffiċjalment minn *The Malta Records*. Id-dħul kollu minn dan il-bejgħ mar għall-*Malta Community Chest Fund*.

**2 t'Awwissu 2015**

Kunċert mill-Kor Imperial fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni tal-Iljieli Melleħin organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

**5 t'Awwissu 2015**

Sar *coffee morning* ġewwa s-sala ewlenija tal-każin.

**14 t'Awwissu 2015**

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Mosta.

**23 t'Awwissu 2015**

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

**30 t'Awwissu 2015**

Il-Banda Imperial ħadet sehem fil-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.



CLIFFORD
Motoring School
& Motorcycle Towing

Mob: 9947 8908 • 9945 2994

WE TEACH ON MANUAL CARS
MALE & FEMALE QUALIFIED INSTRUCTORS
VERY PATIENT AND PROFESSIONAL
DOOR TO DOOR PICK UP/DROP DOWN SERVICE
HIGH PASS RATE
NO HIDDEN CHARGES
LESSONS ON INDIVIDUAL BASIS

WE DO PRACTICAL
TESTS IN MALTA & GOZO

ta' titta
confectionery

152, Triq il-Mitħna l-Ġdida
Mellieħa

Mob: 98127903



MT SERVICE STATION
MELLIEHA BYPASS - MELLIEHA
Tel: 2752 5200 Email: mtservicesmalta@gmail.com

your car deserves it!

We have a wide range of batteries along with 2 years warranty. No extra charges are applied when we change your car battery.

We offer a free carwash with every purchase of 4 tyres.

We stock various brands of tyres of all sizes at competitive prices and we change and repair all types of tyres, tubeless or with tube.

We sell various types of alloy wheels.

We check and top oil, brake fluid, airfilters, power steering fluid and windscreen washer fluid.





# Nifirħu Lil...

Dawk kollha li ngħataw l-Onorefiċenzi ta' Ġieħ il-Mellieħa, Rikonoxximent il-Mellieħa u Apprezzament il-Mellieħa. Dawn kienu s-Sur Paul P. Borg, is-Sur John Grima, is-Sinjura Maria Gauci, Għaqda Mellieħa Youths, is-Sur Joseph Vella, u l-Mellieħa Sports Club Football Nursery.

Gradwati kollha li ggradwaw fl-istudji rispettivi tagħhom. Nawgurawlhom is-suċċess kollu li ħadmu għalih matul dawn is-snin ta' studju.

Clyde Borg li kien mgħajjat mat-tim nazzjonali tal-futbol ta' Malta. Huwa fforma parti mit-tim li kiseb draw ta' 1-1 barra minn xtutna kontra l-Bulgarija.

Erica Galea li nħatret bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għall-Kunsill tal-Mellieħa. Bħala Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ għandha d-dritt tattendi għal-laqgħat tal-Kunsill, kif ukoll tkun involuta fid-diskussjonijiet.

Chantelle Incorvaja li bi proġett li għamlet bħala parti mill-kors tal-kompjuters tal-IKIDS, ġiet fl-ewwel post fost il-parteċipanti fit-Tramuntana ta' Malta.

Lis-sidien tar-ristoranti The Arches, Rebekah's, Essence, Commando, Baia Beach Club, Giuseppi's Wine Bar u lix-*chef* Marvin Gauci li rebħu diversi unuri waqt ir-Restaurant Awards 2015.

Steven Fenech li flimkien ma' Roxanne Buttigieg ġie l-ewwel fil-Latin American Class 2 Championship, fil-Ballroom Class 2 Championships u fix-Showdance Champioships. Dawn il-kompetizzjonijiet kienu jagħmlu parti mill-British Open Wheelchair Dance Championships li kienu organizzati ġewwa Stevenage fl-Ingilterra.

Tlett itfal mill-Mellieħa, Luke Brincat Stellini, Sean Debono u Matthew Deguara, li ġew magħżula mill-Malta Baseball & Softball Association biex jirrappreżentaw lil Malta fil-25 sena anniversarju tal-World Children's Baseball Fair li ttellgħet ġewwa Chiba, il-Ġappun. Dawn jittrejnjaw il-*baseball* mat-tim tal-Mellieħa taħt it-tmexxija tal-kowċ, is-Sur Ray Bartolo.

Micquella Galea li flimkien mal-Ing. Clifford de Raffaele ppreżentat *paper* bl-isem ta' 'Moving Towards Knowledge Creating Schools' u li biha rebħet l-*award* ta' *best paper* waqt l-International Conference on Web & Open Access to Learning li sar taħt l-awspiċju tas-Centre of Excellence for Innovation & Creativity ġewwa Dubai u tal-Unesco Communication & Information Section.

Kantawtur Mellieħi, Mark Anthony Cachia Sammut li rebaħ il-premju tal-aqwa kantawtur fil-festival L-Għanja tal-Poplu bil-kanzunetta 'Waqt li qed nitfi d-dawl'.

Kumitat organizzattiv tal-mixja ta' bejn Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira li għat-tnax-il sena konsekuttiva reġgħu organizzaw din il-mixja b'suċċess. Din il-mixja telqet mill-Mellieħa u waslet l-Isla u l-ġbir imur għall-kawża ta' Puttinu Cares Cancer Support Group. Din is-sena ħadu sehem 'l fuq minn 10,000 ruħ u nġabret is-somma ta' €98,000.

Brian Bartolo li ġie maħtur bħala l-kowċ il-ġdid tat-tim tal-kbar tal-Mellieħa Sports Club.



# Niftakru f'dawk li ħallewna

**Charles Muscat**
5 ta' Settembru 2014

**Ġużeppa Cauchi**
16 ta' Novembru 2014

**Joseph Vella**
15 ta' Marzu 2015

**Martin Spiteri**
19 ta' Frar 2015

**Ningħaqdu mad-Dinja kollha
ħalli nagħtu qima lill-**

# IMQADDSA VERĠNI MARIJA

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

## Agħtiha r-Rużarju bħala rigal

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ." -** il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna m'huwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII



# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda 2015

**Avv. Noel Camilleri**
***President Għaqda Każini tal-Banda***

Ħafna jaħsbu li l-ħidma tal-Għaqdiet u s-Soċjetajiet Mużikali hija limitata biss għall-festi tagħna. Imma ninsew illi l-impenn ta' dawn is-Soċjetajiet huwa mifrux matul is-sena kollha biex kif dejjem għamlu jibqgħu jservu bħala punt ta' referenza għall-ħajja fil-belt u r-raħal fejn huma mwaqqfa.

Din l-ħidma bla waqfien hija frott tax-xogħol volontarju li jsir minn ħafna nies matul is-sena kollha. Madanakollu hija realtà wkoll li l-element żgħażugħ ma jkunx daqstant b'saħħtu daqs kemm ikun fil-ġimgħat qrib il-festa partikolari li dik is-Soċjetà u Għaqda tiċċelebra inkollaborazzjoni mal-awtoritajiet ekklessjatiċi u ċivili.

Huwa proprju dan l-impenn żgħażugħ li kull Għaqda jew Soċjetà għandha tħeġġeġ u ssaħħaħ biex t-tradizzjonijiet tant sbieħ li għandna f'pajjiżna nkomplu nħarsuhom u nkabbruhom mingħajr eċċessi. Dan għandu jkun wieħed mit-tragwardi ewlienin ta' kull Għaqda u Soċjetà biex hekk dak li sar b'ħafna sagrifiċċju minn dawk ta' qabilna ma jintilifx. Madanakollu, għandna nkunu serji u dixxiplinati fit-twettiq ta' dan it-tragward għaliex ma rridux nippermettu ċerti elementi li fil-verità ma għandhom ebda konnessjoni mas-Soċjetajiet u Għaqdiet imma aktar moħħhom biex jirrovinaw il-ħajja taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Irridu nkunu aħna li nuru x'għandha tkun it-triq li hija ta' ġid għaż-żgħażagħ tagħna.

Huwa ta' sodisfazzjon li soċjetajiet u għaqdiet mużikali għadhom iżommu bħala l-pern tal-attivitajiet tagħhom il-banda u t-tagħlim mużikali. Dan huwa l-għan aħħari ta' kull għaqda bandistika liema għan għandu jkompli jitwettaq u jissaħħaħ anke b'kollaborazzjoni aktar wiesa' bejn l-għaqdiet mużikali. Mingħajr dan l-isforz ġenwin jista' jfisser aktar ostakoli għall-eżistenza tal-baned tagħna. Imma rridu wkoll nagħrfu li nagħtu element innovattiv lit-tagħlim serju u d-daqq tal-mużika biex it-tradizzjonijiet ma jispiċċawx imma nkunu nistgħu nagħtuhom libsa aktar attraenti għal udjenza akbar. Madanakollu rridu nkunu aħna bħala soċjetajiet u għaqdiet mużikali li niddeċiedu fejn nixtieqa mmorru u mhux inħallu min ma għandux verament għal qalbu l-ħidma hekk sabiħa u sfiqja tal-għaqdiet u soċjetajiet mużikali Maltin.

Huwa ta' sodisfazzjon tal-Għaqda li qegħdin naraw aktar sens ta' dixxiplina, kontabilità u integrità fit-tmexxija u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet li jsiru mill-għaqdiet u soċjetajiet mużikali. Dan ifisser li hemm il-kapaċità imma aktar minn hekk hemm ir-rieda li ma nippermettu lil ħadd li jħammeġ l-isem u t-tradizzjoniijiet tal-għaqdiet u soċjetajiet mużikali. Irridu wkoll inkomplu naġġornaw rwieħna imma fl-istess waqt inħarsu dak li lilna wellidna – li nkabbru t-tagħlim tal-mużika u l-ħidma favur il-kommunità – b'mod volontarju.

Għalhekk fil-waqt li f'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, inħeġġeġ li din tiġi ċċelebrata b'moderazzjoni u mingħajr esaġerazzjoni imma fuq kollox tkun festa li l-element reliġjuż jibqa' dejjem iċ-ċentru tagħha u li dina tkun iċċelebrata b'maturità u dixxiplina mingħajr ma jintesew l-elementi kulturali u tradizzjonali li huma wkoll fundamentali għaċ-ċelebrazzjoni tal-festi Maltin u Għawdxin.



# Kbirt mal-Banda Imperial

Anthony Caruana

Qed nikteb dan l-artiklu bħala l-aktar bandist anzjan ta' din il-Banda tant għażiża għalija, għal bosta Melleħin u ħutna oħra 'l barra mir-raħal. Għalkemm illum ngħodd kważi tmenin sena ndoqq mal-Banda Imperial, niftakar qisu lbieraħ meta missieri Ġużeppi kien beda jniżżilni l-każin li għalkemm kien jinsab fl-istess post tal-lum iżda kien ferm differenti. Dak iż-żmien niftakar li kien frekwentat minn bosta parruċċani Melleħin iżda niftakar li kont tara rġiel biss fil-każin għaliex il-mentalità ta' dawk iż-żminijiet kienet ferm differenti minn tal-lum. B'xorti tajba, iżda, iż-żminijiet inbidlu u llum il-ġurnata l-banda tiftaħar li għandha kumitat tan-nisa ferm ħabrieki u wkoll kor tan-nisa ferm organizzat u magħruf. Mal-medda taż-żmien ukoll il-banda għallmet u laqgħet fi ħdanha bosta bandisti nisa li dejjem għamlulha unur. Fil-fatt, għalkemm niftakar li sa mill-bidu nett il-Banda Imperial kellha numru ta' bandisti mdaqqas, illum il-banda hija mżejna b'diversi persuni, irġiel, nisa, xjuħ u żgħażagħ, u saħansitra tinkludi bandisti li, għalkemm mhux Maltin, illum iħossuhom parti sħiħa minn din il-Banda tant għal qalbna.



Nista' ngħid li rajt il-Banda tikber miegħi u tinbidel u jien kbirt mal-Banda. Niftakar b'għożża kbira ċ-ċelebrazzjonijiet ta' għeluq il-ħamsa u għoxrin sena, il-ħamsin sena u l-ħamsa u sebgħin sena mit-twaqqif tagħha. Niftakar ukoll b'għożża l-esperjenzi li kelli bħala bandist f'diversi rħula u bliet fejn il-Banda kienet tul is-snin tagħti s-servizzi tagħha, fosthom saħansitra niftakar żewġ okkażjonijiet fejn il-Banda tat is-servizz tagħha ġewwa Kemmuna. Dan kien fis-snin 1937 u 1938, u naħseb li ftit hawn illum li jiftakru dan. Niftakar li, dak iż-żmien, il-bandisti konna rkibna darba mit-Trunciera u darb'oħra mill-Marfa sabiex inkunu nistgħu naslu Kemmuna. Bħala banda konna bqajna Kemmuna minn lejlet il-festa sal-għada, sabiex inkunu nistgħu nagħtu s-servizz tagħna.

Tibqa' żgur ukoll għal qalbi l-okkażjoni meta ż-żewġ baned tal-Mellieħa ngħaqdu flimkien sabiex idoqqu għall-miġja tal-Papa Gwanni Pawlu II f'Malta, meta fil-fatt ġie jżurna fl-għażiż raħal tagħna l-Mellieħa.

Iżda fil-quċċata tal-memorji tiegħi tibqa' dejjem iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Marija Bambina li ta' kull sena bosta Melleħin u oħrajn jistennew bil-ħerqa sabiex, filwaqt li jagħtu l-qima li tixraq, fl-istess ħin jieħdu l-okkażjoni sabiex jiltaqgħu u jifirħu bl-għażiża Vitorja tagħna. U fil-fatt huwa għal din l-okkażjoni tal-Festa 2015 li erġajt qed nikteb dan l-artiklu qasir.

Illum il-ġurnata, li għalaqt il-91 sena, niżżi ħajr lil Alla u l-għażiża Marija Bambina ta' kemm żammew idejhom fuqi tul dawn is-snin kollha u talli sal-lum għadni niflaħ indoqq ma' din il-Banda tant għażiża għalija.

Nawguralkom minn qalbi festa mill-isbaħ.

Viva l-Banda Imperial.

Viva Marija Bambina.

Farmer's Fresh



Green Grocer

Fresh Fruit & Vegetables Daily

78, Main Street, Mellieħa
Tel: 21521599

Opening Hours
Mon - Sat 7.00am - 8.00pm
Sunday 8.00am - 8.00pm

Free Deliveries

HB MOTORS



Vehicle Repairs & Services
Tel: 21 520429
Mob: 9986 8092

20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa

Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha

MANUEL'S
GARAGE Co. Ltd.

Il-Mellieħa, Malta

Tel: **(+356) 21523472**
Mob: **(+356) 99493462**
Fax: **(+356) 21523600**
email: **manuelscarhire@hotmail.com**
Website: **www.manuelscarhire.com**

- ***TAXI & MINIBUSES***
- ***GENERAL CAR HIRE***
- ***APARTMENT (SHORT & LONG LETS)***
- ***FLATS FOR SALE***

Taxi nos.: OGY 888 & BVY 011





# Wheelchair Dancing

Pippa Roberts

Music and dance go hand in hand and after 13 years of dancing Steven Fenech is still going strong. With his new partner Roxanne Buttigieg they have taken part in Championships on a regular basis reaching the finals and also winning the British Championships in both Latin American & Ballroom. They also placed high in the Belgian & Dutch Championships.

Steve & Roxanne are extremely good ambassadors both for Wheelchair Dancing and Malta, as their down to earth approach wins the hearts of all who meet them and watch them dance. Recently with their coach Pippa Roberts they were invited to Austria to perform in Cabaret for the Austrian Dance Teachers Association at their Annual Conference & Dinner Dance receiving a four minute standing ovation from their dance peers. They also demonstrated during the lectures on Wheelchair Dancing and able bodied Latin American that Pippa Roberts gave during the four day Congress.



In August 2015 the German Open Championships (one of the largest DanceSport Championships in the world) held in Stuttgart by the WDSF hosted the first ever invitation Wheelchair DanceSport Standard Championship and the couple were invited to participate and were featured on the website of the event; truly an honour for the couple.



Steve & Roxanne are currently looking for sponsors to enable them to represent Malta in the International Paralympic Committee World Championships which are to be held in Rome, Italy in November. It is unfortunate that they always have to travel by air which puts Malta at a distinct disadvantage to those countries whose athletes can easily travel by car.

Any donations and support to help the couple participate in International Championships including the World Championships are welcomed. The couple are also available for demonstrations and shows. For further information contact the Malta Wheelchair DanceSport Association: maltawda@yahoo.co.uk or visit the website: www.maltawda.com.





# F'jum il-festa ta' Marija Bambina

Mario Fenech

F'dan il-jum lilek infaħħru
Għax ta' qalbna int Reġina
u għalhekk din il-festa kbira
F'jum twelidek Marija Bambina.

Daqq ta' qniepen għalenija
Tfal ikantaw għaliex henjin
Ir-raħal libes għal din il-festa
Kbira jagħmluha l-Melleħin.

Jiġu lura l-emigranti
Ilhom ħafna imsefrin
Qegħdin hawn isellmu lilek
Lkoll madwarek miġburin.

Qadim bosta s-Santwarju
Grazzji ħarġu qishom fwieħa
Int meqjuma bl-akbar għozza
Fis-Santwarju tal-Mellieħa.

Ġew żaruk mid-dinja kollha
Kollha ħarġu b'wiċċhom hieni
Kemm faħħruk għall-kobor tiegħek
Fosthom San Ġwanni Pawlu t-tieni.

Kbira Int għalkemm hekk ċkejkna
Int bla tebgħa tad-dnubiet
Protettriċi tal-familji
Inti d-dawl tal-ommijiet.

Ressaqna lejk bl-imħabba tiegħek
Kun il-ferħ u s-sabra tagħna
Nitolbuk sabiex tħarisna
U fit-talb tagħna 'smagħna.

Sena sħiħa kollha ħidma
Ippjanar kollox bil-qies
Biex fit-8 ta' Settembru
Fil-Mellieħa jiġu n-nies.

Fil-Każin tal-Banda Imperial
Jinstemgħu n-noti mużikali
Il-Knisja armata f'jum il-festa
Tal-kulur kaxxa nfernali.

Kollox lest għal din il-festa
Kbira u tixraq lil Reġina
Folla kbira lkoll tistenna
Biex tkanta l-innu tal-Bambina.

Fittex oħroġ minn ġot-tempju
Bierek lill-familji tagħna
Xerred fuqna l-grazzji Tiegħek
Għax ta' qalbna int Sultana.

Dħalt għalina biex teħlisna
Mit-tfixkil u mit-twegħir
Żammejt fuqna l-barka tiegħek
Ħaristna waqt l-Assedju l-Kbir.

Kemm faħħruk l-għorrief tad-dinja
B'titli sbieħ ta' glorja u stima
Għalhekk f'dan il-jum ta' festa
Lkoll ngħidu VIVA MARIJA BAMBINA.

Int sabiħa tarmi d-dija
Inti xempju tat-twajbin
Inti l-kenn tal-popli kollha
Inti l-Omm tal-Melleħin.

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*



# L-importanza tas-sostennibilità fl-Għaqdiet Kulturali

Clayton Bartolo
*Viċi Sindku*

Ftit taż-żmien ilu kienu ħafna minnha li bdejna nisimgħu dwar l-importanza tas-sostenibilità tal-għaqdiet kulturali, mhux biss dawk Melleħin iżda anke dawk ta' lokalitajiet oħra. Għal ħafna nies din kienet biss kelma li forsi tinstema' bħala bombastika, filwaqt li għall-oħrajn din kienet kelma li ttieħdet bis-serjetà.

Illum il-ġurnata, li għaqda tkun sostenibbli huwa importanti ħafna. Fi kliem sempliċi dan ifisser li kwalunkwe għaqda għandu jkollha l-finanzi tagħha mibnijin fuq sisien sodi bil-għan li l-għaqda tkompli tikber u tiżviluppa b'rata li kapaċi tkun sostnuta għaż-żmien li ġej. Matul dawn l-aħħar snin kienu diversi l-għaqdiet li rreġistraw irwieħhom mal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji sabiex jiksbu dak li hu magħruf bħala n-numru tal-VO. Dan ifisser li għaqda tkun rikonoxxuta bħala waħda volontarja u dan joffrilha l-lok li tfittex fondi alternattivi minn dawk tradizzjonali. Din ir-reġistrazzjoni ġabet ukoll ċertu dixxiplina finanzjarja fl-għaqdiet tagħna, għax issa bdew japprezzaw ferm iktar l-importanza li jżommu rekords finanzjarji tajbin u li l-finanzi tagħhom ikunu fis-sod.

Għal ħafna żmien l-għaqdiet tagħna rrikorrew għall-volontarjat sabiex imexxu 'l quddiem il-ħidma tagħhom. Ħidma li għal ħafna żmien tat il-frott u għenet sabiex l-għaqdiet jikbru u jimxu 'l quddiem. Madankollu, illum il-ġurnata huma diversi l-proġetti li ma jistgħux isiru biss bil-volontarjat, iżda jkollok bżonn kuntratturi professjonali sabiex jitwettaq xogħol bżonnjuż mal-għaqda kkonċernata.

Għalkemm il-volontarjat għadu sal-ġurnata tal-lum jilgħab irwol importanti ħafna fi kwalunkwe ħidma li tkun qed twettaq l-għaqda, nieħu din l-okkażjoni sabiex inħeġġeġ l-għaqdiet Melleħin ifittxu sorsi ta' fondi alternattivi u għaldaqstant huwa importantissimu li jkollhom il-fondi tagħhom sostenibbli. Dan anke jfisser li ħidmet l-għaqda tkun waħda sostenibbli sabiex issostni t-tkabbir li hemm bżonn tagħmel għaqda minn żmien għal żmien sabiex ittejjeb u tkabbar il-ħidma tagħha.

Sabiex għaqda tikseb finanzjament alternattiv għad-donazzjonijiet tal-membri tagħha, huwa importanti li tkun kapaċi tiffinanzja d-differenza tal-ispiża. Biex nieħdu eżempju, jekk għaqda tkun qiegħda tfittex li tikseb fondi minn programmi tal-Unjoni Ewropea, irid ikollha biżżejjed riżervi sabiex tiffinanzja l-kumplament tal-ispiża tal-proġett. Il-fondi minn proġetti tal-Unjoni Ewropea qegħdin kulma jmur jagħtu spinta lill-għaqdiet kulturali għaliex ikollhom parti kbira mill-ispiża ffinanzjata minn fondi esterni li ma jkunux jagħmlu parti mir-riżervi ta' dik l-għaqda partikolari.

Fl-isfond ta' dan kollu, kien ta' pjaċir għalija li matul ix-xhur li għaddew ħdimt mal-Għaqda Mużikali Imperial, u kif ukoll ma' għaqdiet oħra, sabiex jottjenu fondi minn programm tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-fondi kienu mmirati sabiex l-għaqdiet kulturali ikabbru l-ħidma tagħhom u jtejbu s-servizz li jagħtu lill-membri tagħhom.

Filwaqt li nirringrazzja lill-President u l-Kumitat, is-surmast u l-bandisti u l-membri tal-Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial għax-xogħol tagħhom matul is-sena, nawgura li dawn kollha jkomplu għaddejjin bix-xogħol ħabrieki tagħhom. Tajjeb hawnhekk nirringrazzja wkoll lill-familjari ta' dawn kollha għall-paċenzja tagħhom, ħafna drabi fis-skiet ta' djarhom, waqt li dawn in-nies ikunu qegħdin iwettqu ħidma imprezzabbli b'risq l-għaqda li tant iħobbu. Huwa grazzi għal dawn in-nies li l-għaqda kapaċi żżomm il-finanzi tagħha sostenibbli u fl-istess ħin tagħmel l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħha.

Nieħu din l-okkażjoni wkoll sabiex nawgura l-Festa t-tajba lill-Melleħin kollha!

Viva Marija Bambina!



# Bi strument tal-mużika u bil-vuċi naturali, tieħu gost u tagħti gost

Mons. Dun Mosè Debono

Bi strument mużikali ma' xuftejk, u li jindaqq bin-nifs, jew bi strument tal-korda, jew bil-vuċi naturali, int kapaċi tieħu gost, anke waħdek id-dar tiegħek u iktar u iktar quddiem udjenza, li tkun taf tapprezza l-mużika.

Bla dubju, bħal kull ħaġa oħra li tkun trid titgħallem u tagħmel esperjenza tagħha, irid jgħaddi ħafna żmien, sakemm tidra l-istrument u l-isturment jidra lilek, u joqgħod għalik, jew il-vuċi li trid tikkorda u tikkontrolla. Imma min ikun determinat li jasal, jasal, u xħin wieħed jinduna u jagħraf li wasal biex, lill-istrument, għamlu ħabib tiegħu, jinduna wkoll li anke l-istrument isir ħabib ta' min ikun idoqqu.

U l-istess il-vuċi - fejn qabel, bil-vuċi, wieħed kien jinqeda biss biex jikkomunika ma' nies oħra, issa bil-vuċi kantata, wieħed/waħda j/tkun j/tista' j/tferraħ u j/tgħaxxaq udjenza kbira ta' nies. U mhux biżżejjed li tkun taf iddoqq strument bin-nifs, jew bil-korda, u lanqas mhu biżżejjed li jisimgħuk tkanta, għax ikunu jonqsu ħwejjeġ oħra meħtieġa ħafna, dawn huma: il-ħlewwa, l-esperjenza, l-attenzjoni tal-movument tad direzzjoni tad-Direttur, li jkun qiegħed imexxi l-banda jew orkestra.

Id-daqqaq u l-kantant iridu jiftakru li għandhom ikunu jafu sewwa l-karattru tagħhom, jekk hux kalm, furjuż, nervuż, supperv, ta' ras iebsa, inkella jiġri li, iridu u ma jridux, ikunu qegħdin jikxfu l-karattru tagħhom, mingħajr ma jafu, u ma jagħtux gost lin-nies, la bl-istrument tan-nifs, la b'dak tal-korda, u lanqas bil-vuċi. Hemm marda oħra li wieħed għandu jikkura u jfejjaq: dik li d-daqqaq jew il-kantant jaqta' bil-quddiem jew jibqa' lura mid-direzzjoni tad-Direttur.

Jekk il-kant bil-vuċi u d-daqq bl-istrumenti jgħaxxqu l-pubbliku fi swali, teatri, pjazez, kemm jgħaxxqu iktar lill-ġemgħa tal-Insara li jkunu miġburin għat-talb fid-Dar ta' Alla? - jiġifieri fil-knejjes kbar u żgħar, katidrali, santwarji, knejjes żgħar u kapanni fqar f'artijiet tal-Missjoni? Sa fit-Testment l-Antik, kien hemm l-użanza tad-daqq bl-istrumenti u bil-kant bil-vuċi. Ħalli naraw kif kienu jagħtu gost lil Alla l-poplu Lhudi, fit-Tempju tiegħu.

Mill-Ktieb tal-Kronaki (Paralipomenon) 1,15-16 "U David ordna lill-kapijiet tal-Leviti li jqassmu lil ħuthom il-mużiċisti, bl-istrumenti tad-daqq: arpi, ċetri, ċnieċel, u jgħollu u jsemmgħu leħinhom għoli b'sinjal ta' ferħ... Il-kantanti kellhom idoqqu ċ-ċnieċel tal bronz iżarżru... U Kananija, il-kap tal-Leviti fil-kant, kellu jidderieġi l-kant - għax kien jifhem. Il-Qassisin kellhom idoqqu t-trombi quddiem l-Arka" U Heman u Gedutun, kellhom trombi u ċnieċel għall-mużiċisti, u tagħmir ieħor għall-kant lil Alla"(Kronaki 16,42).

Naraw x'kien id-daqq u l-kant fit-Tempju li Salamun bena lil Alla:2 Kronaki 5,12. "Il-Leviti kantanti kollha kienu bil-platti u l-arpi u ċ-ċetri u magħhom mija u għoxrin qassis idoqqu t-trombi. U kif it-trumbettieri u l-kantanti kollha bdew isemmgħu ħoss wieħed flimkien biex isebbħu u jfaħħru lill-Mulej, kif kienu jsemmgħu d-daqq tat-trombi u l-platti u l-istrumenti tad-daqq biex isebbħu lill-Mulej. "għax Hu tajjeb, għal dejjem it-tjieba Tiegħu", ġara li t-Tempju tal-Mulej imtela' bi sħaba. U ma setgħux il-qassisin ikomplu s-servizz tagħhom minħabba s-sħaba għax il-glorja tal-Mulej imliet lid-Dar ta' Alla.

Minn dawn l-aħħar osservazzjonijiet mill-iskrittura Mqaddsa fuq id-daqq u l-kant fit-Tempju ta' Alla, għandna nitgħallmu li, meta aħna mmorru ndoqqu u nkantaw fid-Dar ta' Alla, ma mmorrux sempliċiment biex daqqejna u kantajna, imma fuq kollox, biex nagħtu glorja lil Alla, mhux biss bil-kant u d-daqq, imma fuq kollox ukoll - biex nisimgħu l-Kelma ta'Alla, kemm mit-Testment il-Qadim u kemm mit-Testment il-Ġdid. U lanqas dan mhu biżżejjed, imma hemm bżonn li dak li nkunu smajna, nippruvaw inħaddmuh fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Anke l-Aħħar Konċilju Vatikan it-Tieni (1963-1965), l-ewwel dikjarazzjoni li għamel kienet il-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa"

(Sacrosanctum Concilium) fl-4 ta' Diċembru, 1963 u fost oħrajn, tkellem f'Kapitlu 6 fuq il-Mużika Sagra".

**Id-dinjità tal-mużika sagra:**

112 "It-tradizzjoni tal-Mużika tal-Knisja kollha, hija teżor ta' valur bla qies, li jgħaddi kull espressjoni oħra tal-arti - l-aktar minħabba li l-Kant Sagru magħqud ħaġa waħda mal-kliem, huwa parti neċessarja u integrali mal-Liturġija Solenni".

**L-orgni u l-istrumenti mużikali:**

120 "Fil-Knisja Latina, l-orgni bit-tubi għandu jinżamm f'qima kbira, bħala strument tradizzjonali, li l-leħen tiegħu jgħanni bi sbuħija tal-għaġeb, iċ-ċerimonji tal-Knisja u jgħolli b'qawwa l-ħsieb lejn Alla u l-ħeġġa tas-sema"

"Madankollu, strumenti oħra jistgħu jiddaħħlu fil-Kult Divin skont il-ġudizzju u bil-kunsens tal-Awtorità kompetenti tal-post - l-Assemblea Episkopali territorjali - basta jkunu addatti għall-użu qaddis, u jkunu jixirqu għad-dinjità tat-Tempju, u jwasslu għall-edifikazzjoni tal-fidili."

112 "Għalhekk, il-Mużika Sagra, aktar ma' tkun magħquda ħaġa waħda mal-Azzjoni Liturġika, iżjed tkun qaddisa, kemm billi tfisser b'aktar ħlewwa t-talb u tħeġġeġ biex kulħadd ikun leħen wieħed u qalb waħda, u kemm billi ssebbaħ b'aktar solennità r-Riti Mqaddsa"

Hemm ħafna modi u stili differenti ta' kompożizzjonijiet mużikali. Iżda hemm mużika li, bil-melodija tagħha tgħaxxqek u tpaxxik, minħabba l-melodija tagħha u l-kuluri sbieħ ta' espressjonijiet u hemm mużika oħra, li ħlief dissonanzi l-ħin kollu, storbju li jtarrax, platti, tnabar, katuba, ma tismax.

Madankollu kulħadd għandu l-gosti tiegħu. Imma kull min għandu sens fin, edukat, imħarreġ fil-mużika, imżejjen b'widna tajba u mħarrġa għad-daqq u għas-smigħ ta' melodiji li jgħaxxquk, lil dik il-persuna tista' ssejħilha li għandha d-don li taf tapprezza d-daqq bl-istrument u bil-kant tal-vuċijiet. Hemm ħafna oħrajn li, għalkemm ma jkunux jafu jdoqqu jew ikantaw, madankollu jkunu kapaċi jikkummentaw artistikament fuq dak li jkunu semgħu.

Il-Mellieħa għandna ħafna li jafu l-mużika u li jafu jdoqqu strument - numru ta' rġiel, nisa u tfal li jafu jkantaw, u numru kbir ħafna ta' semmiegħa li japprezzaw is-sagrifiċċji li jagħmlu d-daqqaqa, il-kantanti u d-Diretturi tagħhom biex itellgħu programm mużikali u vokali għall-gost ta' kulħadd.

Xhieda ta' dak li għidna huma, fost oħrajn, dawk l-erba' programmi li jsiru qabel il-festa tal-Vitorja: mill-Kor u Orkestra Marija Bambina, mill-Għaqda Mużikali Imperial, mill-Banda taż-Żgħażagħ Vittorjani tal-Każin La Vittoria u mill-Banda Filarmonika La Vittoria.

For Quality Metal Works
at Competitive Prices





JOE GAUCI
METAL WORKS

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976

# Apple Strudel Rekord

Andrew Farrugia

Ftit tax-xhur ilu kont iltqajt ma' Norbert u ħuh Clayton. Waqt diskursata staqsewni fuq avvenimenti passati li kont għamilt fejn jidħol l-ikel u *records*. L-aħħar ħaġa li kont għamilt kienet il-Burj Khalifa taċ-ċikkulata għolja ħames sulari ġewwa Dubai.

Dawn staqsewni jekk kontx interessat li nagħmel xi ħaġa ġewwa l-Mellieħa peress li kull *record* li kont waqqaft dejjem għamiltu barra r-raħal tiegħi. Wara diskussjoni qasira qbilna li nistgħu nagħmlu xi ħaġa flimkien, jien flimkien mal-membri tal-każin tal-Banda Imperial.

Norbert u Clayton xtaqu li jsir xi ħaġa fl-Iljieli Melleħin u ħriġt bl-idea li nagħmlu Apple Strudel twila. Għoġbithom u bdejna naħdmu fuq il-loġistika, minħabba li ridna nagħmluha twila daqs il-pjazza tagħna.

Bdejna billi rajna x'kien hemm bżonn u minn seta' jtina daqqa t'id għaliex xi ħaġa hekk ma stajtx nagħmilha waħdi. Avviċinajna lis-Sur Ernest Vella ta' The Caterer fejn ippreparalna l-għaġina li kien hemm bżonn kif ukoll lis-Sinjuri Alfio u Tonio Xuereb li kienu pronti u aċċettaw li jsajrulna l-ammont kbir ta' Apple Strudel. Clayton u Norbert bdew minnufih u avviċinaw diversi *sponsors* oħra fejn għoġobhom jgħinuna, kulħadd bil-mod kif seta'.




Meta kellna kollox ippreparat, il-Ġimgħa 31 ta' Lulju, bdejna naħdmu sabiex nippreparaw dak li kien hemm bżonn. Inġabru numru kbir ta' membri mill-każin fejn beda t-tqaxxir ta' 'l fuq minn 450 kilo ta' tuffieħ. Kien hemm min beda jqatta' u min għen biex jipprepara l-mili speċjali li wżajna li hi r-riċetta proprja. Jien flimkien ma' grupp ieħor bdejna nippreparaw l-i*strudel*.



Komplejna l-għada filgħodu u f'nofsinhar konna lesti. Ġew ippreparati 'l fuq minn 190 *strudel*, twal madwar 80ċm-il wieħed. Wara nofsinhar beda t-tisjir għand Tony's Bakery.

Meta saru s-sitta u nofs bdejna nippostjaw l-i*strudel* waħda ħdejn l-oħra fuq imwejjed li ġew





ippreparati minn grupp ta’ żgħażagħ li tawna daqqa t’id tajba sabiex stajna nlestu fil-ħin.

Fid-9.00 ta’ filgħaxija, il-Malta Records kejlu u ddikjaraw it-tul ta’ din l-Apple Strudel li kienet ta’ 404 piedi. Minnufih inbeda l-bejgħ tagħha u l-flus kollha li nġabru sejrin għall-Community Chest Fund.

Nixtieq li nrodd ħajr lis-Sinjuri Josef Borg u Clayton Bartolo li ssapportjaw din l-inizzjattiva. Grazzi wkoll lil Norbert u Clayton, li naħseb li kieku ma kienx għall-entużjażmu kbir tagħhom ma kontx nagħmilha. Grazzi lil ħafna nies li għenu sabiex din kienet ta’ suċċess.



**SELMUN** TAL-FNIEK
**Bar & Restaurant**
***Specialising in Maltese Dishes, Rabbit, Horse Meat, Quails, and Delicious Pizza.***
**Large Groups are Welcome**
**Tel: 2157 2984 • Mob: 9944 6225**
**LIVE Sport events on BIG SCREEN**



*George’s Bakery*
**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**
**Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd**

# Joanne Vella Cuschieri

## *Biografija*



Twieldet fis-sena 1976. Bint William Cuschieri u Maryanne née Caruana u għandha erba' ħutha. Residenti l-Mellieħa, miżżewga lil Joseph Vella sa mis-sena 2001 u għandhom tlett itfal, Andrea, Mateas u Jean. Iggradwat bħala avukat fis-sena 2001 u otteniet il-Maġister Juris fil-Liġi Ewropea fis-sena 2002. Ipprattikat il-professjoni ta' avukat sas-sena 2014 fejn speċjalizzat fil-Liġi Ċivili, Relazzjonijiet Industrijali u l-Liġi tal-Ippjanar. F'Marzu 2014 ġiet nominata sabiex isservi bħala Maġistrat fil-Qrati ta' Malta u Għawdex. Ħadet il-ġurament tal-ħatra mill-Eċċellenza Tiegħu l-President Dr George Abela nhar is-26 ta' Marzu, 2014.





HOLA BEACH
summer magic
Day Memberships •
DJ Nights •
Parties & Weddings •
A La Carte Dining •
Serving fresh fish direct from local fishermen
Fruit and Veg. Ltd.
1565
meals go better with Coca-Cola
Marfa Bay Tel: 2289 9678
Email: info@riviera.com.mt www.rivierahotelmalta.com
THE RIVIERA RESORT & SPA • MALTA
We are open for you this summer: Hola Beach - Bistro Sole Mar - Trattoria Melanzane



zelano
AUTHENTIC
ORIENTAL BUFFET
PREPARED BY OUR CHINESE CHEF
INCLUDING DRINKS • OPEN FOR DINNER
€17.50 PER PERSON
THE RIVIERA RESORT & SPA • MALTA
WWW.RIVIERAHOTELMALTA.COM
T: 2152 5900



Sol e Mar
bistro
Al fresco dining
Open daily
for lunch & dinner
Dine under the stars
on our seafront terrace
Come enjoy our Mediterranean kitchen
with fresh ingredients & an extensive wine list
Marfa Bay | Tel: 2289 9678
Email: info@riviera.com.mt
www.rivierahotelmalta.com
THE RIVIERA RESORT & SPA • MALTA
We are open for you this summer
Hola Beach - Bistro Sole Mar - Trattoria Melanzane
meals go better with Coca-Cola
1565
Fruit and Veg. Ltd.



# Programm tal-Festi
## organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad Unur ta'
# Marija Bambina
## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa

### Il-Ġimgħa 21 t'Awwissu 2015

**8.00p.m.** *Barbeque* fil-Pjazza tal-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor. Mistieden speċjali Joe Demicoli.

### It-Tlieta 25 t'Awwissu 2015

**7.30p.m.** Kunċert tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ħamis 27 t'Awwissu 2015

**7.30p.m.** Kunċert Ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Il-Ġimgħa 28 t'Awwissu 2015

**6.30p.m.** Tombla Speċjali organizzata mill-Kumitat Nisa tal-Għaqda Mużikali Imperial.
**8.30p.m.** Wara li tispiċċa t-tombla, ser tiġi organizzata *Pasta Night* ġewwa l-Każin. Waqt l-ikel ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

### It-Tnejn 31 t'Awwissu 2015

**6.30p.m.** Is-Soċjetà flimkien mal-Banda u l-Kor jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Parrokkjali fl-okkażjoni ta' "Jum l-Għaqdiet Ċiviċi".
**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-Festa ta' Marija Bambina.

### L-Erbgħa 2 ta' Settembru 2015

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fil-Pjazza tal-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-Sala tal-Każin.

### Il-Ħamis 3 ta' Settembru 2015

**8.00p.m.** Riċeviment fil-Każin għall-Kumitati, bandisti, u membri tal-Kor flimkien mal-familjari tagħhom.



Bejn il-21 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru 2015 ser inxandru 'live' l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial u l-funzjonijiet reliġjużi fl-okkażjoni tal-Festa ta' Marija Bambina 2015 fuq is-sit elettroniku www.imperialbandclub.com

## Għaqda Mużikali Imperial
**IL-MELLIEĦA**

### Il-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2015

**8.00p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jgħaddi minn dawn it-toroq - Triq l-Għerien, Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

### Is-Sibt 5 ta' Settembru 2015

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda San Ġorġ ta' Bormla li jgħaddi minn dawn it-toroq - Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq id-Dħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq San Ġużepp, Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

### Il-Ħadd 6 ta' Settembru 2015

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jgħaddi minn dawn it-toroq - Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli (fejn il-ground tal-football), Triq il-Muna, Triq Santa Marija, Triq Franġisk Zahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**11.00p.m.** Tlugħ tal-Istatwa ta' Malta fuq il-Pedestall waqt id-daqq tal-Innu Nazzjonali. Wara jitkompla l-marċ sa quddiem il-Knisja.

### It-Tnejn 7 ta' Settembru 2015

**7.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jgħaddi minn dawn it-toroq - Triq il-Kbira (Kantuniera ma' Triq is-Salib), Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jiġi esegwit l-Innu lil Marija Bambina fuq il-Planċier.

### It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

**6.00p.m.** Marċ mis-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Qormi li jgħaddi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jkun hemm programm u jindaqq l-Innu ta' Marija Bambina.

### L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

**5.00p.m.** Ser tiġi organizzata ħarġa tal-għada tal-festa fuq il-*Hop On Hop Off* mill-Kumitat Nisa. Ser jiġi organizzat briju mis-Sezzjoni Żgħażagħ bħas-sena li għaddiet.




Open Tuesday
till Saturday
from 19:00 hrs.

The
ARCHES

*The Arches Restaurant & Wine Cellar*
*George Borg Olivier Street - Mellieha MLH 1021*
*Tel: 00356 2152 3460 - Mob: 00356 7999 5611*
*URL: www.thearchesmalta.com - F: thearchesrestaurant*
*E-Mail: info@thearchesmalta.com*



# Activities Organised by The Imperial Band Club for the feast in honour of Our Lady of Victories Patron of Mellieħa

## Friday – 21st August 2015

**8.00p.m.** BBQ organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Special guest will be Joe Demicoli.

## Tuesday – 25th August 2015

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir under the direction of the Club's Musical director Mro Anthony Borg.

## Wednesday – 26th August 2015

**6.00p.m.** A special bingo night organised by the Ladies Committee.

**8.30p.m.** A Pasta Night will be held at the club. Festive entertainment will be organised by the Youths Section.

## Thursday – 27th August 2015

**7.30p.m.** General Rehearsal by the Imperial Band and Choir under the direction of the Club's Musical director Mro Anthony Borg.

## Friday – 28th August 2015

**8.00p.m.** Annual Get Together at the Imperial Band Club for emigrants.

## Monday – 31st August 2015

**6.30p.m.** The Imperial Brass Ensemble and Choir together with the club's committee and members participate during a Holy Mass in the Mellieħa Parish Church.

## Wednesday – 2nd September 2015

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir at the Parish Square. A reception will be held afterwards at the Imperial Band Club main hall.

## Thursday – 3rd September 2015

**8.00p.m.** A reception will be held for the Committee, band and choir members, together with their guests at the Imperial Band Club.

## Friday – 4th September 2015

**8.00p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to Mellieħa Parish Square.

## Saturday – 5th September 2015

**8.30p.m.** Band marches by St George's Band from N. Caruana Dingli Street to Mellieħa Parish Square.

## Sunday – 6th September 2015

**8.30p.m.** Band Marches by the Imperial Band from V. Ciappara Street to Mellieħa Parish Square.

**11.00p.m.** The National Anthem will be played while the Statue of Malta is being raised on its pedestal, after which the band march will proceed up to the Parish Church.

## Monday – 7th September 2015

**7.30p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street to Mellieħa Parish Square.

**10.45p.m.** The Imperial Band and Choir will perform the Hymn in honour of Our Lady of Victories on the club's Band Stand, followed by the band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Hymn.

## Tuesday – 8th September 2015

**6.00p.m.** Band marches by St Sebastian Band of Qormi from St Anne's Street to Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the club's Band Stand in Mellieħa Parish Square. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the Club, the Band and Choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

## Wednesday – 9th September 2015

**5.00p.m.** An outing will be organised on the Hop On Hop Off Buses to round off the activities organised for the village feast. Festive entertainment will be organised by the Youths Section.

Between the 21st August and 8th September, on the occasion of the feast of Our Lady of Victories 2015, the Imperial Band Club is going to live stream all the activities being organised by the Imperial Band Club and the religious functions on

**www.imperialbandclub.com**



# Għotjiet
## lill-Għaqda Mużikali Imperial



*Is-Sinjura Mariella Barbara tippreżenta donazzjoni*



*Is-Sur Charles Caruana jippreżenta donazzjoni*



*Is-Sur Damian Vella jippreżenta kwadru*



Is-Sur Clayton Bartolo
jippreżenta mużika



L-Onor Evarist Bartolo
jippreżenta donazzjoni



L-Onor Robert Cutajar
jippreżenta donazzjoni



L-Onor Dr Michael Farrugia
jippreżenta donazzjoni

# Għotjiet
## mill-Emigranti
## lill-Għaqda Mużikali Imperial




*Is-Sur Norbert Vella, għan-nom ta' numru ta' emigranti fl-Awstralja, jippreżenta donazzjoni*

## Emigranti benefatturi kienu:

Sam u Tessie Vella
Vince u Rita Borg
Louis u Josephine Borg



# Strumenti Ġodda







# Viva Santa Marija... Tal-ħuġġieġa

Jos. F. Cachia

Kont qiegħed nara xi aħbarijiet, meta quddiem għajnejja dehret xbieha ta' ilsna tan-nar jogħlew 'l fuq minn xi njam u zkuk li kienu ġmielhom jivvampjaw. Għal xi raġuni, li jien żgur ma naqbel xejn magħha kienu qegħdin ifakkru l-festa ta' San Ġwann, billi jaħarqu ħuġġieġa kbira, f'nofs il-pjazza.

Għidt ma naqbilx, mhux għax mhux sewwa li l-festa tal-Appostlu Ġwanni, ma għandhiex tkun iċċelebrata, kif inhu xieraq, u forsi anke b'ħuġġieġa, iżda l-għaliex fil-Mellieħa ta' tfuliti, kienet lejlet il-festa ta' Santa Marija, li konna nqabbdu ħuġġieġa, u mhux lejlet San Ġwann.

Sal-aħħar snin tas-sittinijiet, konna nimpikaw bejnietna l-Melleħin, minn ikollu l-ikbar ħuġġieġa, u ma kellna l-ebda ħtieġa li xi ħadd jgħidilna fejn nagħmluha. Hu fatt li ma jista' jmerih ħadd li l-ħġejjeġ li konna nagħmlu kienu jkunu wisq ikbar (u jdaħħnu ferm iktar) minn dik ta' San Ġwann tal-lum!



Ħuġġieġa Tipika

Ikun xieraq ukoll li nsemmu li konna naħarqu iktar minn ħuġġieġa waħda. Naf li r-raħal kien għadu ma kibirx kif inhuwa dawn iż-żminijiet, u għalhekk kellna wisq iktar wesgħat ħielsa sabiex naħarqu u ndaħħnu kemm irridu. Permessi ma konniex nafu bihom, lanqas niftakar li minn barra dik li aħna "Ta' Snajjin" konna nqabbdu, fuq ix-xagħri tal-qrib, tfal mix-"Xagħra ta' Barra", "tal-Kalati" u ta' "wara l-Knisja" kienu lkoll jaħarqu tagħhom. Jista' jkun li kien hemm xi nħawi oħrajn, li kellhom il-ħuġġieġa tagħhom, però jien b'dawn biss niftakar. Konna naraw ukoll f'lejlet Santa Marija duħħan tielgħa minn fuq Kemmuna, kif ukoll minn xi nħawi f'Għawdex. "Where there is smoke there is fire" jgħidlek qawl Ingliż, u għalhekk nemmen li anke xi Għawdxin kellhom l-istess drawwa tal-Melliħin! Nemmen ukoll li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa seta' ra kif din il-ħaġa tal-Melliħin tkun imfakkra f'lejlet Santa Marija, sena wara sena.

Malli jibdew il-vaganzi tas-sajf, li dawk iż-żminijiet kien ikun is-sittax ta' Lulju, konna nibdew induru lil kulmin kellu xi trakk tal-ġarr, jew trakk tal-linja sabiex jagħtina xi *tyres* qodma li kellu. Erħilna ferħanin, minkejja li b'idejna suwed, insuquhom mat-toroq, ħielsa mit-traffiku sfrenat tal-lum, lejn waħda miż-żewġ xagħri, li kien hemm ftit 'l fuq minn Snajjin.

Dawn kienu għadhom mhux mibnija kif inhuma llum, u l-ħtieġa li nibżgħu għas-sagħtar anqas biss qatt ħlomnieha. L-ikbar ħuġġieġa li niftakar konna ħraqniha qrib ferm fejn illum hemm dak il-ġnien ambjentali, 'l fuq mill-Pergola.

S'intendi x-xewk u l-pitazzi użati tal-iskola, kienu jkunu li jkebbsu n-nar għall-ħatab, xi għamara msewsa, kaxxi tal-kartun, anke saqqijiet, li kienu jaqbdu wara. Ftit pitrolju kien jagħti daqqa t'id ukoll, l-iktar meta kien ikun riħ isfel. Iżda l-iktar li jivvampjaw kienu jkunu t-*tyres* kbar tat-trakkijiet, u ġieli kellna 'l fuq minn sittin wieħed, irpożati b'xi zokk oħxon f'nofshom biex ma jinqalbux. Niftakar sew kif mill-*wire* li konna niġbru minn ġo fihom, wara li jinħarqu, konna nagħmlu strumenti tal-banda biex taparsi ndoqquhom f'xi marċ li konna norgannizzaw lejn il-girna, li kienet il-każin/kamp tagħna. Kollox kien marbut jekk konniex nilagħbu ta' suldati, jew tal-festa.

Minkejja li t-*tyres* użati kienu jkunu huma, li jagħtu l-ikbar ilsna tan-nar, kif ukoll daħna sewda li

kienu jarawha (u lili ġieli qaluli li anke xammewha) minn San Pawl il-Baħar, qrib l-iskola primarja, l-attur ewlieni kien ikun "Il-Majsi". Magħmul minn koċċ ħuxlief ippakkjat ġo xi qmis u qalziet qodma, imlibbes xi żarbun imqatta', kien ikollu rasu tassew qargħa, għax kienet tkun xi qarabagħlija niexfa mehmuża mal-qmis/sider tiegħu. Mhux l-ewwel darba li libbisnih xi ġlekk ukoll. Kemm konna nifirħu xħin narawh jieħu n-nar!

Tifkiriet subkonxji tal-Inkwiżizzjoni, jew effett tal-ħakma imperjali? Li qatt ma fhimt hu kif konna nsejħulu "Majsi", li hi korruzzjoni ta' Tumas. L-Ingliżi jaħarqu xbieha ta' Guy Fawkes fil-ħġejjeġ li jaħarqu kull sena fl-4 ta' Novembru. Hemm baħar jaqsam bejn l-isem Majsi u Guido kif allegatament kienu jismu l-Guy! Jerġa' l-festa tal-Appostlu San Tumas. li miet martri b'daqqa ta' lanza (?) fl-Indja, ilha ċċelebrata fit-3 ta' Lulju sa mis-sena 1969, għalkemm qabel kienet tkun fil-21 ta' Diċembru.

Sintendi l-bluha ma kinitx tonqos. L-ispirtu avventuruż (jew ġenn skont kif tħares lejh) kien jirkeb lil xi wħud minna s-subien. Li tgħaddi billi taqbeż minn fuq in-nar xħin jibda jbatti, kienet sfida li mhux wieħed jew tnejn laqgħu bil-ferħa. Ma niftakarx li kellna xi martri "a la San Lawrenz"! Oħrajn ġieli tefgħu fliexken magħluqa jew agħar minn hekk, bottijiet ta' xi sprej użati biex jisimgħuhom jisplodu. L-istess kienet xortina tajba li qatt ma weġġa' xi ħadd minnha! Xortina kienet tajba wkoll billi qatt ma niftakar li qabdet xi xagħra u lanqas qiegħa, mimlija tiben u sifa, mill-bosta andrijiet, li kien hemm fil-qrib. Ma niftakarx jekk kienux ikunu għadhom jintużaw għad-dris, jew le, f'nofs Awwissu.

L-għada filgħodu, wara l-quddiesa konna nitilgħu l-Qortin ħalli nqallbu fl-irmied. Naraw jekk fadalx xi ħaġa mill-Majsi u niġbru l-*wire* maħruq iswed biex minnu noħolqu xi kurunetta, klarinett, ewfonju jew saksafon. Surmast tal-banda qatt ma ħloqna, imma meta jkollok bandisti "tajbin" il-*maestro* mhuwiex meħtieġ!

**P.S. 1.** Wara stħarriġ li għamilt permezz tal-internet, sibt li hemm rabta tassew interessanti bejn San Tumas l-Appostlu u t-Tlugħ ta' Santa Marija fis-Sema. Skont l-Atti ta' Tumas, l-Appostli kollha, għajr Tumas, kienu preżenti waqt mewtha. Hu kien għadu fl-Indja, fejn kien qiegħed iwassal il-kelma t'Alla, iżda hi dehritlu u tatu l-ħżiem (*girdle*) tal-kefen tagħha. Meta mar fejn sħabu u staqsihom għaliex ma sabhiex fil-qabar, huma reġgħu fakkruh li minn dejjem kien jiddubita żżejjed, imma xħin marru miegħu lejn il-qabar sabu li kien qiegħed jgħid is-sewwa, u li kienet ġiet imtellgħa s-sema. Ara https://en.wikipedia.org/wiki/girdle


*Dehra tal-pulptu li aktarx inbena biex iżomm ir-relikwa ta' San Tumas u li turi lil San Tumas jirċievi l-ħżiem mingħand Marija Assunta*

**P.S. 2.** Milli jidher imkien iktar fid-dinja mhi, jew kienet, drawwa li jinħarqu ħġejjeġ lejlet Santa Marija. Huwa biss fil-Polonja, li d-drawwa li jitqabbdu l-ħġejjeġ għall-festa ta' San Pietru u San Pawl, hija komuni. Il-ħruq ta' ħġejjeġ, imsejjħa *midsummer bonfires*, però li jsiru fil-bidu tas-sajf, (jiġifieri fil-21 ta' Ġunju) huwa komuni f'ħafna artijiet Ewropej. Dawk imsejħa ta' San Ġwann huma komuni kemm fil-Portugall kif ukoll fi Spanja, fejn isiru bil-kbir, kemm ġo Alikante, kif ukoll f'Valenzja, għalkemm f'dati oħrajn. Fl-Italja jinħarqu fis-6 ta' Jannar u fihom titqabbad xbieha tas-saħħara *la befana*. F'bosta artijiet Ewropej, kif ukoll fl-Istati Uniti, jitqabbdu lejlet l-1 ta' Mejju, u ġieli jinkludu wkoll il-ħruq ta' "pupazzi", li jkunu simboli ta' xi saħħara. Ara https://en.wikipedia.org/wiki/Bonfire

VS WHOLESALE

103, Ta' Masrija, Mellieħa

Mobile: 79603243




General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com


Cash & Carry
Tel: 21524685 80A, Main Street, Mellieħa
Special Offers!
Phone Orders are accepted!
Vast range of top-brand products at super-saver prices!
Perfumes
Baby Products
Skin Care
Detergents
Toiletries
Cleaning Equipment
Car Care Products
Washing Liquids & Powders
... and much, much more!
Opening Hours: Mon - Fri: 09:00 - 13:00 & 16:00 - 19:00
Thursday: 09:00 - 19:00
Saturday: 09:00 - 14:00
Free Deliveries!


FREE DELIVERY
bottles & bottles
www.bottlesandbottles.com
“ your wholesale beverage store ”
OPEN ALL DAY, 7 DAYS A WEEK
7, TRIQ L-ETNA, MELLIEHA
Find us on Facebook
Contact Us: 21521235

# Doncaster International Concert Band Malta Tour 2015

Karen Latimer

Doncaster International Concert Band arrived in Malta on the evening of Saturday 23 May 2015. The band (DICB) is made up of members from Doncaster Concert Band, Eynsford Concert Band and Music All de Limonest from Lyon, France. Having arrived safely in Mellieħa, we were taken to the Panorama Hotel by kind members and friends from the Imperial Band Club, and thus started a memorable week.

We enjoyed our first morning in Mellieħa in the band room, which had been prepared for us to run a rehearsal prior to our afternoon concert in Gozo. As always, our welcome to the Band Club was very warm and friendly. Those who had visited before enjoyed reuniting with old friends and those new to the experience met new friends and enjoyed the spirit of the Band Club for the first of many occasions!

We left the Hotel at 1pm and travelled over to Gozo on the ferry for the Sunday concert in Xewkija. After being treated to refreshments, we enjoyed an early evening concert outdoors near the Prekursur Band Club. A highlight of the Concert was the performance of a Maltese Medley specially composed for us by Maestri Alfred Farrugia and Anthony Borg; this allowed us to perform something with the real musical flavour of Malta. Our thanks go to the two conductors for arranging this for us.

In the days that followed we relaxed and enjoyed the hospitality of the Panorama Hotel, the Maltese sunshine and several Cisks in the Imperial Bar. We joined together for a massed rehearsal with Imperial Band Club on Tuesday evening and the joint bands produced a mighty sound. It was an enjoyable musical and social occasion, and helped us to all enjoy excellent international relations!

Wednesday was our special tour dinner and we were extremely well looked after by the Imperial Band Club and the catering team. The food was excellent and gave our guests a sample of traditional Maltese fare. DICB were joined by members of the Imperial Band, and their families, and international relations were strengthened once again in a relaxed and convivial atmosphere.

On Thursday we travelled to Żurrieq to play a concert at the Queen Victoria Band Club where we were once again welcomed most warmly and enjoyed wonderful hospitality in the Band Club. We were also able to play the Maltese Medley again!

The highlight of our tour was the joint concert at the Mellieħa International Music Festival on Friday evening. DICB shared the stage with the Imperial Band Club and we played a programme which



shared our love and choice of music with the kind people of Mellieħa. We were warmly welcomed by Mellieħa Local Council and the square looked spectacular with the grand stage and decorative lights and banners. The audience could not have been more appreciative and we received many compliments on our programme of music and the high standard of playing. DICB were honoured to be invited to enjoy post-concert refreshments and to sign the Imperial Band Club book as a record of our visit.

All members of the band complimented the arrangements and hospitality of the Imperial Band Club, remarking particularly on the high standards and the generosity extended to us. We could not have asked for more support and a kinder welcome to Malta. Members of Music'All de Limonest were very impressed and I am sure that they will return again very soon. You have been warned! We would like to extend heartfelt thanks to the Imperial Band Club for all of the kindness in organising our tour. A special thanks go to Josef Borg, Anthony Borg, Geoff and Julie Thomas, Joe Deguara and Jamie Cini for their extraordinary efforts in helping to make our week so enjoyable. We look forward to returning in 2016!

Greystone
Bar & Restaurant
Mellieħa

153, Triq Ġorġ Borg Olivier,
Mellieħa
MLĦ 1020

Tel: +356 2152 3499
Mob: +356 9944 6621
Email: greystonepub@hotmail.com

Ta' Kanani
Pizzeria • Bar • Restaurant
3 Main Street,
Mellieħa

Tel: 21522562

Take Away Pizza
also available

*Alex Briffa – Chef*
*Alfred Xuereb – Manager*

*Try our Pizza and you won't be disappointed*

SPORTS EXPERIENCE
Trophies & Awards

Pitkali Road, Attard

Tel:
(00356) 21 438877
Fax:
(00356) 21 438876
Email:
sportexp@maltanet.net

# A.F. SKIP HIRE
*Mellieha*




## Toni (ta' Rasu)

**Mob: 9925 3837**
**9935 3837**

***Ġbir ta' ħadid mingħajr ħlas***

---

# fieldsports
**Fishing & Adventure**

**Shop:** 17 Parish Square, Mellieha. **Telephone:** 2152 2602
**Email:** info@fieldsportsmalta.com
**Opening Hours:** Monday-Friday 9:00-12:30 / 16:00 - 19:00hrs
Saturday 9:00 - 12:30hrs





## Fishing Equipment
Fishing Rods, Tackle, Nets, Reels, Baits, Lures, Life Jackets, (Ful tal-Vopi, Gambli u Sardin) and Accessories



## Spear Fishing
Spear Guns, Knives, Diving Masks, Fins, Scuba Floats, Gloves and Shoes



## Adventure Wear
Clothing, Boots, Multi-Purpose Knives and Binoculars



TRABUCCO · BUCK KNIVES · asari · MAXIMA · cannelle · YAMASHITA · technisub · AQUA LUNG · Mustad · ASSO · YO-ZURI · FLADEN · mares · Sommer



# It-twaqqif ta' sptar ta' konvalixxenza fil-kamp tal-Għadira fl-1915

**Charles Debono**, BA (Hons) History & MA History
*Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*

Wara li faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija fl-1914, l-Alleati ddeċiedew li jattakkaw l-Imperu Ottoman. L-Alleati żbarkaw f'Gallipoli fil-25 ta' April 1915, però mill-ewwel bdew jesperjenzaw ħafna telfiet, b'suldati jispiċċaw mejta. Il-midruba bdew jiġu evakwati fi sptarijiet fil-viċinanzi, però l-faċilitajiet ma kienux biżżejjed għal dawn is-suldati midruba. Għalhekk inħass il-bżonn li dawn is-suldati midruba jiġu evakwati f'postijiet oħra. Malta kienet waħda minn dawk il-postijiet li ntgħażlu. Il-Gvernatur ta' Malta Lord Methuen kien diġà ħaseb għall-eventwalità li l-Alleati jsofru ħafna suldati midruba u għalhekk kien diġà ħejja diversi sptarijiet. L-ewwel suldati midruba serji waslu f'Malta fil-5 ta' Mejju 1915. Iktar ma' beda jgħaddi ż-żmien, iktar bdew jiżdiedu n-numri ta' suldati feruti. Minħabba din is-sitwazzjoni kellhom jinstabu jew jitwaqqfu sptarijiet jew sptarijiet ta' konvalixxenza.



*L-Isptar ta' Konvalixxenza fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa, li kien jikkonsisti minn tined.*

Għall-aħħar tal-1915, reġgħet inqalet il-kwistjoni ta' iktar postijiet għall-konvalixxenza. Li jiżdiedu iktar minn 3,790 sodda fl-Isptar ta' Konvalixxenza fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa ma kienx possibbli. Għalhekk kellu jinstab post ieħor. Fil-Belt Valletta ma kienx hemm post ieħor li seta' jintuża bħala sptar. Għal din ir-raġuni ntgħażel il-Kamp tal-Għadira, li qabel ma' faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija kien jintuża għat-taħriġ tat-truppi. Il-kamp kellu favurih il-fatt li kien jinsab f'post tajjeb għas-saħħa, iżolat mill-popolazzjoni ċivili u b'aċċess faċli għall-baħar. Ta' żvantaġġ kien il-fatt li hu 'l bogħod ħafna mill-Belt Valletta, li kien ifisser vjaġġi twal għat-trasport ta' tagħmir, provvisti u pazjenti.[1]

Għal bidu kien maħsub li jespandi għal madwar 3,000 sodda. L-ewwel pazjenti waslu f'Novembru 1915, u r-*Royal Engineers* ipprovdew l-essenzjali, preparazzjoni tas-siti għall-kċejjen eċċ. Fis-16 ta' Jannar 1915 kienu diġà tlestew 100 sodda tal-isptarijiet u 500 sodda tal-konvalixxenza. Sat-30 ta' Jannar kien tlesta l-ewwel kamp. L-ewwel pazjenti bdew jaslu mill-għada (31 ta' Jannar) u dawn malajr telgħu għal 1,050. Minħabba f'hekk beda x-xogħol fuq it-tieni kamp, li però kienu tlestew 250 sodda biss.[2]




*Mappa ta' Malta li turi fejn kienu l-isptarijiet u l-isptarijiet ta' kovalixxenza.*

Din hija parti żgħira mill-istorja tal-Kamp tal-Għadira li forsi ftit jafu li dan serva wkoll ta' sptar ta' konvalixxenza matul l-Ewwel Gwerra Dinjija.

**Referenzi:**

[1] G.R. Bruce, Military Hospitals in Malta during the War, (Malta), pp 35-36.

[2] Ibid, p 36

E'CASA
...we furnish your dreams







kitchens ■ sofas ■ bedrooms ■ dining rooms ■ wall units ■ occasional furniture ■ home accessories

E'CASA
www.ecasa.com.mt
Please call for an appointment
E'casa Limited, 47, Triq l-Gherien, Mellieha, Malta MLH 2282
T (+356) 2152 4262 F (+356) 2152 2762 M (+356) 7900 8002 E info@ecasa.com.mt

Highly Finished Upmarket Apartments in Mellieha







ASPEN
LIMITED
...at fantastic prices
Please call for an appointment: Aspen Limited, 47, Triq l-Gherien, Mellieha MLH 2282
Tel: (+356) 2152 2761 Fax: (+356) 2152 2762 E-mail: aspen@onvol.net


P&C Cauchi
Demolition Excavation
9989 9839/7925 9208 .M
crs.cauchi@gmail.com .E

Abela Norbert Joiners
High quality locally manufactured furniture according to client's requirements
59, Triq In-Naħal, Mellieħa
Tel: 21523853 Mob: 99476620
Find us on: facebook

# They say miracles don't happen

Brian Roberts

I have always been very sceptical when it comes to believing in miracles, but sometimes you witness something that cannot be explained no matter what rational or irrational thought process are put into place. We all believe without question the miracles recorded in the New Testament even without tangible proof. History is littered with events and actions of persons which defy human logic. Perhaps that is why they fascinate us so much just because we cannot attach logic and reason. Of course some are fabricated or exaggerated versions of events which were supposed to have taken place but when you can see what is described as a miracle with your own eyes or even touch it, your consciousness is taken to a new level.

A few years ago Kate and I were in Santa Fe New Mexico and made a visit to the Loretto Chapel in the centre of the city. I had heard about a miracle that was supposed to have happened there, but what we saw took our breath away.

In 1872 Jean Batiste Lamy, the Roman Catholic Archbishop of Santa Fe commissioned the building of a convent to be named "Our Lady of the Light Chapel". It was designed in the Gothic revival style. Unfortunately the architect died suddenly and it was then that the builders found a major design fault. There was no access to the choir stalls 22 feet above the floor. Experienced carpenters were brought in to design a staircase but all conceded that it could not be done and the only way to climb up was by ladder.

When the chapel was completed it was put in the care of the Sisters of Loretto as an academy.

For many years the sisters were forced to climb a ladder to the choir stall. Seeking divine guidance the sisters made a novena to their patron saint St Joseph the Carpenter.

Legend has it that on the ninth and final day of the novena a mysterious carpenter arrived at the Chapel and offered to build a staircase but with a condition that the church must be locked while he was working and no one was to enter. The carpenter who arrived on a donkey was only equipped with basic tools - a saw, a carpenter's square, a hammer and tubs for soaking the wood.

The sisters agreed and he got to work. The chapel doors were bolted from inside and the sisters complied by the agreement.

No sound was heard from the chapel and no one entered or left the building. No deliveries were made of materials. Even to the Sisters this incident was totally bizarre.

A few weeks later the Sisters had not heard or seen the carpenter and so they entered the Chapel. What they found brought them to their knees.



To the Sisters the novena had worked. The inside of the Chapel had been completely renovated.

A miraculous staircase consisting of 33 steps in two full 360 degree turns had been built. There was no centre support, nor was it held from the sides. There were no nails used, only wooden pegs and there were no joints to be found. The wood did not come from New Mexico and the greatest mystery of all was that the Carpenter had disappeared without seeking any payment.

Since then, many experts had studied the structure and all came to the same conclusion that whoever the mysterious carpenter was, he was a genius.

The Sisters believed that he was St Joseph himself sent by Jesus to help them.

Whatever the truth, the beautiful staircase in Loretto Chapel cannot be explained in any rational way. It is a work of art in many ways greater than those of the greatest artists and designers.

To the Sisters of Loretto Chapel it is a miracle both in the identity of the Carpenter and the physics of the construction and who are we to argue. Even I have to admit there is no other explanation.

Today the Chapel is only used for special occasions such as weddings but the miraculous staircase of Loretto Chapel is there for all to wonder on.


Joe's Barber Shop
Gents Hairstlist
88, Triq In-Ninfa Calypso
Mellieħa. Malta
MLH 1916
Tel: 79701593 / 21521136
Opening Hours
Mon-Wed-Fri: 5.00pm to 7.00pm
Sat: 9.00am to 12.30pm

GIUSEPPI'S WINE BAR
26/27, St. Helen Str., Mellieħa
Tel: 21 574882 / 9949 3579

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7994 1401



# The Waterfront

dbproperties
www.dbpropertiesmalta.com
Mob: (+356) 99493487

PARADISE BAY
Resort Hotel
★★★★








Marfa Road, Cirkewwa, MLH 9068, Malta
**T.** (+356) 2152 1166 **F.** (+356) 2152 1153
**E.** events@paradise-bay.com

www.paradise-bay.com

Find us on: facebook®



# Reġgħet waslet il-festa tagħna

**Christopher Bartolo**
***Sagristan***

Ftit wara li tgħaddi l-festa ta' Marija Assunta – magħrufa mal-Maltin u l-Għawdxin bħala l-festa ta' Santa Marija – aħna l-Melliħin nibdew nitkellmu u nippreparaw għall-festa titulari tagħna. Din il-festa kienet magħżula mill-antenati tagħna meta dawn iddeċidew li jiddedikaw il-parroċċa tagħna lil Ommna Marija Santissima f'jum it-twelid imqaddes tagħha. Għalina bħala komunità, din il-festa tfisser żmien opportun sabiex fih ħafna nies jaħdmu flimkien fil-preparazzjonijiet li jsiru, ħafna familji jattendu għall-funzjonijiet reliġjużi u anke ħafna nies jiffesteġġjaw u jifirħu flimkien.

Ħafna nies jaraw il-festa titulari bħala żmien qawwi għaliex f'dan iż-żmien jaraw lill-parroċċa tqum spiritwalment. Matul dawn l-aħħar 39 sena li ilni nipprepara għal din il-festa liturġika, dejjem innotajt kemm il-poplu Mellieħi jattendi bi ħġaru għall-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja. Ħafna nies matul il-ġranet tal-festa jersqu lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin. Dan huwa importanti ħafna għaliex, mhux biżżejjed li nippreparaw u norganizzaw, jekk imbagħad il-poplu ma jagħmilx il-parti tiegħu u jattendi għal dak kollu li jkun organizzat għalih.

F'dawn iż-żminijiet, wieħed jista' jara u josserva valuri oħra li jagħmlu l-festa waħda nisranija, kif għandha tkun. Hekk, pereżempju, matul il-ġranet tal-festa, ħafna nies, li ħafna minnhom ikunu membri ta' għaqdiet, bħalma huma l-Grupp tan-Nar, il-Grupp tal-Armar, il-kumitati u l-membri tal-każini tal-baned li nsibu fil-parroċċa, imorru jagħtu d-demm – ġest mill-iktar nobbli, għaliex li tagħti d-demm lil min jista' jiġi bżonnu huwa att ta' ġenerożità mill-isbaħ li jista' jsalva ħafna ħajjiet. Daħlet ukoll drawwa sabiħa li dawn l-istess membri tal-għaqdiet imorru jżuru u jferrħu l-anzjani u l-morda tagħna. Matul il-ġranet tal-festa jkun hemm minn jagħti karità fi flus lil min jinsab fil-bżonn ukoll. Ġesti bħal dawn żgur li jkunu ammirati minn ħafna nies li jaraw fina valuri verament sbieħ u li juru kemm aħna komunità li niffesteġġjaw il-festa tagħna b'mod nisrani.

Bħal kull festa oħra fl-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex, il-festa tagħna hija maqsuma f'żewġ partijiet. Għandek il-parti reliġjuża jew il-funzjonijiet liturġiċi u l-parti soċjali jew il-festi ta' barra. Huma żewġ partijiet li jikkumplimentaw lil xulxin. Meta kont għadni tifel kont immur ma' missieri Lippu għal ħafna mill-attivitajiet li kienu jsiru fit-toroq u l-pjazza tagħna. Niftakar fil-marċi li kienu jorganizzaw iż-żewġ baned tagħna. Kien ukoll jeħodni fuq is-sur li hemm biswit il-knisja sabiex nara n-nar tal-ajru. Però l-isbaħ parti mill-festa għalija hija l-ħin meta jindaqqu ż-żewġ innijiet sbieħ u għeżież għalina l-Melliħin – l-innijiet ad unur Marija Bambina. Nistqarr li għadni sal-ġurnata tal-lum nipprova nsib ftit ħin biex nisma' dawn l-innijiet. Kienet deċiżjoni tajba li ż-żewġ baned tagħna kienu akkwistaw dawn l-innijiet – patrimonju li ser jibqa' apprezzat minna kif ukoll mill-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Ma nistax ma nsemmix l-armar li jintrama fil-pjazez u t-toroq tagħna. Meta nara l-armar tal-festa, ħsibijieti jaqgħu fuq dak iż-żmien meta kont għadni żgħir u missieri kien jeħodni fil-pjazza f'xemx tiżreġ fl-aqwa tas-Sajf. Il-pjazza kienet tkun vojta ħlief għall-armar tal-festa. Kien joqgħod jurini u jgħidli x'kienu jgħidulhom kull biċċa mill-armar li kien ikun hemm - it-trofej, il-pelandri, il-pedestalli, il-linef u l-antarjoli. Kien jispjegali wkoll l-istorja li tirrappreżenta kull statwa li jitpoġġew fil-pjazza għall-okkażjoni tal-festa. Niftakar quddiem tnejn minnhom konna ndumu iżjed għaliex kien jispjegali għaliex semma tnejn minn ħuti għalihom.

Il-festa titlob ħafna impenn u dedikazzjoni. Għal ħafna nies involuti, il-festa hija kollox. Bħal kull festa u attività oħra, il-festa titlob ħafna ħsieb, organizzazzjoni u xogħol. Għall-għaqdiet, gruppi u ħafna individwi, il-festa ġġib magħha ħafna xogħol u preparazzjonijiet. Dawn in-nies kollha jkollhom skop wieħed f'moħħhom – is-suċċess ta' dak li jkunu qegħdin jorganizzaw. Bħala sagristan, jien għandi esperjenza kemm tinvolvi impenn festa titulari. Għandna ħafna nies li jaħdmu b'mod volontarju u aħna, bħala komunità, għandna napprezzaw il-ħidma

ta' kulħadd għaliex ix-xogħol ta' kulħadd huwa importanti u jekk xi ħaġa tmur ħażin, il-festa kollha tbati.

Jalla jkollna festa sabiħa li tirrifletti l-valuri nsara tagħna u li tkompli tagħmilna komunità magħquda. Jalla l-ġranet tal-festa jħallu impatt, kemm fuq il-familji tal-parroċċa tagħna kif ukoll fuq kull min jingħaqad magħna sabiex jifraħ magħna. Fl-aħħar nett, nixtieq nirringrazzja lill-President tal-Banda "Imperial", is-sur Josef Borg kif ukoll lill-kumitat talli, għal sena oħra, reġa' stedinni sabiex nikteb dan l-artiklu. Nixtieq ngħid prosit ukoll tal-wirja sabiħa li ttellgħet matul il-Milied. F'din il-wirja, stajna naraw xogħlijiet sbieħ ta' presepji mħejjija u maħdumin minn diversi materjali u bi stili differenti. Żgur li l-komunità Mellieħija u kull min żar din il-wirja apprezza x-xogħol ta' kull min ħa sehem u din il-wirja kompliet tgħin biex iddaħħal fl-ispirtu ta' Milied nisrani lil dawk li żaruha. Fl-aħħar ngħid grazzi lill-istess kumitat tar-rispett, stima u għajnuna li dejjem tani mill-ewwel ġurnata tiegħi bħala sagristan.

Jalla l-festa tkun suċċess sabiex l-għada tal-festa jkollna l-unur ngħidu kemm kellna festa sabiħa kompluta minn kollox u mingħajr ebda nkwiet u kemm kulħadd gawda fil-kwiet u l-paċi.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.




**Tower Ladder Services**

Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678

**MIDDLEHILL STORE**

**Prop: A. Cutajar**



***8,
Ġ. Borġ Olivier Str.
Mellieħa
Tel: 21 520603***

**DINGLI BUTCHER**

67, P. P. Magri Street,
Mellieħa

**Tel: 2152 3588**

**Specialising in
Maltese & European Fresh Meat,
Marinated Meats and Poultry,
Fresh made Kebabs,
Home Made Sausages & Burgers,
Local Fresh Rabbits**

***Opening Hours:***

| | |
|---|---|
| Mon / Tues | 07.00am till 12.30pm |
| Wed / Thurs / Fri | 07.00am till 12.30pm |
| | 03.30pm till 06.30pm |
| Saturday | 07.00am till 01.00pm |

*Free Delivery*



# Wettinger u l-Mellieħa

miktub minn Evarist Bartolo

Fit-22 ta' Mejju 2015 miet il-Professur Godfrey Wettinger li twieled il-Mosta imma trabba l-Mellieħa u għamel snin twal jgħix hawn. Tilef lill-missieru ta' età żgħira u rabbiet lill-uliedha l-omm billi kienet tbiegħ il-ħalib tant li kienet magħrufa bħala "Is-sinjura tal-ħalib". Niftakar inżuru fid-dar tiegħu fit-taraġ ta' ħdejn il-forn ma' wħud minn sħabi tal-Wirt Storiku Mellieħa meta kważi 45 sena ilu konna ngħaqadna biex naraw x'jista' jsir biex insalvaw il-wirt storiku fil-Mellieħa u naraw kif jista' jiġi apprezzat aħjar. Wettinger li dak iż-żmien kien għadu jgħallem l-istorja l-Liċeo tal-Ħamrun kien għamlilna ħafna kuraġġ u tana xi pariri fejn għandna nikkonċentraw.

Niftakru sogħbien jgħidilna kif il-kappella ta' San Niklaw, patrun tal-baħħara, fi Ġnien Ingraw tħalliet abbandunata u tinqered u kif il-pittura mal-hajt bħal dik tas-Santwarju tħalliet kważi tgħib għalkollox.

Niftakar konna kellimnieh dwar it-Torri ta' Għajn Ħadid u tas-Salib fil-Mitħna fejn kien jibda r-raħal. Kien laqatni mill-ewwel x'impenn kbir kellu bħala studjuż. Qatt ma kont tarah barra. Dejjem ġewwa jistudja, ifittex, jaħseb u jikteb. Fil-kamra fejn laqqagħna kien hemm erba' ħitan xkafef mimlijin kotba u mbagħad ħafna kaxex mimlijin speċi ta' kartolini żgħar fejn fuq kull waħda kien ikollu l-isem ta' xi tagħrif li ltaqa' miegħu u d-dettal mnejn ġabu, kollox organizzat b'mod alfabetiku u mill-ewwel jaf fejn isibu.

Fis-snin twal ta' riċerka storika jibqa' magħruf għad-dawl li tefa' fuq: l-aktar poeżija bikrija Maltija (Il-Kantilena miktuba aktarx madwar is-sena 1470); iż-żmien tal-Għarab f'pajjiżna; il-biedja lokali f'nofs is-seklu 15; il-kummerċ tal-ilsiera u l-ismijiet tal-postijiet fil-gżejjer tagħna mis-sena 1300 sas-sena 1800.

Kien fid-dar tiegħu tal-Mellieħa li flimkien mal-Patri Dumnikan Mikiel Fsadni, il-Professur Godfrey Wettinger studja u kiteb il-pubblikazzjonijiet dwar il-Kantilena, l-ewwel poeżija Maltija li nafu biha s'issa. Ħadmu flimkien fid-dar fil-Mellieħa għax Wettinger ma riedx jersaq lejn il-kunvent tad-Dumnikani fejn kien jgħix Patri Fsadni.

Godfrey Wettinger kiteb l-istorja ta' pajjiżna fiż-żminijiet tan-Nofs u niseġ dak li kien qed jiġri hawn fit-tapizzerija iżjed wiesgħa tal-Mediterran. Kien fitt immens fir-riċerka tiegħu u dejjem ried li jibni dak li jgħid fuq il-fatti li jsib. Minħabba f'hekk ġie fl-inkwiet ma' min ma riedx li jinqerdu miti u ħrejjef fir-rakkont tal-istorja ta' pajjiżna. Ħallas qares għax kellu moħħu miftuħ biex jilqa' fatti ġodda li skopra dwar l-imgħoddi ta' pajjiżna għax kienu jmorru kontra t-tradizzjoni vvintata matul iż-żminijiet li ġensna dejjem kien Nisrani u li ma sarx Mislem fi żmien l-Għarab. Ħallas qares u għal żmien twil għalqulu l-bieb biex jidħol jgħallem fl-Università ta' Malta.

Fix-xogħlijiet tiegħu nsibu ħafna referenza għall-istorja tal-Mellieħa u l-inħawi ta' madwarha. Fuq l-isem tar-raħal jgħid ċar u tond: "In-nies tal-Mellieħa dejjem kienu jgħidu li l-isem tal-Mellieħa għandu x'jaqsam mal-melħ jew l-għasel. Melħ mill-Għarbi, għasel mill-Grieg. Jien ngħidilhom: tistgħu jekk jogħġobkom tiddeċiedu liema wieħed, jew wieħed jew l-ieħor. Issa nista' nistaqsihom: spjegawli kif jista' jkollkom isem Grieg, u Malta għamlet mitt sena mingħajr ma kellha nies jgħixu fiha? Jien għalija ddeċidejt issa - l-isem ġej mill-kelma melħ u minn kif jissejjaħ il-post fejn jagħmlu jew jiġbru l-melħ. Fil-mapep l-antiki ssib l-isem fejn kien hemm is-salini tal-melħ fejn illum hemm ir-riserva tal-għasafar."

L-istudji ta' Wettinger juruna li għal żmien twil il-Mellieħa ma kienx fiha nies jgħixu minħabba li dawn l-inħawi kienu jsofru ħafna invażjonijiet tal-furbani li kienu jkaxkru kulma jsibu. Naraw li fil-lista ta' dawk li kienu jħarsu x-xtut tal-gżejjer tagħna fl-1419 u 1420 ma jissemmewx l-irħula tal-Mellieħa, San Pawl il-Baħar u l-Imġarr għax dak iż-żmien ħlief blat u raba xagħri ma kontx issib għax ma kienx hawn nies jgħixu f'din in-naħa ta' Malta. Jissemmew tliet irħula żgħar biss: bħal Dragu, Ħal Marikatu u Ħal Gazara.

Fir-riċerka tiegħu dwar mnejn ġejjin l-ismijiet tal-lokalitajiet differenti f'Malta u f'Għawdex, Wettinger jitfa' ħafna dawl fuq l-ismijiet li għandna wkoll f'dawn l-inħawi. Naraw li ħafna minnhom

ġejjin anki mill-Għarbi. L-istudji juru r-riċerka tiegħu dwar l-Għarab f'pajjiżna l-iżjed li qalgħulu nkwiet tul ħajtu għax kien hemm minn ma riedx, u għad hemm min sal-lum ma jridx, jaċċetta li fil-gżejjer tagħna kien hawn żmien li l-kotra kienet tħaddan l-Iżlam u kien hawn żmien li fil-gżejjer tagħna ma kienx hawn nies jgħixu u allura l-kontinwità Nisranija tal-istorja tagħna minn żmien San Pawl sal-lum hija ħrafa oħra.

Niftakar li aħna bħala tfal Melleħin kienu jgħidulna biex inħossuna kburin mhux biss li San Pawl wasal Malta l-Għadira (u mhux San Pawl il-Baħar) imma li San Luqa li kien miegħu pinġa x-xbieha tal-Madonna u t-tarbija Ġesù fuq il-blat fis-Santwarju, jew il-knisja t'isfel kif konna ngħidulha.

Niftakarni nargumenta ma' kappillan waqt ir-riċeviment ta' magħmudija ta' waħda min-neputijiet tiegħi dwar kif ma jistax ikun li San Luqa pinġa dik ix-xbieha u li dik saret ħafna sekli wara li ġie San Pawl. Kien qalli biex ma ngħidx dawn l-affarijiet żbaljati fil-pubbliku għax inħawwad in-nies u ntellifhom il-fidi. Studji bħar-riċerka ta' Wettinger juruna li dik ix-xbieha għandha l-istil Biżantin ta' pitturi fuq il-blat li saru f'Malta u fi Sqallija fis-seklu 13-14. Bħalma l-Mellieħa għandha l-għar u casa, parti dar mibnija u parti għar naturali, f'Malta u fi Sqallija nsibu ħafna knejjes u għerien għax in-nies ta' dak iż-żmien minbarra li kienu jgħixu fl-għerien u jżommu l-annimali, kienu wkoll iqimu r-reliġjon tagħhom fl-għerien.

Ara billi tgħid li pittura saret fis-seklu 13 jew 14 u mhux minn San Luqa x'tip ta' fidi se ttellef lin-nies. Imma din kienet it-tip ta' mentalità li kellu jeħodha kontra tagħha Wettinger biex jitfa' dawl ġdid fuq l-istorja ta' pajjiżna mibnija fuq il-fatti dokumentati minflok fuq tradizzjonijiet, ħrejjef u miti. Dawn il-ħrejjef u tradizzjonijiet għandhom il-valur kulturali tagħhom iżda mhumiex storja mibnija fuq il-fatti.

Wieħed mix-xogħlijiet ta' Wettinger dwar il-biedja f'pajjiżna jitfa' dawl interessanti fuq l-inħawi fin-naħa ta' fuq ta' Malta f'nofs is-seklu 15. Isemmi kif Antoniu Desgaunes fl-1485 kien ħataf art f'Miżieb ir-Riħ u f'Għajn Żejtuna biex ma jħallix lir-rgħajja jidħlu bil-merħliet tagħhom biex jirgħu. Dokument li jikkwota Wettinger isemmi kif Desgaunes ma ħalliex nies jidħlu fl-inħawi magħrufa bħala Millacha biex jirgħu u jrabbu n-nagħaġ u l-mogħoż għall-ikel u jaqtgħu x-xewk ħalli jsajru bihom u jsaħħnu lilhom infushom mill-kesħa.

Wettinger tefa' dawl kbir fuq kif kienu jgħixu, x'kienu jemmnu, x'kienu jaħsbu n-nies li għexu f'dawn il-gżejjer fis-sekli li l-aktar kien għadhom ma ġewx riċerkati u kien għadhom fid-dlam u allura nħolqu ħafna ħrejjef u miti dwarhom. Jixraq li dan ir-raħal isib mod kif ifakkar wieħed mill-aqwa studjużi tal-istorja li ra pajjiżna s'issa.




TONY'S BAKERY

*Triq il-Madonna Tal-Għar,*
*Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta*

*Tel: 2152 3432*
*Mob: 9945 1519*
*99451514*

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin kollha l-Festa t-Tajba

**Evergreen**

*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma nagħlqu xejn.
Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

**V. Debono**

*Ironmongery*

Colour Tinting
and
Hardware Store

Tel: 21523892

**No.8,**
**Triq l-Għoljiet,**
**il-Mellieħa**





# Il-Bandiera Ewropea u l-Madonna

Ralph Micallef

Għal dawk li forsi għadhom ma jafux, naħseb tajjeb infakkru r-rabta intima li għandha din il-bandiera mal-Madonna.

Kien f'Mejju tas-sena 1949 li twaqqaf il-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburgu li poġġa l-bażi ta' dik li matul is-snin kellha bil-mod il-mod tiżviluppa fl-Unjoni Ewropea kif nafuha llum. Kien biss sena wara dan l-avveniment storiku, li dan l-istess Kunsill mill-ewwel nieda konkors, li kien għall-artisti kollha tal-kontinent Ewropew, biex jippreżentaw abbozz għal din il-bandiera ġdida.

Fost l-għadd kbir ta' artisti Ewropej li ħadu sehem f'dan il-konkors kien hemm Arsene Heitz, pittur żagħżugħ li kien devot kbir tal-Madonna u li kien jgħid ir-Rużarju kuljum. Kien dan il-pittur żagħżugħ li ppreżenta lill-Kunsill tal-Ewropa l-abbozz tiegħu għall-bandiera Ewropea bix-xbieha ta' tnax-il stilla bajda forma ta' ċirku fuq sfond kaħlani. U minn fejn ġietu din l-idea? Kif stqarr wara hu stess, l-idea ma kinitx oriġinali u lanqas ġietu b'kumbinazzjoni. Inzerta li meta kien tnieda l-konkors Ewropew, Arsene Heitz kien qed jaqra l-istorja ta' Santa Katerina Laboure li lilha l-Madonna kienet tat il-Midalja Mirakoluża fl-1830.

U tant issaħħar wara l-istorja ta' din il-Midalja Mirakoluża li mill-ewwel fittex li jakkwista midalja għalih u għal martu. Fil-midalja mill-ewwel lemaħ tnax-il stilla madwar il-Madonna.

Kienu preċiżament dawn it-tnax-il stilla fuq sfond kaħlani, il-kulur tradizzjonali assoċjat mal-Madonna.

B'għaġeb kbir tiegħu, kellu jkun l-abbozz imressaq minnu li ġie magħżul minn M.G. Levy, id-direttur tas-servizz tal-istampa u informazzjoni li ġie mqabbad mill-istess Kunsill tal-Ewropa biex jagħżel l-aħjar abbozz.

U kellu jkun fil-jum tat-8 ta' Diċembru 1955, il-jum li fiha l-Knisja Kattolika tiċċelebra l-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni tal-Madonna li l-bandiera Ewropea, bi tnax-il stilla f'forma ta' ċirku fuq sfond kaħlani, ġiet addottata uffiċjalment mill-imseħbin kollha tal-Unjoni Ewropea.

HOUSEWIFE Fresh Chicken

Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

DAILY FRESH IS BEST

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa



# Salvatore Ellul Bonici u x-Xbieki tat-Tunnara
## *6 ta' Ottubru 1908*

Jimmy Muscat

Petizzjoni miktuba bl-Ingliż u mibgħuta minn Salvatore Ellul Bonici minn indirizz fi Strada Chiesa Vecchia, San Pawl il-Baħar, lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern dwar avviż maħruġ mid-Dipartiment tad-Dwana bid-data tal-5 ta' Ottubru 1908, għall-offerti għal liċenzji biex jintefgħu x-Xbieki tat-Tonn f'diversi lokalitajiet madwar il-kosta ta' Malta, fosthom San Pawl il-Baħar, il-Bajja tal-Mellieħa, iċ-Ċirkewwa, il-Ġnejna u d-Delli.

Dawn l-offerti kellhom jaslu fl-Uffiċċju tad-Dwana fil-Belt Valletta sal-11 ta' filgħodu tal-Ħamis, 5 ta' Novembru 1908. L-Avviż tad-Dwana kien fih 4 kundizzjonijiet: Il-liċenzja kienet tingħata għal 3 snin li jibdew mill-1 ta' April 1909, dejjem skont ir-Regolamenti ppubblikati mill-Gvern fin-Notifiki numru 13 tal-14 ta' Jannar 1896 u numru



Sda Chiesa Vecchia
St Pauls Bay
6: October 1908.

1612/08

LIEUTENANT GOVERNOR'S OFFICE RECEIVED -6 OCT. 08 MALTA

Hon Sir,

I have the honour to submit for Your Kind notice that with reference to the 3d Condition in the enclosed Custom House Notice calling for tenders for licence to lay Tunny Nets;
I beg most respectfully to submit that the nets once laid, cannot be removed till after the Tunny fishing season is over, the laying of which require at least fourteen days work, and if removed before the proper time expenses involving nearly £500 to relay the nets.

The Tunny fishing period is fifty days, and required forty days to prepare Nets &c for fishing.

I therefore beg to suggest that

To the Honourable
Acting Lieut. Gov. &
Chief Sec. to Gov.
&c &c &c

NATIONAL ARCHIVES OF MALTA

200 tal-25 ta' Awwissu 1904. Ħadd ma seta' jitfa' offerta għal aktar minn 2 siti, inkella jiġi skwalifikat. It-tielet kundizzjoni kienet tgħid li l-liċenzji kienu jingħataw bil-kundizzjoni li s-sidien tax-xbieki riedu javżaw minn tal-inqas 10 ijiem qabel ma' jitfgħu x-xbieki tagħhom fil-baħar f'kull staġun u li riedu jneħħuhom, bla ma jingħataw kumpens, ikun xħin ikun, jekk jiġu mitluba jagħmlu dan minħabba operazzjonijiet Navali jew Militari f'dawk l-istess inħawi. Il-Gvern kien qiegħed iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta kwalunkwe offerta mitfugħa.

Is-Sur Ellul Bonnici kien qiegħed jikteb dwar it-tielet kundizzjoni msemmija hawn fuq u żied jgħid li ladarba x-xbieki tat-tonn jintefgħu l-baħar ma setgħux jerġgħu jittellgħu qabel ma jispiċċa l-istaġun tat-tonn. Qal ukoll li t-tqegħid tax-xbieki kien jieħu madwar ġimagħtejn u jekk jinġabru qabel il-ħin kien jinvolvi spiża ta' madwar 500 Lira biex jerġgħu jintramaw.

Kompla jgħid li l-istaġun tas-sajd għat-tonn kien ta' madwar 50 ġurnata u huma riedu 40 ġurnata biex jippreparaw ix-xbieki għas-sajd. Spiċċa billi ssuġġerixxa li għandhom jingħataw 4 sigħat ċans jew *notice* qabel xi operazzjoni Navali jew Militari f'dawk iż-żoni mikrija, biex hekk il-kuntrattur ikollu ċans ineħħi d-dgħajjes tas-sajd, in-nies jew baħrin u apparat minn hemmhekk. Fl-aħħar fakkar ukoll li s-sena ta' qabel hu kien applika għas-sit tas-sajd bejn il-Ponta tal-Waħx u ċ-Ċirkewwa.

Din it-talba waslet fl-Uffiċċju tas-C of C, jew il-Kollettur tad-Dwana, u dan wieġeb li jista' jkun li l-ispiża biex tneħħi x-xbieki tkun daqshekk għolja, iżda din il-kundizzjoni ġiet imposta minħabba l-problemi li kienu nqalgħu s-sena ta' qabel meta saru manuvri Navali u Militari fil-Bajja tal-Mellieħa fejn kien hemm ix-xbieki tat-Tunnara.

Dwar l-avviż li għandu jingħata qabel, il-Kollettur iddikjara li dejjem jingħata ċans u ħin adekwat mill-Awtoritajiet Navali u Militari meta jkunu se jsiru operazzjonijiet minnhom. Spiċċa billi



CUSTOM HOUSE.

VALLETTA, 5th October, 1908.

Sealed tenders will be received at this Office, until 11 a.m. of Thursday, the 5th November, 1908, for obtaining a LICENSE TO LAY TUNNY NETS in any of the following or other localities round the coast of Malta and Gozo, viz :—

St. Paul's Bay — Gneina
Melleha Bay — Marsascirocco
Cirkeua — Delli
San Blas—Gozo.

The license will be granted for three years from 1st April 1909 subject to the Regulations published in Government Notices No. 13 of 14th January, 1896, and No. 200 of 25th August, 1904.

No tenderer shall offer for more than two sites, and the Government shall have power to withdraw the license in case a tenderer will become directly or indirectly interested in more than two sites.

The licenses will be granted on condition that owners of nets should give, at least, 10 days' notice before the nets are laid in each season, and that they should remove the nets, without compensation, at any time, if required to do so for purposes of Naval or Military Operations.

The Government reserves to itself the right of accepting or rejecting any of the tenders received.

V. RIZZO,
*Acting Collector of Customs.*

nforma lis-Sur Ellul Bonnici li seta' jitfa' offerta għal dak il-lok li xtaq hu, jiġifieri mill-Ponta tal-Waħx saċ-Ċirkewwa.

Din it-tweġiba ngħatat fis-7 ta' Ottubru 1908 u ntbagħtet lil Salvatore l-għada, it-8 ta' Ottubru 1908. Minn minuta oħra jidher ukoll li Salvatore kien l-uniku wieħed li oġġezzjona għal dik il-kundizzjoni ġdida dwar il-ġbir tax-xbieki.

Hawn għandna aktar informazzjoni dwar id-diversi lokalitajiet fejn kienu jintramaw ix-xbieki għas-sajd tat-tonn madwar il-Mellieħa, kif ukoll dwar il-problemi li kienu jinqalgħu *vis-a-vis* l-awtoritajiet Ingliżi li dejjem żammew il-Bajja tal-Mellieħa bħala post sagrosant għalihom biex ikunu jistgħu jagħmlu t-taħriġ Militari u Navali tagħhom. Dan minħabba x-xeħta topografika favorevoli tal-bajja. Interessanti wkoll li jissemma li l-istaġun tat-tonn kien idum madwar xahar u nofs, meta t-tonn kien ipassi. Fil-Bajja tal-Mellieħa t-tonn kien jiġi min-naħa tal-Imġiebaħ għal taħt il-Griebeġ u mbagħad jaqsam il-bajja għan-naħa l-oħra fejn hemm Irdum il-Ħmar fejn kien jibqa' ħiereġ 'il barra lejn l-Irdum ta' taħt il-Madonna tal-Kunċizzjoni. Hemmhekk kien isib ix-xbieki tat-Tunnara jistennewh.





# 450 sena mir-rebħa tat-8 ta' Settembru

Kav. Clifford Galea MA

L-Assedju ta' Malta tal-1565, magħruf aktar bħala l-Assedju l-Kbir, kien assedju miġġieled propju 450 sena ilu, bejn il-qawwa Ottomana li kienet assedjat lil Malta u l-Kavallieri ta' San Ġwann, gvernaturi tal-gżejjer Maltin.

Il-Kavallieri rebħu dan l-assedju li kien wieħed mill-aktar mdemmija fl-istorja u fost l-aktar qalila, u li fis-seklu sittax kien avveniment li biddel wiċċ l-Ewropa. Il-filosfu Voltaire jgħid hekk dwar dan l-assedju, "Xejn mhu magħruf aktar mill-assedju ta' Malta". Din kellha tkun l-aħħar theddida Ottomana fl-Ewropa, b'din il-battalja tkun l-aħħar waħda missielta wiċċ imb'wiċċ mill-ġlieda tal-forzi Kristjani u dawk Ottomani għall-kontroll tal-Mediterran.

L-Assedju beda fit-18 ta' Mejju, 1565 meta fuq ix-xefaq dehret il-flotta Ottomana mmexxija minn Pijali Paxà bħala ammirall tal-flotta u Mustafà Paxà bħala ġeneral tat-truppi. L-Ottomani niżlu l-art b'40,000 suldat u tellgħu l-kampijiet tagħhom fil-kampanja, bl-ikbar postazzjoni fil-wità tal-Marsa.

L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kien immexxi mill-Gran Mastru Jean Parisot de la Valette. La Valette kellu madwar 9,000 raġel taħt l-armi li minnhom 592 kienu kavallieri. Il-biċċa l-kbira mill-ġellieda oħrajn kienu rġiel Maltin. Mill-bidu kien hemm diżgwid bejn il-Ġenerali Ottomani. Mustafà ried li l-ewwel jieħu lill-Għawdex taħt idejh billi jirbaħ iċ-Ċittadella u mbagħad jokkupa l-Imdina. B'hekk kien ikun fadal biss il-Forti Sant'Iermu, il-Birgu u l-Isla. Pijali ma qabilx mal-pjan għax ried li l-ewwel jikseb port tajjeb u kenni għall-flotta. Għalhekk Pijali ried li l-ewwel jiġi attakkat il-forti Sant'Iermu u wara li jintrebaħ il-forti u l-flotta tkun sigura fil-port ta' Marsamxett isiru l-attakki biex tintrebaħ il-gżira. Meta tniżżlu t-truppi u twaqqfu l-kampijiet bdew l-attakki mill-ewwel fuq il-forti Sant'Iermu. Wara ġimagħtejn wasal Dragut bil-flotta tiegħu u żdiedu l-attakki fuq il-forti li kien meqjus bħala l-iktar wieħed inferjuri mit-tlieta.

Il-Kavallieri u l-Maltin li kienu fil-forti għamlu reżistenza kbira u meta bdew jaqtgħu qalbhom għax kienu waslu fl-aħħar, talbu lil La Valette biex iħallihom iċedu. La Valette bagħat risposta li jekk iċedu jmur hu nnifsu b'nies oħra biex ikomplu l-ġlieda kontra l-Ottomani. Fl-aħħar wara iżjed minn xahar ġlied il-forti Sant'Iermu mfarrak għalkollox waqa' f'idejn l-Ottomani fit-23 ta' Ġunju, 1565. Meta l-Ottomani daħlu f'Sant'Iermu qabdu l-katavri tal-Kavallieri u l-Maltin, fetħulhom sidirhom forma ta' salib u wara li rabtuhom mal-injam tefgħuhom fil-port lejn in-naħa tal-Birgu u l-Isla. La Valette b'risposta qata' ras il-priġunieri kollha u ordna li rashom jiġu sparati lejn Sant'Iermu (li issa kien f'idejn l-Ottomani).

L-Ottomani tilfu mat-8,000 raġel inkluż lil Dragut innifsu, li miet b'daqqa ta' ġebla, kumparat mal-ammont żgħir ta' nies li tilfu l-Kavallieri.

Tul l-assedju, La Valette talab l-għajnuna lil Viċirè ta' Sqallija għal ħafna drabi. Wara xi żmien waslu 1,200 suldat taħt it-tmexxija ta' Don Garcia. Iżda La Valette pprotesta ħafna għax dan l-ammont żgħir ta' suldati ma kienx ser jagħmel differenza fil-ġlied qalil kontra l-għadu.

Wara li waqa' Sant'Iermu, Mustafà u Pijali dawru ħsiebhom lejn il-Birgu u l-Isla fejn wettqu diversi attakki fuq iż-żewġ postijiet. Attakk kbir li sar kien fuq l-Isla meta ġiet attakkata minn mijiet ta' suldati minn fuq dgħajjes fil-baħar, kif ukoll mill-art. Dan ġie segwit minn attakk kbir fuq il-Birgu iżda ġie rtirat meta tniżżlet il-kavallerija tal-Ordni mill-Imdina u għamlet ħerba mill-kampijiet tal-Ottomani.

Fl-aħħar, fis-7 ta' Settembru 1565 waslet għajnuna ta' 7,850 raġel minn Sqallija. Il-ġenerali Ottomani indunaw li x-xniegħa li kien hemm, li ġejja għajnuna kbira minn Sqallija kienet seħħet u peress li kien hemm bidu ta' imxija fost it-truppi Ottomani minħabba li l-bjar tal-ilma viċin il-kampijiet kienu ġew imħassra mill-Maltin (jingħad li ntefgħu xi

katavri ta' annimali mejta fihom), kif ukoll għax kien qiegħed jasal fi tmiemu l-istaġun tat-tbaħħir, iddeċidew li jirtiraw it-truppi tagħhom minn Malta. Għalhekk dakinhar ingħatat l-irtirata ġenerali u salgħada t-8 ta' Settembru 1565, it-truppi Ottomani kollha ħallew ix-xtut tal-gżejjer Maltin.

Sal-lum, għadhom jissemmew ħafna Maltin li b'kuraġġ issieltu fl-Assedju, fosthom in-Naxxari Toni Bajjada li kien jaqsam mill-Birgu sal-Belt bl-għawm u wara jibqa' tiela' minn qalb it-Torok bil-messaġġi ta' La Valette lejn l-Imdina. Jissemmew ukoll persuni ta' ħila li kienu jbaħħru bejn Malta u Sqallija biex iwasslu l-aħbarijiet tal-gwerra.

Minn dak inhar, 450 sena ilu, id-data tat-8 ta' Settembru baqgħet titfakkar kull sena bħala festa nazzjonali għall-Maltin u l-Għawdxin. Magħha 'l quddiem żdiedet it-tifkira tat-tmiem tat-tieni Assedju ta' Malta meta fit-8 ta' Settembru 1943, l-Italja ffirmat l-Armistizzju. Għalhekk din il-ġurnata baqgħet magħrufa minna bħala Jum il-Vitorja.

Il-festa tat-8 ta' Settembru għandha sinjifikat kbir għall-poplu Malti u Għawdxi kollu. Hija festa li fiha liturġikament, il-Knisja Kattolika tiċċelebra t-twelid ta' dik li tnisslet mingħajr dnub oriġinali, twieldet safja u ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Għal dawk li jipprattikaw il-fidi nisranija, Marija għandha figura importanti ħafna fil-ħajja tal-fidi. Ġesù stess, fil-mument tal-mewt tiegħu fuq is-salib, jikkonferma l-maternità ta' Marija bħala Omm dawk kollha li jemmnu fiĦ.

Sa mill-ibgħad żminijiet, il-Madonna kienet miżmuma mill-Maltin u l-Għawdxin bħala l-protettriċi speċjali tal-gżejjer tagħna. F'ġieħha nbnew diversi knejjes u kappelli, saħansitra meta l-kult Marjan kien għadu ma bediex jinfirex mal-bqija tal-Ewropa. Is-Santwarju magħruf aħjar bħala tal-Madonna tal-Mellieħa huwa xhieda ħajja ta' dan, għax huwa meqjus bħala wieħed mill-eqdem postijiet ta' qima f'dawn il-gżejjer. It-tradizzjoni tgħid li kien l-Appostlu Missierna San Pawl stess li fis-sena 60 AD iċċelebra l-Ewkaristija ġo dan il-għar.

Il-fatt li l-battalji u gwerer qerrieda li fihom kienet involuta Malta, partikolarment dawk kontra l-Imperu Ottoman u kontra l-qawwiet Nazisti u Faxxisti tat-Tieni Gwerra Dinjija, intemmu t-tnejn f'jum it-twelid tal-Bambina, kompla kabbar l-imħabba speċjali li għandu l-poplu tagħna lejn il-Madonna. Il-Maltin ta' kull żmien, jaraw f'Marija Bambina l-kewkba tiddi tat-tama; is-simbolu li turina li minkejja kull tbatija fil-ħajja, hija dejjem lesta li ttemmilna l-jasar tagħna.

BILLY'S
CHAUFFEUR SERVICE
CAR HIRE
HOLIDAY HOMES
113, George Borg Olivier Street, Mellieħa MLH 1020 - Malta
**Telephone:** (+356) 21 523 676, (+356) 21 523 784
**Mobile:** (+356) 9949 7575, (+356) 9942 7575 • **Fax:** (+356) 21 521 016
www.billyscarhire.com • e-mail: info@billyscarhire.com

**MARK TALIANA**
**GARDENER**
***For professional gardening, maintenance & landscaping***
**Mob: 7783 0983**




Driver Training
DRIVE WELL!
9949 8240 www.drivewell.webs.com
Driver Training
Catagory 'C'
Catagory 'C+E'
MOTORING SCHOOL
We Strive to Teach You How to Drive Safely & Securely for a Lifetime.
Male & Female Instructors on Manual and Automatic Cars.




Paradise Bay
LIDO | RESTAURANT | BAR
T: +356 21575491
Paradise Bay Lido • Mellieha • Bus No 37A
info@paradisebaylidomalta.com • Paradise Bay Lido Malta





## Les Jardins Restaurant

With a lovely view to our Gardens, we offer buffet breakfast and dinner every day., featuring various cuisines throughout the week for dinner. We also serve a lavish Sunday Buffet Lunch for all the Family from October onwards



## Al Ponte Restaurant & Pizzeria

For a tasty Mediterranean meal in a leisure atmosphere including also alfresco dining in our terrace whilst enjoying the fabulous view of Mellieha Bay all year round
Open Every Day for Lunch and Dinner



## 120 Bar

Open Daily
Enjoy a drink or two while listening to music or watching your favourite sporting event

MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta

**MARITIM** Antonine Hotel & Spa - George Borg Olivier Street - Mellieha MLH 1021
T: 00356 2289 2000 - F: maritim.malta - E:info@maritim.com.mt - URL: www.maritim.com.mt

# The Veggie Truck

**Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce**

*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*

*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*



# Stephen Deguara

Airconditioninng and Refrigeration Sales,
Services and Repairs.

Contact Number: 9947 5290
E-mail: stephen.deguara.r1@gmail.com

# Farlex Bar & Restaurant

***Specialising in Rabbit Dishes & Maltese Cuisine***

- *Open Winter & Summer for Lunch & Dinner*
- *Bachelors, Hens, Staff Parties, B.B.Q.s Accepted*

***Tel: 21 573 520***
***L-Armier, Limiti tal-Mellieħa***





# F'għeluq id-disgħin sena mit-tberik tal-qniepen tal-knisja tal-Mellieħa li sar fis-26 ta' Marzu 1925

Anthony Fenech

Issa għalaqtu disgħin sena,
hemm imdendla fil-kampnari,
biex kuljum lilna tfakkruna,
b'ta' leħinkom is-sinjali.

F'dawn is-snin daqqejtu dejjem,
sew filgħodu, kemm filgħaxija,
b'dak il-leħen sabiħ tagħkom,
issellmu 'l Ommna Marija!

Din don, din don, iddoqqu,
fil-jiem kbar tal-Ġimgħa l-Kbira,
f'dawk tal-mewt ta' Kristu Sidna,
Fl-Għid il-Kbir, bħala tifkira!

Fil-Milied l-aħbar tagħtuna,
bit-twelid tiegħu tferrħuna,
waqt l-imwiet u l-funerali,
issellmulna u tnikktuna!

Kemm fil-mard, nuqqas ta' xita,
tħeġġuna biex ngħidu t-talb,
kif ukoll fl-Adorazzjoni,
ħdejn Ġesù Sagramentat.

Din don, din don, iddoqqu,
bosta nies jitpaxxew bikom,
xi oħrajn jgħidu ddejquhom,
għaliex kliemhom hekk jurikom.

Kien fit-tmienja ta' Settembru,
li ħabbartu ġrajja kbira,
Malta rebħet 'l għadu Mislem,
f'jum twelid Ommna Marija!

Fil-Mellieħa hi t-Titulari,
u magħrufa b'tal-Bambina,
jum ta' Festa Nazzjonali,
sew Maltija u Melleħija.

Din don, din don, iddoqqu,
intom bqajtu popolari,
kburin bikom, nisimgħukom,
bit-ton jidwi mill-kampnari.

Minn dak l-għoli li tinstabu,
il-messaġġi twasslu tagħkom,
biex kull dar ta' ġol-Mellieħa,
ta' kuljum tista' tismagħkom.

Għal kull nota wara l-oħra,
fil-Knisja n-nies jinġabru,
miġbura lkoll qalb waħda,
hemmhekk flimkien jitolbu.

Il-Grupp magħruf b'"Tal-Qniepen",
ġie maħtur mis-Sagristan,
li kull ordni jesegwixxi,
bil-parir tal-Kappillan.

Flok li llum issellmu lilna,
qegħdin aħna nsellmu lilkom,
komplu doqqu u ferrħuna,
bosta awguri nixtiequlkom!


John Bray & Son
Funeral Directors Est.1981
Moderate Prices
24 hour Service
Helping you in life's most difficult moments
Garage / Office
Funeral Service
Lampuki Street,
St Paul's Bay
SPB3061
Residence
117, Our Lady of Fatima,
Parades Street,
St Paul's Bay
SPB3431
Contact
Tel: 21585716, 21573588
21571260
Mob: 99493479, 79493479
99477153
Fax: 21573588
Email: info@johnbrayandson.com
jbray@onvol.net
Funeral Services:
Triq Salvinu Vella, Mellieħa
Tel: 21522400

# Żjara minn Pedro Mota Soares

## *Ministru għas-Solidarjetà, Xogħol u Politika Soċjali tal-Portugall*







Green Valley

Triq il-Fortizza Mellieħa,
Tel: 21520080 • Mob: 7905 1874
E-mail: greenvalley.ra@gmail.com

**This Discount Store with
daily Fresh Fruit and vegetables!
We are open 7 days a week
from 6.30am till 8.00pm
Sundays and public Holidays
from 8.00am till 1.00pm
We do free deliveries and
parking is not a problem
Join our loyality card!**

JIMCAM
ENTERPRISES LIMITED

*Agents and Distributors of:*

sikkens
AUTOMOTIVE PAINTS

Meguiar's
SURFACE CARE

Colad Abrasives, Masking Tapes & Materials,
Hamach Sanding & Polishing Tools,
Anest Iwata Spray Guns & Paint curing Systems,
Garage Equipment, Car Polishes &
Boat Care Products

*Also available*
Care Hire • 24 Hour Taxi Service
Accommodation in Villas & Apartments
with or without pool

Office: 12, Triq l-Għoljiet, Mellieħa MLH 2013
Tel: 2152 0330, 2152 2579
Fax: 2152 0330 Email: sales@jimcam.com.mt

# Il Bagno

*We offer a selection of wall and floor tiles in different sizes,
starting from €7.50 per meter.
We also have mirrors, bathroom cabinets, Grohe mixers
& fittings, water heaters, etc...
Clearance sale on various bathrooms accessories like,
shower cubicles, cabinets, mirrors & more...*

**For more information visit our showroom at
37, Main Street, Mellieħa or call us on 2152 4585 or 7986 5292**



# Deaths of the Great Composers

Geoff Thomas

If you are of a certain vintage, and were raised in the UK, your music education will probably have included some reading from the Ladybird *Lives of the Great Composers* series. First sold at about 2/6, these illustrated books gave us information about Bach, Mozart and Beethoven, Handel, Haydn and Schubert. The pictures were nearly all of men in wigs and stockings.







*The Story of Music* did put a woman in the group of musicians, but they were still in stockings, with frills and lace. Even *a Ladybird Book of Musical Instruments* had men (of course) playing in tuxedos and bow ties. Apart from Bach having lots of children, Beethoven being deaf, and Mozart and Schubert dying young, I remember little of those stories. As Stanley Holloway used to recite,

*'There was no wrecks and nobody drownded, fact, nothing to laugh at at all.'*

So, seeking for further amusement, without computers, internet or Wikipedia, I used to go to the library and, like many inquisitive youngsters, look for more memorable facts. Fifty years on, I still have a morbid fascination for the more tragic aspects of composers' lives and the mystery that still surrounds the deaths of some.

*"Reader, I murdered him."*

Well, almost. There are four composers whose names come to mind when murder is mentioned. The most famous of these is Carlo **Gesualdo**. An article in The Guardian some five years ago posed the question, Carlo Gesualdo: composer or crazed psychopath? He was an Italian nobleman, lutenist and composer of the late Renaissance era. His compositions are often performed today and some of his chromatic harmonies still sound quite modern to our ears. However, it is his life and death which make him even more memorable. In 1586, Gesualdo married his cousin, Maria. Two years later she began an affair with the Duke of Andria and another two years later he decided to do something



Carlo Gesualdo da Venosa
*"Il Principe dei Musici"*

about it. On October 16, 1590, when Gesualdo had allegedly gone away on a hunting trip, he returned to his palace apartment in Naples, caught them and murdered them both in their bed.

The most reliable account of the crime comes from a delegation of Neapolitan officials, who inspected the apartment the following day. Those of a delicate disposition, look away now. On the floor of the bedroom, they found the body of the Duke of Andria; the corpse was "covered with blood and pierced with many wounds," including a gunshot that had gone "straight through his elbow..." The visitors observed another gunshot wound, to the head —"a bit of the brain had oozed out"—and there were wounds on the "head, face, neck, chest, stomach, kidneys, arms, hands, and shoulders." Underneath the corpse, they found a pattern of holes, "which seemed to have been made by swords which had passed through the body, penetrating deeply into the floor." Lying on the bed was the body of Donna Maria d'Avalos. Her throat had been cut and her nightshirt was drenched in blood. The officials noted other wounds, to her face, right arm, right hand, and torso. Interviews with eyewitnesses left no doubt about who was responsible for the murders. However, being a nobleman, he was immune from prosecution. Italian noblemen of the time were virtually duty-bound to kill their wife once they had been found guilty of adultery. That doesn't make Gesualdo's crime any less shocking, but it demonstrates that his is far from a special case.

*"So long as you use a knife,*
*there's some love left."*

Some composers met their deaths at the hands of others. Alessandro **Stradella**, like Gesualdo, is remembered for his colourful lifestyle as much as for his music. A Tuscan by birth, he studied at Bologna, then at the age of about twenty-seven moved to Rome. He attempted to embezzle money from the church, and had affairs with women, resulting in him having to flee from Rome. He went to Venice, had an affair with the mistress of his employer and fled with her to Turin. He married her in Turin but was attacked and left for dead as he left the church. He fled to Genoa where, at the age of only forty-two, he was stabbed to death at the *Piazza Banchi* by a hired assassin.

Jean-Marie **Leclair** also spent a little time in Turin, but he was a musical nomad, spending time in Lyons, Kassel, Paris, the Netherlands and Spain. Originally a ballet dancer and lace-maker, it was his skills at the violin and composing that brought him to prominence. In 1758 his marriage broke up and his wife went to live in lodgings, and Leclair lived in a hovel on the outskirts of Paris - although he had no need to do this. In the early morning of 23rd October 1764 Leclair was found lying dead in the vestibule of his home in a pool of blood from three vicious stab wounds. Suspicion fell on his gardener, Jacques Paysant, who found the body, although the official investigation of this suspicious death incriminated both his nephew and his second wife; neither was ever formally charged with his murder.

Concluding our trio of stabbing victims is Claude **Vivier**. I'm sure many of you will remember the jokes about the thinnest book in the world. Could it be Successful Maltese Bus Companies? Effective Greek Economic Strategies? In the UK, it was Irish members of MENSA and Good Motorway Restaurants. Now what about Canadian composers? Singers – no problem (Michael Bublé); actors – easy (Michael J Fox); but composers? After some struggling I came up with Howard Shore (Lord of the Rings), Leonard Cohen and R. Murray Schafer.



*Alessandro Stradella 1639 – 1682*



*Jean-Marie Leclair 1697 – 1764*



*Claude Vivier 1948 – 1983*

So who is Claude Vivier?

*"In his short life and his art, the French Canadian composer Claude Vivier was a man diving, often recklessly, into the ultimate… And from the edge of experience, he began to bring back, in the years leading up to his death in 1983, a new sound." – Paul Griffiths, The New York Times.*

Having visited Bali, and studied with Stockhausen, amongst others, Vivier explored shimmering orchestrations and new sound worlds including the use of texts in an invented language. Unfortunately, his overt homosexuality (the reason he was asked to leave the order in which he was preparing for the priesthood) eventually led to his demise. After a spell back in his native Canada, he moved to Paris in the early 1980s and was murdered on 7 March 1983 by a 19-year-old male he had met that evening at a bar. His body was discovered five days later, on 12 March.

*"The fascination of shooting... depends almost wholly on whether you are at the right or wrong end of the gun."*

Rather more tragic are the deaths of George Butterworth and Anton Webern. Best known for his orchestral idyll The Banks of Green Willow and his setting of Housman's A Shropshire Lad, **Butterworth** was born in London. At the outbreak of the first World War, G.S. Kaye-Butterworth joined the British Army as a Private in the Duke of Cornwall's Light Infantry, but he soon accepted a commission as a Subaltern (2nd Lieutenant) in the 13th Battalion Durham Light Infantry, and he was later temporarily promoted to Lieutenant. His platoon was made up of miners from Durham, whom he respected immensely. He was awarded the Military Cross for action on 16–17 July 1916, but never lived to receive it. The Battle of the Somme was at its height. On 4 August, his division was ordered to attack a communication trench that was now in German hands. At 04:45 on 5 August, amid frantic German attempts to recapture the position, Butterworth was shot through the head by a sniper. "A brilliant musician in times of peace, and an equally brilliant soldier in times of stress."

Anton **Webern**, on the other hand, was eventually discharged from the forces due to his poor eyesight and moved to Prague before settling near Vienna. His music forms part of the 'Second Viennese School' which developed serialism (twelve-tone music). Unfortunately, the Nazis branded the music of the "New Vienna School" as "cultural Bolshevism" and "degenerate art" and banned performances of this type of music. Webern's artistic isolation grew and his economic plight became desperate after the Nazi annexation of Austria in 1938. The political upheaval brought to a halt the publication of his works and, with almost no private pupils left, Webern had to resort to accepting such tasks as piano arrangements of works by lesser composers.

Towards the end of the war, as the Russian Army neared Vienna, the composer and his wife fled to Mittersill near Salzburg, where their daughters and grandchildren had sought refuge. On 15 September 1945, Webern was shot and killed by an American Army soldier following the arrest of his son-in-law for black market activities. This incident occurred when, three-quarters of an hour before a curfew was to have gone into effect, he stepped outside the house (so as not to disturb his sleeping grandchildren) in order to enjoy a cigar given to him by his son-


George Butterworth 1885 – 1916


Anton Webern 1883 – 1945





*Ernest Chausson 1855 – 1899*



*Johann Schobert 1735 – 1767*

in-law. The soldier responsible for his death was Raymond Norwood Bell of North Carolina, who was traumatised by his error and died of alcoholism in 1955.

Whilst death is often tragic, some composers do seem to have been potential recipients of the Darwin award. For example, Ernest **Chausson** who, though not a prolific composer, left behind a few beautiful pieces, including the Poème for violin and orchestra. One day, at the age of 44, Chausson was out for a bicycle ride outside his property in Limay when he lost control of the bike on a downhill slope and crashed into a brick wall. He died instantly.

The prize, though, must surely go to Johann **Schobert,** a renowned composer during his time. His music was studied by a young Mozart, who at an early age was largely influenced by Schobert's music. Besides having his name frequently mistaken for Schubert's, today, Schobert is largely remembered for the way he died. During a dinner amongst friends and family at his home in Paris, Schobert had mushrooms brought to the table. His guests informed him that the mushrooms were poisonous, but Schobert managed to convince them, and himself, that they were not. Schobert was wrong about the mushrooms, and as a result Schobert, his wife, one of his children, his maid, and four of his friends died eating them.

*"I know what blood poisoning is, Katniss," says Peeta... "And you risked your life getting the medicine that saved me" … "You were the reason I was alive to do it."*

Unfortunately some composers were not as aware of the problems associated with gangrene and septicaemia as our two protagonists in the Hunger Games series. Jean-Baptiste **Lully** is probably the best-known of our strange deaths, and his manner of dying is still the cause of jokes against conductors. In January 1687, while conducting a performance



*Jean-Baptiste Lully 1632 – 1687*



*Alexander Scriabin 1872 – 1915*



*Alban Berg 1885 – 1935*



*Henry Purcell 1659 – 1695*



*Modest Mussorgsky 1839 – 1881*



*Erik Satie 1866 – 1925*

of his sacred piece, Te Deum, in honour of Louis XIV's recovery from illness, he inadvertently struck his foot with the pointed staff he had been using to keep time (this is long before batons were used to conduct). The wound became gangrenous and Lully refused to have the affected area amputated which ultimately led to his demise on 22 March of that year.

No less avoidable were the deaths of Alexander Scriabin and Alban Berg. **Scriabin** was eccentric, to say the least. He produced some achingly beautiful music, but suffered from synaesthesia and at times he thought he was God (being born on Christmas Day reinforced this delusion). He even once tried to walk on water on Lake Geneva and preach to the fishermen. His manner of death should act as a warning to all male readers. Apparently he cut himself while shaving. The 'nick' did not heal properly and became a boil, which in turn became infected. Scriabin's immune system overreacted, making his official cause of death septicaemia. **Berg**, on the other hand, received an insect bite on his back which caused a carbuncle to appear. Instead of going to a hospital he convinced his wife to cut the carbuncle with a pair of scissors, in order to save money. The do-it-yourself home operation was a failure, and Berg was rushed to a hospital where he succumbed to blood poisoning and died at the age of 50 on Christmas Eve, 1935.

Oh, and while I am warning male readers, take note of Henry **Purcell**. Although it cannot be proved, it is said that he died, aged 36, at his home in Dean's Yard, Westminster, having caught a chill after returning home late from the theatre (or tavern) one night to find that his wife had locked him out…

*"Death: "THERE ARE BETTER THINGS IN THE WORLD THAN ALCOHOL, ALBERT."*
*Albert: "Oh, yes, sir. But alcohol sort of compensates for not getting them."*

There is a long list of composers whose death was basically self-inflicted, mostly through their chosen lifestyle – especially the abuse of alcohol. **Mussorgsky** is probably the most dramatic example, as this portrait shows.

He had turned just 42 when this was painted and he died within the month. Erik **Satie** is another; he particularly loved absinthe and died on 1 July 1925 from cirrhosis of the liver. After his death, his followers discovered in his home over 100 umbrellas, 84 handkerchiefs, and numerous letters, most of which he'd written to himself. One of these outlined his diet, which consisted of nothing but foods that were white: eggs, sugar, shredded bones, animal fat, veal, salt, coconuts, rice, pasta, turnips, chicken cooked in white water, white cheese, cotton salad, and certain kinds of fish. You don't have to be mad to be a composer, but it helps!

*"No great mind has ever existed without a touch of madness."*

Hugo Wolf, Bedrich Smetana, and Robert Schumann all ended their years in asylums. Madness was sometimes brought on by over work, by lack of success, by women (too many, too few, or the wrong sort), by inappropriate friendships, by disease, depression or simple frustration. **Wolf** was placed in a Vienna asylum at his own insistence, **Smetana**'s mental collapse early in 1884 led to his incarceration in an asylum and his subsequent death whilst, following a suicide attempt in 1854, **Schumann** was admitted to a mental asylum, at his own request. Diagnosed with "psychotic


Hugo Wolf 1860 – 1903


Bedrich Smetana 1824 – 1884


Robert Schumann 1810 – 1856

melancholia", Schumann died two years later in 1856 without having recovered from his mental illness.

Occasionally the madness was seen as eccentricity, as is the case with Peter Warlock. **Warlock** was born Philip Heseltine in the Savoy hotel, London, in 1894. Although many writers use pseudonyms, few composers do. Yet, by 1916, Philip had become Peter Warlock, composer, writer and connoisseur of the occult. The following year, D. H. Lawrence was writing Women in Love in which Warlock and his wife, Puma, were being introduced as two unattractive characters. When in 1921 he learnt that the book was to be published, he threatened legal action and Lawrence was forced to rewrite certain passages.

Warlock wrote a study of Gesualdo, another of Delius, yet made himself quite unpopular, and therefore out of work, due to his controversial ways and comments. Dividing his time mostly between Wales and Eynsford (Kent), he composed some wonderful works, including the Capriol Suite and The Curlew, but became more and more depressed. Black moods of depression settled more frequently and he was found dead, of gas-poisoning, in his flat in Chelsea on the morning of 17 December 1930. At the inquest the coroner recorded an open verdict as there was insufficient evidence on which to decide whether death was the result of suicide or accident. More recently, the art critic Brian Sewell discovered that Peter Warlock was his father. Sewell, in his memoirs, claims that Warlock was quite uninhibited and that, "If his girls became pregnant, as often they did, he gave them a fiver to pay for an abortion. My mother, pregnant with me, refused this offer — as a devout Roman Catholic — and within days of a blazing row over the matter, Warlock committed suicide. For this my mother blamed herself."

*"He brought it on him-shelf"*.


Peter Warlock 1894 – 1930


Piotr Tchaikovsky 1840 – 1893


Charles Alkan 1813 – 1888

This is just one of many mysteries that we will never have solved with concrete evidence. **Tchaikovsky**, too; what was the cause of his death? With Charles **Alkan** it was believed that his death occurred while reaching for a copy of the Talmud on a high bookshelf causing the shelf to topple and crush him under the weight of the books. This tale has recently been disproved upon the discovery of a contemporary letter from his concierge who said that he had found Alkan in his kitchen moaning under a coat rack (possibly from fainting, a stroke or heart attack) and that he then died later that night. And what about **Ravel**, composer of the famous Bolero? Was his death in 1937 the result of a taxi accident five years earlier? Or was it fronto-temporal dementia, Alzheimer's disease or Creutzfeldt-Jakob disease that led to the operation, from which he never recovered? His obituary was vague: he had been operated upon for a brain ailment. We'll never know.

So, who's left? Well there aren't as many famous female composers, but there were two who died tragically young: Lili Boulanger and Vítězslava Kaprálová. Lili **Boulanger** was the first woman to be awarded the prestigious Premier Grand Prix de Rome for composition. She was the sister of the more famous Nadia (who taught Elliott Carter, Aaron Copland, Daniel Barenboim, John Eliot Gardiner, Philip Glass, Thea Musgrave, Ástor Piazzolla, and Virgil Thomson amongst others). She lived to the ripe age of 92, unlike her younger sister who, ill from the age of 12, died of Crohn's disease towards the end of the Great War, aged 24. Lili's works are well worth discovering, as are those of the Czech composer Vítězslava **Kaprálová**. When she died in exile in France at the age of twenty–five, Vítězslava Kaprálová was on the threshold of a successful international career as a composer and conductor. During her short life, she composed no fewer than fifty works, and conducted orchestras in Prague, London, and Paris. For the last three years of her life, she spent much of her time with the composer Martinů, before marrying the son of the famous artist Mucha just three months before she died. She died, probably of miliary tuberculosis, in June 1940, two days after the Germans invaded Paris.

One of the most poignant and, in the end, needless deaths was that of the Spanish composer, Enrique Granados. At the height of his success, during WWI, the Spanish nationalist composer was invited by President Woodrow Wilson to give a piano recital at the White House. When Granados and his wife missed the boat back to Spain, they travelled to England, then boarding the "Sussex" ferry to take them on to France. On March 24, 1916, while crossing the English Channel, the Sussex was hit by a German U-boat torpedo. The ship broke in two parts. Granados, who had a life-long fear of the ocean, drowned after he jumped out of his lifeboat in a valiant but futile attempt to save his wife. Ironically, the part of the ship that contained his cabin did not sink and was towed to port, with most of the passengers, except for Granados and his wife, on board.

There are many rumours about other composers, especially **Mozart**. Forget the play Amadeus. He did not die in obscurity, neither was he living in penury. Despite all the first hand evidence available, we will never know the real cause of death but the most compelling theory is that he died from trichinosis. This is a parasitic disease caused by eating raw or undercooked pork or wild game infected with the larvae of a species of roundworm *Trichinella spiralis*. *"Trichinosis could explain all the features of Mozart's disease … The plausibility of this diagnosis, however, depends on Mozart's diet: it*



*Maurice Ravel 1875 – 1937*



*Lili Boulanger 1893 – 1918*



*Vítězslava Kaprálová 1915 – 40*


Enrique Granados 1867 – 1916


Wolfgang Mozart 1756 – 1791


Arnold Schoenberg 1874 – 1951

*requires evidence that he ate meat, especially pork. In a letter to Constanze written on October 7, 1791, 44 days before his illness, Mozart asked, "What do I smell?… pork cutlets! Che gusto. I eat to your health." If his final illness was indeed trichinosis, whose incubation period is up to 50 days, Mozart may have unwittingly disclosed the precise cause of his death: those very pork chops."*

I can't mention Frantisek Kotzwara; the details surrounding him are even more salacious than those of Warlock and Gesualdo, for both of whom I have omitted some details in this family-friendly publication. However, you can look him up; he could teach Christian Trevelyan Grey a thing or two!

Since I've mentioned Berg and Webern, let me close with their mentor – **Arnold Schoenberg**. The father of twelve-tone music was famously a triskaidekaphobe: he had an irrational fear of the number 13. Born in Austria on September 13, 1874, he considered the date of his birth an evil portent. When he noticed that the title of his work "Moses und Aaron" contained 13 letters, he crossed out the second "a" in Aaron to make it 12.

So, in 1951, when Schoenberg was 76, a friend jokingly pointed out that the digits "7" and "6" add up to 13. The thought greatly upset the composer, who became convinced he would not survive his next birthday. He was born on the thirteenth and would die on the thirteenth. That July 13th—a Friday, as it happened—Schoenberg stayed in bed, anxious and ill enough to call a doctor. At 11:45 P.M., his wife looked at the clock and said to herself, "another quarter of an hour and the worst is over." A few minutes later, the doctor called her in. Schoenberg's throat rattled twice, his heart gave a powerful beat, and he died, just as he had feared.

As a postscript, since I've already provided salutary tales for my male friends, here's one for the female readers. Dame Nellie Melba. I know she's not a composer but allow me a slight diversion. In any case, it leads nicely on to next year's article. What do you know about her? She helped popularize opera throughout Europe and the United States; her name became attached to several popular foods named in her honour: Melba toast and the dessert, Peach Melba; she changed her name to a diminutive of Melbourne; she used to do lots of farewell tours (probably as many as Frank Sinatra!). But how did she die? Her death was reported as septicaemia "*A medical man who attended Dame Nellie Melba discloses that death resulted from blood poisoning as a result of fever lowering her vitality.*" Hmmm. "*The doctor expressed an opinion that large quantities of watercress which Melba ate in England was the cause of the mild form of typhoid from which she suffered.*" Her obituary on the Obituaries Australia website (yes, I do need to get out more) states, *"Dame Nellie Melba had been ill ever since her return to Australia, but the original infection, paratyphoid, from which she was suffering, had cleared up. However, she was run down in general health, and common germs, found generally in boils and pimples, which have a natural pre-disposition to affect the skin only, got into her system and ultimately caused her death. Her kidneys and a gland in her neck were affected, and finally the muscles of her heart."*

So what was the real cause? Well, Dame Nellie's biography comes closer to the truth with *"she died on 23 February 1931 of septicaemia, which had developed from facial surgery in Europe some weeks before."* So, ladies, do you now know what happened? The transcript of a programme broadcast in 2004 provides the details.

*The details are usually fudged. People say, "Oh, she died of a blood infection," that sort of thing.*

*In 1929, some German friends are surprised to meet her on a street in Munich. Melba tells them she's been ill and is on a rest cure. She returns to Australia within days and her friends never see her again. Melba died at St Vincent's Hospital in Sydney in February 1931. Why had the apparently healthy singer died so suddenly? Historians have long puzzled over her death certificate. It says she died from septicaemia, but how did she contract this fatal infection?*

*For 70 years, the nuns at St Vincent's kept the cause of Melba's death secret.*

NURSING SISTER'S MEDICAL REPORT: *"While in Europe, Dame Nellie Melba had a facelift, possibly in Switzerland. But an infection developed, so that by the time her homeward voyage had progressed as far as the Red Sea, she had erysipelas and was indeed seriously ill. Not only was Dame Nellie in great pain from the incision on each side of her face, but she had a heart condition. She was specialised by a Sister of Charity and so strict were the rules of confidentiality that scarcely any other member of the nursing staff knew the nature of the complaint, even to this day."*

In Melba's time, the treatment was brand-new, developed to help those disfigured in World War I. But the risks were enormous. Without antibiotics, an infection could be fatal. Unfortunately for Dame Nellie, it was. She had carefully planned the official photo to be released at her death. This is the image she preferred us to remember - Melba as Juliette, a romantic heroine who died tragically young.



CN Marble Granite
Mifsud

Blokk D,
Midland Micro Enterprise Park,
Triq Burmarrad,
L/O Naxxar

Mobile
9988 5191

Email
contact@cnmarbleandgranite.com

Web
www.cnmarbleandgranite.com









# Il-bank tiegħek fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.

Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-*customer service* u mmexxija minn *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.


Chelsey's
PASSION FOR FASHION
CANNELLA
30, MAIN STREET, MELLIEHA
T: 2152 0091 M: 7906 9331
Open all day from 9am till 7pm Monday to Saturday


THE CATERER
Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591
Fresh Bread, Frozen Food, Cakes, Pastries, Sweets & More!
We also cater for Weddings, Parties, Events & Outside Catering
Visit our shop for our full range of products!
www.thecaterer.com.mt
info@thecaterer.com.mt
Find us on Facebook



# Ommi Salvina fil-Festa tal-Vitorja

Jikteb Philip Borg

Il-kitba hija aktarx wieħed mill-isbaħ doni li ommi Salvina żergħet fija u f'ħija Pawlu sa mis-snin bikrija tat-trobbija. Sena ilu marret tingħaqad ma' missieri Ġużeppi, u nixtieq nerġa' nfakkarha wara li f'qalbi u fis-skiet sellimtilha għall-aħħar darba nhar l-Erbgħa 27 ta' Awwissu fil-knisja tal-Bambina tal-Mellieħa. Ma rridx nitmesken jew nimpressjona kif sikwit isir, iżda nikteb mill-qalb.

Jien kont l-ewwel wild ta' Salvina wara li żżewġet lil Ġużeppi minn Selmun, iben Pawlu u Ġużeppa, u semmewni għal missierha, in-Nannu Pinu. Warajja ġew sitt ħuti oħra, kif kienu l-familji dak iż-żmien, mimlijin tfal li, minkejja l-ebusija tal-ħajja, trabbew fil-ġabra u f'għożża kbira. Niftakar mill-memorji tat-tfulija u ntiegħem il-bżulija ta' ommi li flimkien ma' missieri kienet tħabrek biex tarana f'saħħitna, fl-indafa u fit-tagħlim. Punt ħjata ma kienx jonqos biex tlibbisna kif jixraq u żżid mal-paga ta' xufier it-tarzna. Is-sold kienet iġġebbdu kemm tiflaħ biex, għad li bla ebda lussu, ma jkun jonqosna xejn. Nibqa' ntenni li l-iktar żrieragħ bnini tagħha u ta' missieri fina kienu t-tagħlim u t-tjieba.

Kultant ngħid li qisha manija li meta jmut xi ħadd nirrikorru għat-tifħir. L-eħfef ħaġa dik, daqs jew iktar mix-xegħir istantaneju li bħall-istint huwa l-ewwel reazzjoni ta' meta ma nafux jekk aħniex inħossu tassew jew irridux li min jarana jaħseb li qed inħossu. Dawk l-ewwel sintomi tal-firda. Fil-każ tal-omm – fil-każ taż-żewġ ġenituri – it-tifħir qatt ma hu biżżejjed. Qisu jfiġġ waħdu fil-moħħ u fil-fomm, l-aktar meta tibda tifhem li tkun tlift 'constant' importanti ħafna f'ħajtek. L-omm mhix biss 'constant' imma l-ħolqa ewlenija bejn l-ulied u l-ħajja nnifisha. Jafu l-bidu ta' ħajjithom lilha. Jafu lilha s-snin tat-trobbija, mill-fisqija sal-ewwel snin tal-iskola u ferm iktar wara.

## Trobbija bnina

Għall-inqas sa żmien it-trobbija tal-età tagħna hekk kienet it-trobbija – l-omm il-pulmun tal-ġabra fil-familja. Nanniet jew zijiet qajla kienu jalternaw u wisq inqas jiżżattu biex jieħdu post l-omm. Ukoll jekk kienu jiksuna bil-fsied, moħħna ġdid fjamant u tari kien ifittex il-wens aħħari fl-omm. Ir-rabta fiżjoloġika tal-kurdun ombelikali kienet imsaħħa mis-sentiment ta' ħarsien pront f'kollox.

Salvina kienet it-tabiba u n-*nurse*, il-koka, il-ħassiela u l-ħajjata, l-għalliema saħansitra qabel ħaditna lejn l-iskola tan-nuna – illum jgħidulha *kindergarten*. Il-funzjoni li żżommna f'saħħitna u nodfa xummiema kuljum u quddiem kull saram jew mard, baqgħet istintiva fiha, l-iktar meta lejn tmiem ħajjitha kellha bżonn mediċini differenti għal ħaġa jew oħra.

Kienet trid tifsira ta' kollox mingħand it-tobba u, fejn jidhrilha, imserdka biżżejjed biex tmeri u targumenta. Kellha spirtu indipendenti u lesta tirreżisti sakemm tkun konvinta li kollox irid jingħata bil-qies u bi skop preċiż. Ma ninsa qatt li sakemm baqgħet tiflaħ hi nnifisha kienet iddur b'oħrajn, qraba jew ħbieb, li kienu jinzertaw morda, bħallikieku l-età u l-mard lilha ma jolqtuhiex!

Sena wara li ħallietna, ma rridx insemmi d-dieqa u l-ansjetà meta għal madwar ġimgħatejn konna madwarha, ħuti u jien, fuq is-sodda tal-isptar, nistennew il-waqt kiefer li tħallina u taqsam għal ħajja aħjar. Iżda rrid niftakarha għal kemm ħadmet bla heda biex rabbietna, għal kemm temgħetna kulma taf u kulma felħet... mas-snin fhimt iktar kemm dak kollu swielha sagrifiċċji u ċaħda! Dan kollu jibqa' f'qalbna wliedha kollha u l-ebda kitba ma tista' tfissirha biżżejjed!

## Is-sabar u l-firda

Meta niftakar kemm daru biha fl-isptar u fid-dar tax-xjuħ tal-Mellieħa fl-aħħar snin, ngħid waħda biss: afli trid tkun tassew dedikat minn qaddisek biex iddur bis-sabar u bil-ħlewwa b'persuni anzjani bħal ommi ta' wieħed u disgħin sena li jkunu qorbu lejn tmiem it-tiġrija tal-ħajja! Meta sempliċi kejl

tal-polz jew ċaqlieqa tax-xufftejn tista' tfisser farka bxara tajba...

L-ebda kliem ta' ħajr ma jsarraf bizżejjed dak li nħossu għax-xogħol li jwettqu dawn in-nies! Isiru qishom biċċa mill-familja u l-iċken tbissima tagħhom iddewwaqna t-tama u ttellgħana s-sema! Nibqa' ngħożż għal dejjem il-kliem ta' waħda minnhom: issa f'idejn Alla, aħna dmirna li noffru kwalità ta' ħajja li ma tħallihiex tbati sal-waqt li tistrieħ aħjar milli nistgħu aħna! Kliem li jibqa' jidwi tul is-snin li fadalli nkun nista' naħseb u nisma'!

Bħall-ommijiet tal-epoka tagħha, ommi Salvina għexet fid-dell ta' missieri Ġużeppi. Qajla kienet tikser il-kelma tiegħu, għad li kien jinħass dejjem l-intervent tagħha, sikwit qalbieni biżżejjed biex jinżamm bilanċ bejn għożża u dixxiplina, bejn treġija u korrezzjoni, bejn bżonn jew ċaħda. Kienu kburin it-tnejn bis-sebgħa li aħna. Kull pass li middejna, kull tarġa li tlajna, kienu jixegħlu 'l wiċċhom bil-mertu ta' trobbija fil-qies u l-ġabra, imħawrin b'għaqal kbir. Il-waqtiet li bikkewna, bikkew lilhom ukoll, ukoll jekk fis-skiet biex iħeġġuna ma naqtgħux qalbna f'dak li toffrielna l-ħajja. Daqstant ieħor il-waqtiet ta' ferħ.

**Episodji...**

Eluf ta' episodji għaddew minn moħħi waqt l-omelija tal-prim ċelebrant Dun Ġwann Galea nhar l-Erbgħa 27 ta' Awwissu fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa. Lil Dun Ġwann ili nafu għexieren ta' snin bħala surmast u mużiċist mill-aqwa, *Maestro di Cappella* tal-Kon-kattidral tal-Belt u tal-Bażilika ta' Birkirkara. Fl-aħħar ħamsa u għoxrin sena kien rettur ukoll tal-kappella ta' Selmun fejn kienet tgħix ommi.

Fil-kliem mirqum tiegħu, Dun Ġwann xebbaħ lil ommi mal-mara qalbiena fil-Ktieb tal-Proverbji, li jistaqsi lill-umanità "Mara tinqala' min isibha?" Xebbaħha mal-virtujiet ta' ħniena u l-għajnuna tal-proxxmu, kif imtennija fl-antifona ta' Sant'Elena *"Manum suam aperuit inopi et palmas suas extendit ad pauperem; et panem otiosa non comedit"* – fetħet dirgħajha għall-fqar, middet idejha għall-imsejknin u l-ħobż tagħha ma kilitux fil-għażż! Dun Ġwann ma setax jagħżel kliem isbaħ biex jiddeskrivi lil ommi Salvina... li kif ktibt fis-santa tagħha, "ixiddu r-rand fuq rasek għax int urejt qlubija, għelibt id-dinja tat-tbatija"!

Xtaqt naqsam dawn il-ħsibijiet fl-Annwal tal-Banda Imperial li wkoll sellmet lil ommi fil-funeral tagħha. Kull sena Salvina u Ġużeppi kienu jtellgħuna għall-festa tal-Vitorja. Nista' ngħid li l-kliem taż-żewġ innijiet kbar daħlu f'moħħi minn ċkuniti. Kienet mixja tajba minn Selmun, fejn konna nkunu tul is-sajf, sal-pjazza pittoreska tal-Mellieħa. Ta' tfal li konna xejn ma kien jidher twil jew tqil ladarba sejrin il-Festa! Illum ukoll, sakemm nibqa' niflaħ, inkun f'dik l-istess pjazza, biex ngħix dawk il-memorji mill-ġdid. Salvina u Ġużeppi llum fis-sema jingħaqdu ma' bosta qraba u Melliħin oħra biex, fis-skiet u bla tijatrini, jarawna nifhmu u nitgħallmu mill-virtujiet ta' Marija Bambina!



ALKOVA
SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS

Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm

Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**

# ROY THAI SPECIALIST

*Massage & Beauty Centre*

MASSAGE
WAXING
BEAUTY
PHYSIOTHERAPY



34, Francis Zahra Street, Mellieha

M: 77 222 113 | T: 2713 7513 | E: roythaispecialist@gmail.com | F: Roy Thai Specialist




66, Church Street,
St. Paul's Bay SPB 01
Malta
• Tel: 21 573480, 21 573269
• Fax: 21 572318

# GILLIERU

RESTAURANT

www.popeyemalta.com

# KIDS PARTIES AT POPEYE VILLAGE



## PACKAGE A

PARTY INCLUDES:
- ENTRANCE TO FILM SET
- USE OF SWEE PEA'S PLAYAREA
- KIDS MENU & DRINK
- PARTY HATS
- BIRTHDAY CAKE
- ANIMATION SHOW
- AREA DECORATION
- PARTY ATTENDANT

DURATION 2½ HRS

## PACKAGE B

PARTY INCLUDES:
- USE OF JUMPAROUND
- KIDS MENU & DRINK
- PARTY HATS
- BIRTHDAY CAKE
- FACE PAINTING
- PARTY ATTENDANT
- BALLOON MODELLING

DURATION 2½ HRS

## PACKAGE C

PARTY INCLUDES:
- USE OF PARTY AREA IN FILM SET
- PARTY FOOD OR KIDS MENU & DRINK
- PUPPET SHOW
- PARTY HATS
- BIRTHDAY CAKE
- 30 MINUTES ANIMATION AND GAMES
- 15 MINUTES JUMPAROUND
- FACE PAINTING
- PARTY ATTENDANT

DURATION 2½ HRS

## PACKAGE D

(SUMMER ONLY)
FOR 15 CHILDREN & OVER

PARTY INCLUDES:
- PLAY POOL + FUNPARK
- NON EXCLUSIVE USE OF GAME IN POOL
- USE OF SUN BEDS AND UMBRELLAS
- KIDS MENU AND DRINK
- PUPPET SHOW
- PARTY HATS
- BIRTHDAY CAKE

ATTENDANT WILL BE PRESENT WITH GROUP FOR DURATION OF PARTY ONLY (2½ HOURS)
- B'DAY CHILD AND PARENTS CAN KEEP USING FACILITIES AFTER PARTY HAS FINISHED

Tel.: 2152 4782/3/4 E-mail: info@popeyemalta.com

popeyevillagemalta

**Philip Attard**
**(Hawker)**

Tinned Foodstuffs
Detergents
Toiletries
@
Discounted Prices

**Tel: 2141 1782**
**Mob: 7946 3806, 7920 7827**

Nella's™
by Antonella

hairdressing | beauty | nails
skincare | make-up

Fortizza Street, Il-Mellieħa

t: 2152 2705 | 2752 2705
m: 9989 8335




**Beachaven Lido**
**Discotheque**

*Xemxija Hill, St. Paul's Bay, Malta – Tel: 21 573682*

Star of India
Indian Restaurant
Xemxija Hill, Xemxija – Malta
Tel: 21 573682

GUANG ZHOU
Chinese Restaurant
Xemxija Hill,
St. Paul's Bay – Malta
Tel: 21 585141

# Sehem l-Għaqda f'wirja mtellgħa mill-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali fil-Palazz tal-Gran Mastru, Belt Valletta








# Selmun u t-Tieni Gwerra Dinjija

Jeffrey Sammut B. Educ (Hons) History & E.M.Y.

Selmun, minkejja ċ-ċokon u l-iżolament tiegħu, ġie nvolut ukoll fit-Tieni Gwerra Dinjija. Għall-ftit bdiewa tal-post, il-gwerra fissret żmien ta' biża u taqlib li żgur ħalla effett fuq il-ħajja kwieta ta' dawn in-nies li kienu mdorrijin jgħixu fil-ħemda u s-skiet, bilkemm jaraw ruħ f'dan il-post mwarrab.

### Il-Fortizza Campbell

L-Ingliżi tefgħu ħarsithom lejn Selmun fl-1937, meta ddeċidew li fil-post imsejjaħ il-Blata jibnu batterija għal żewġ kanuni 6 inch (aktar tard żiedu ieħor) biex ikunu jistgħu jipproteġu l-bajja ta' San Pawl il-Baħar minn attakk mill-baħar. Peress li l-biża' li l-attakki fuq Malta setgħu jsiru mill-ajru wkoll permezz tal-bombi, il-ħajt ta' madwar din il-fortizza ġie mibni jixbaħ il-ħitan tas-sejjieħ tal-madwar. Dan sar biex ma tantx ikun jidher mill-ajru. Il-bini ta' ġo fiha ma nbeniex qrib xulxin biex l-għadu jsibha aktar diffiċli li jolqtu. Madwar il-fortizza nbnew ukoll postazzjonijiet tal-*machine guns* kif ukoll tas-*searchlights*.

Il-bini ta' din il-fortizza ġab xogħol għan-nies tal-madwar. Niftakar in-nannu tiegħi Karmnu Vella jgħidli li kien wieħed mill-bennejja tal-ħajt li jdawwar il-fortizza. Pawlu Vella tal-Blaj isemmi li kuntrattur mir-Rabat kien daħħlu jaħdem miegħu jħaffru fix-xagħri biex jaraw fejn l-aħjar li kellhom jinbnew il-postazzjonijiet tal-kanuni. F'xi postijiet sabu blat iebes ħafna f'xi 20 pied taħt l-art waqt li f'postijiet oħra sabu t-tafal. Għamel xi tliet ġimgħat fuq dan ix-xogħol.



*Pittura li turi l-irziezet (ara vleġġa) li tneħħew biex inbniet il-Fortizza Campbell.*

Ta' min isemmi li fejn inbniet il-fortizza kien hemm għadd ta' rziezet. Dawn kollha twaqqgħu mill-Ingliżi u bħala kumpens, il-bdiewa ngħataw kmamar li għadhom jeżistu sal-lum hekk kif taqbeż il-palazz, int u dieħel mit-triq lejn il-fortizza.

### Il-Fortizza Campbell fil-Gwerra

Campbell kienet mgħammra b'radar qawwi li kien kapaċi juri fuq l-i*screen* tiegħu l-biċċiet tal-baħar minn Għawdex sal-Port il-Kbir, anke bil-lejl. Ta' min ifakkar li madwar il-fortizza kien hemm is-*searchlights* li setgħu jdawlu l-baħar ħalli jikxfu l-vapuri tal-għadu li kienu fil-qrib. Il-qawwa ta' dan ir-*radar* kienet twaqqaf l-arloġġi tal-idejn tas-suldati kif ukoll dawk li kienu mdendlin mal-ħitan fil-bini tal-fortizza. Allura s-suldati li kien għaddielhom ix-xift kienu jindunaw li kien sar il-ħin meta jaraw lil sħabhom ġejjin jibdluhom.



*Ir-radar tal-Fortizza Campbell. Ritratt: Tony Grima.*

Kien isir taħriġ kull tant żmien biex is-suldati li kienu jħaddmu u jisparaw dawn il-kanuni jkunu lesti għal kull attakk. Taħriġ minnhom sar fit-3 ta' Lulju, 1940, bejn id-9.00 ta' filgħodu u s-1.00 ta' wara nofsinhar. Il-pulizija kienet tavża minn jiem



Wieħed mill-kanuni 6 inch tal-Fortizza Campbell.

qabel ma' kien isir dan l-isparar biex ħadd ma jersaq b'dgħajjes lejn l-inħawi tal-fortizza. L-isparar aktarx kien isir lejn *targets* apposta miġbuda minn laneċ. Niftakar lil Ninu Gauci (ta' Fonz) jgħidli li wieħed mis-suldati tant kemm kellu mira tajba li kien kull darba jaqta' l-ħabel ta' bejn it-target u l-lanċa. Sakemm jerġa' jintrabat kollox, is-suldati kienu jieħdu ftit tal-mistrieħ! Fl-aħħar l-Ingliżi ma ħallewhx jispara iżjed waqt it-taħriġ! Dan is-suldat kien Ġamri Vella, li minħabba l-kapaċità kbira li kellu fl-isparar offrewlu li jlaħħquħ maġġur. Iżda dan irrifjuta u minflok talab li tingħata għajnuna lis-sitt ulied li kellu, peress li kien romol ta' 36 sena.

Fis-17 ta' Mejju 1942, ir-*radar* wera li kien hemm xi laneċ żgħar 'il barra mill-kosta. Fis-1.20 ta' filgħodu, minn Campbell intlemħu erba' *E-boats* (laneċ veloċi Ġermaniżi) mexjin b'ħeffa kbira lejn it-Tramuntana. Inxtegħlu s-*searchlights* u l-kanuni laħqu sparaw fuqhom żewġ balal qabel ma' għebu mid-dija tad-dawl. Iżda baqgħu jidhru fuq ir-radar u ftit wara s-suldati ndunaw li l-*E-boats* kienu daru lura u bdew joqorbu lejn il-Port il-Kbir. Il-fortizzi ta' madwar il-portijiet fetħu n-nar fuqhom u waħda mil-laneċ intlaqtet u għerqet.

Il-Fortizza kemm-il darba rċeviet rapporti li kien hemm xi sottomarini jew laneċ fil-viċin. Xi drabi, is-suldati talbu permess biex jisparaw fuqhom iżda sakemm il-permess kien jasal, dawn ikunu laħqu sparixxew. Kien jeħtieġ permess minħabba li dawn setgħu kienu biċċiet tal-gwerra Ingliżi!

Pilota Ingliż jirrakkonta inċident stramb li ra jseħħ meta kien għall-mistrieħ f'dar tal-villeġġatura li kien hemm f'San Pawl il-Baħar. F'din id-dar, il-piloti Ingliżi setgħu jieħdu ftit tan-nifs mill-istress tal-gwerra. Denis Barnham ra erba' ajruplani ME 109's (ajruplani tal-ġlied Ġermaniżi) jgħoddsu fuq il-gżejjer ta' San Pawl. Innota li quddiemhom kien hemm Hurricane (ajruplan tal-ġlied Ingliż) li beda jagħmel minn kollox biex jevita lill-erba' ajruplani Ġermaniżi li bdew jiġru warajh.

Mid-dehra, il-pilota Ingliż bi bravura kbira rnexxielu jevita lill-għadu u sakemm il-Ġermaniżi setgħu jdawru l-ajruplani tagħhom biex ikomplu jiġru warajh, kien pront tbaxxa lejn l-art biex iżid il-veloċità u jkun jista' jaħrab. Iżda f'dak il-mument, il-kanuni ta' kontra l-ajruplani li kien hemm fejn il-fortizza Campbell sparaw fuqu, waħda mill-ġwienaħ tal-ajruplan tqaċċtet u l-Hurricane Ingliż sploda fuq il-blat. Ħelisha mill-għadu u qatluh sħabu stess! Inċidenti bħal dawn kienu jiġru aktar ta' spiss milli wieħed jista' jaħseb. Bejn bil-biża' u bejn bl-eċitament, kienu ħafna li l-ewwel jisparaw u mbagħad wieħed jara!

## Is-Sunderlands fil-Bajja Tal-Mistra

L-Ingliżi kellhom żewġ ajruplani tat-tip Sunderland fil-bajja tal-Mistra. Dawn l-ajruplani kbar setgħu jinżlu fuq l-ilma u kienu jintużaw kemm kontra s-sottomarini Ġermaniżi kif ukoll biex isalvaw piloti li jispiċċaw fil-baħar.

Dawn is-Sunderlands ma damux ma spiċċaw fil-mira tal-Ġermaniżi. Fis-7 ta' Marzu, 1941, żewġ ME 109's niżlu jimmaxingjaw dawn l-ajruplani. Is-surġent Allen Jones, li kien għassa fuq wieħed mis-Sunderlands, beda jispara fuq l-għadu bil-*machine-gun* imma ntlaqat minn *bullet* u baqa' mejjet fuq il-post. L-ajruplani Ingliżi ma tantx ġratilhom ħsara u tħallew il-Mistra.



Iż-żewġ Sunderlands fil-bajja tal-Mistra.

Tlett ijiem wara, il-Ġermaniżi reġgħu attakkawhom. Din id-darba, Sunderland minnhom ħa n-nar u minkejja li sar minn kollox biex in-nar jintefa', in-nar ma setax jiġi kkontrollat. L-ajruplan ġie miġbud 'il barra fejn spiċċa biex għereq. L-ieħor tar lejn Kalafrana u dak kien it-tmiem tas-Sunderlands fil-Mistra.

## Laneċ tas-salvataġġ fil-bajja ta' San Pawl

Fil-bajja ta' San Pawl kien ikun hemm laneċ tas-salvataġġ jew HSL's (*High Speed Launch*) li xogħlhom kien li jsalvaw piloti kemm Ingliżi kif ukoll tal-għadu li kienu spiċċaw ġol-baħar. Is-suldati tar-RAF (*Royal Air Force*) li kienu fuq dawn il-laneċ għaddew minn ħafna avventuri. Ġrajja minnhom seħħet fl-10 ta' Ġunju, 1942.

L-uffiċjal pilota Innes kien qed itajjar *Spitfire* (ajruplan tal-ġlied Ingliż) meta balla ta' kanun ta' ajruplan Ġermaniż laqtitlu l-magna. Innes tilef il-



HSL 107 dieħla lura fil-port ta' San Pawl il-Baħar.

kontroll tal-ajruplan li għodos b'veloċità qawwija lejn il-baħar.

Il-pilota ma setax joħroġ mill-ajruplan imma b'xorti tajba għalih, l-*iSpitfire* nqasam f'biċċiet u b'hekk Innes sab ruħu mdendel bil-paraxut u ftit wara jgħum f'nofs ta' baħar.

Sħabu l-piloti l-oħra li kienu raw x' ġara għamlu rapport u l-HSL 107 telqet minn San Pawl il-Baħar biex tipprova ssib lil dan il-povru pilota. Il-lanċa kellha triq twila, 25 mil. Hekk kif waslu fl-inħawi, is-suldati nnutaw li fil-wiċċ tal-baħar kien hemm xi tifrik u żlieġa taż-żejt li kien ħareġ mill-ajruplan. Peress li kien hemm żiffa riħ ġmielha u l-pilota ma kien jidher imkien, il-lanċa bdiet tfittex lill-pilota taħt ir-riħ peress li l-kurrent aktarx kien ħadu 'l bogħod.

Il-ħin beda jagħmel ġmielu meta f'daqqa waħda, wieħed mis-suldati ra tikka sewda fil-wiċċ. Saqu għal fuqha u minflok il-pilota sabu mina tgħum fil-wiċċ tal-baħar. Għalhekk iddeċidew li jisploduha. Iżda minkejja li sparaw kemm kellhom munizzjon lejn il-mina u laqtuha kemm-il darba, din ma setgħet tieħu b'xejn!

Sadanittant, Innes, li kien fil viċin, ħa r-ruħ xħin ra l-lanċa riesqa lejh iżda ma tantx dam jifraħ xħin din waqfet u n-nies ta' fuqha ħarġu l-armi u bdew jisparaw lejn il-baħar! Xħin ra l-mina kien jaf li jekk din tisplodi, hu kien jispiċċa trietaq bil-blast tagħha! Imma fl-aħħar, xi ħadd fuq il-lanċa rah ixejjer u s-suldati nsew il-mina u salvawh! Ta' min isemmi li sa tmiem il-gwerra, HSL 107 salvat b'kollox 85 pilota.

### Bombi f'Selmun

Il-Maġġur Sant Cassia li fil-gwerra kien jieħu ħsieb il-Palazz ta' Selmun jiftakar li fis-sajf tal-1942, ajruplan Ġermaniż tefa' bomba li ġiet fix-xagħra wara t-tverna ta' Peppina (dak li llum huwa ċ-ċentru tal-Viżitaturi ta' Selmun). Din it-tverna kienet ħanut tal-inbid fejn ħafna suldati li kienu Campbell kienu jgħaddu siegħa żmien. Il-bomba ġennet in-naħal li kien fil-qolol wara t-tverna u dan spiċċa jdur ma' kullimkien!

Jista' ikun li rapport li sar nhar 24 ta' Marzu, 1942, li fil-Palazz ta' Selmun u fil-kappella kienu



Żewġ marki tal-balal 20mm fuq il-kappella tal-Palazz. Dawn ġew sparati minn ME 109. Balla oħra laqtet il-pittura ġol-kappella.

nkisru xi sitt ħġiġiet bil-blast ta' bomba (ħsara ta' £0.18.0) qiegħed jirreferi għal dan l-istess każ.

Darb'oħra, ME 109 spara fuq il-faċċata tal-Palazz. Waħda mill-balal daħlet fil-kappella u għamlet tiċrita fil-pittura tal-Madonna tar-Redenzione ta' Antoine de Favray. Il-marki tal-balal 20mm mal-ħajt tal-Palazz għadhom jidhru sal-lum!

Xi bombi li waqgħu fit-22 ta' Frar, 1942 ukoll għamlu xi ħsara fl-inħawi ta' Selmun. Ir-razzett ta' Salvu Cauchi, Toni Borg, Ġamri Vella u Toni Vella li kien jinsab il-Blata, Selmun, sofra xi ħsarat f'xi injam li kien hemm fuq barra filwaqt li 36 ħġieġa nkisru bil-blast. Xi klieb tal-kaċċa ġew midruba jew maqtula. Stima tal-ħsarat laħħqet £7.16.0

Fl-istess ġurnata, bomba fl-Imġiebaħ faqgħet seba' xorok u travu f'razzett, għamlet 7 qasab tul ħsara fil-kisi tal-bejt u ġarrfet 60 qasba ħitan tas-sejjieħ. Il-ħsara laħqet is-somma ta' £87.5.0. L-għelieqi ta' Toni Borg, f'Tal-Merħla, Selmun ukoll spiċċaw bil-ħitan imġarrfa kif ukoll b'ħames ħofriet kbar li kellhom jimtlew. Il-ħsarat kienu jlaħħqu £32.0.0.

Xi kuntratturi kienu jsewwu l-ħsara magħmula mill-bombi tal-għadu. Il-Gvern Ingliż kien iħallas lill-ħaddiema u għalhekk is-sid ma kien joħroġ xejn minn butu. Fis-sajf tal-1942, il-kuntrattur Ġamri Vella għamel xogħol ta' tiswija fl-Imġiebaħ f'kanali tal-ilma tul ta' 22 pied, mela żewġ ħofriet kbar u bena 25 qasba ħitan tas-sejjieħ. Tħallas £47.0.0 għal dan ix-xogħol. Il-Kuntrattur Paul Vella ta' 3, Selmun Road, tella' 5 qasab ħitan tas-sejjieħ u bena xi kanali ġodda għall-ilma f'art li kellu K.Abela f'Għajn Tuffieħa. Tħallas £4.19.0 għal dan ix-xogħol li tlesta f'Diċembru tal-1944.

### Bini ta' xelters

Selmun insibu bosta xelters, kemm viċin it-toroq kif ukoll qrib l-irziezet u l-għelieqi. Xi xelters tħaffru minn Feliċ Fenech (*skilled labourer*), Franġisk Micallef (*miner*) u Franġisku Micallef

(*boy labourer*) li ħaffru x-xelters f'Selmun filwaqt li Klement Borġ (*miner*), Iżakk Attard (*miner*) u Toni Abela (*skilled labourer*) ħaffru dawk tal-Imġiebaħ.

Xi drabi kien ikun hemm bżonn li jinqata' xi ġebel, aktarx biex tinbena l-bokka tax-xelters. Għalhekk Toni Borġ (tal-Kbir) tħallas £9.6.0½ għal 893 xiber ġebel filwaqt li Ġamri Vella (tan-Naħlu) tħallas £1.9.0 ta' 116-il xiber kantun li nqatgħu mill-art tagħhom. Dan sar f'Mejju tal-1941.

## Il-Gwerra u n-Nies

Ġużeppi Bartolo li fil-gwerra kien għadu tifel, jiftakar li s-suldati tal-kanuni ta' kontra l-ajruplani f'Selmun kienu jħalluhom jilagħbu bl-istess kanuni. Ħalli għalihom idawruh 'l hemm u 'l hawn u jtellgħu u jniżżlu l-kanna, jimmaġinaw li qegħdin jisparaw fuq l-għadu! U xħin jasal ħin it-te, is-suldati kienu jħalluhom imorru fil-kju magħhom ħalli jieħdu huma wkoll biċċa ħobż u ftit te. Min-naħa l-oħra, it-tfal kienu jagħtu lis-suldati xi tin, tadam, dulliegħ u prodotti oħra tar-raba.

Darba minnhom, dan l-istess Ġużeppi kien sejjer mill-iskola sparat lejn id-dar f'Selmun meta suldat fuq ir-rota baqa' dieħel ġo fih. Ġużeppi spiċċa l-isptar f'Santa Venera b'siequ fil-ġibs! Xi nies minn bnadi oħra ta' Malta spiċċaw jgħixu Selmun biex jeħilsu mill-qilla tal-bombi tal-għadu. Fost dawn ir-refuġjati kien hemm Ġorġ Zammit. Meta dan kiteb 'Mid-Dinja ta' Wenzu u Rożi', ma naqasx li jsemmi l-Imġiebaħ u Selmun fl-istejjer tiegħu.

## L-Invażjoni ta' Sqallija

Meta l-Afrika ntrebħet, l-alleati bdew jaħsbu biex jinvadu lil Sqallija. Għalhekk iddeċidew li jagħmlu l-port ta' San Pawl aktar sigur ħalli ġo fih ikunu jistgħu jankraw il-vapuri li kienu se jużaw fl-invażjoni. Għamlu xbieki kbar tal-azzar fid-daħla tal-port biex l-ebda sottomarin ma seta' jidħol jew jispara xi *torpedo* lejn il-vapuri ankrati fil-port. Bejn Selmun u l-gżejjer ta' San Pawl għarrqu *destroyer*, l-HMS Kingston, biex l-għadu ma jkunx jista' jgħaddi minn hemm.

Dan id-*destroyer* kellu storja interessanti. Ħa sehem fil-qirda ta' żewġ sottomarini Taljani, iġġieled qrib Kreta, u kien involut f'battalja kontra l-flotta Taljana. Kien hemm li balla *15 inch* Taljana ħalliet dan il-vapur wieqaf fl-ilma. B'magna minnhom vampa nar u bl-ilma fil-*boilers*, dan il-vapur rnexxielu jasal Malta fejn iddaħħal f'baċir għat-tiswija. Iżda fil-11 ta' April, 1942, il-bombi tal-għadu għarrquh fil-baċir. F'Ġunju 1943, inġibed lejn il-gżejjer ta' San Pawl u ġie mgħarraq bejn Selmun u Selmunett. Dan baqa' hemm sakemm fis-snin 50, xi Taljani żarmawh għall-iskrapp.

Meta qorbot l-invażjoni ta' Sqallija, fl-inħawi



*Il-flotta Taljana fil-port ta' San Pawl. Jidhru t-torpedo nets jagħlqu l-port kif ukoll HMS Kingston mgħarraq bejn il-gżejjer u Selmun.*

ta' Selmun kien hemm eluf ta' suldati fil-kampijiet ilestu biex jirkbu l-vapuri li kellhom jeħduhom lejn l-għadu fi Sqallija. Meta fid-9 ta' Lulju, 1943, dawn is-suldati ġew ordnati biex jirkbu fuq il-vapuri, setgħu jieħdu magħhom biss l-affarijiet essenzjali. Allura, l-għada, ix-xagħri ta' Selmun sebħu mimlija gvieret, bottijiet tal-ikel, platti u mitt ħaġa oħra. Xi wħud mill-bdiewa ġabru li setgħu imma l-maġġoranza ma missew xejn, jew għax beżgħu jew għax qisuh bħala serq. Wara Sqallija mess lill-Italja u hekk kif l-ewwel suldati bdew neżlin fil-bajjiet tan-naħa t'isfel tal-peniżola Taljana, l-Italja ċediet. Il-flotta Taljana ħarġet mill-portijiet u salpat lejn Malta biex iċċedi. Xi biċċiet tal-gwerra Taljani daħlu fil-port ta' San Pawl, u tefgħu l-ankri taħt il-ħarsa tal-Palazz ta' Selmun.

## Konklużjoni

Kif rajna, it-taqlib tat-Tieni Gwerra Dinjija ħalla l-effett tiegħu fuq il-ħajja tal-ftit bdiewa f'Selmun. Minkejja dan, hekk kif għaddiet il-gwerra, kollox kompla bħas-soltu. Kellu jkun il-progress li rnexxielu jagħmel dak li l-gwerra ma għamlitx, joqtol is-skiet, il-paċi, u l-ambjent tal-inħawi. Mhux l-għadu imma aħna l-Maltin stess li qlibna l-ħitan tas-sejjieħ, ftaħna toroq fejn darba kien hemm għelieqi u ferrixna ż-żibel tagħna u terrapien fejn darba kien hemm biss xagħri u blat. Min kellu jobsor!

**Bibliografija**

Spiteri C Stephen (1996), *British Military Architecture in Malta*, Valletta.

Galea Frederick (2002), *Call Out,* Bieb Bieb Publications

Borg Paul P. (2010) *Quest for Identity,* Printit Ltd

Borg Paul P. (1989) *Selmun u l-inħawi*, Bugelli Publications

Debono Charles (2014) *Wartime Mellieħa Vol1*, A&M printing

Barnham Denis (2013) *Malta Spitfire Pilot,* MPG Printgroup

Rollo Denis (1999) *Guns and Gunners of Malta,* Union Print

Muscat Jimmy (2015) *Il-Mellieħa – Lemħa lejn Ġrajjietha*, Printit Ltd

Pitazzi tal-PWD (Public Works Department) 1941-1947 li juru ħsarat li saru bil-bombi tal-għadu fil-Mellieħa u l-inħawi. Kollezzjoni privata ta' Ernest Vella.

Maryanne Vella (2014) *Suldat Mellieħi li għamel unur lill-Art Twelidu, Ġamri Vella, magħruf 'Is-Suldat'* fil-magażin *Il-Mellieħa,* Mejju 2014



# Il-Militar fil-Mellieħa

David Bartolo B.European Studies (Hons)(Melit)

Dan l-artiklu huwa ddedikat lill-istudjuż magħruf tal-Istorja ta' Malta, speċjalment iż-Żmien tan-Nofs jew aħjar il-Medju Evu, il-Professur Godfrey Wettinger (1929 - 2015) li għamel żmien twil jgħix fil-Mellieħa u li ħalliena ftit ġimgħat ilu.

Din is-sena se nagħtu titwila ħafifa lejn il-Militar fil-Mellieħa. Il-militar kienu, jew huma l-persuni nvoluti fit-taqbid u/jew il-persuni ngaġġati fis-setturi tad-difiża.

Inkitbu diversi artikli fuq il-fortifikazzjonijiet u difiżi fil-Mellieħa, imma ftit inkiteb fuq il-persuni li kienu jżommu l-għassa f'dawn l-postijiet u allura tajjeb li nagħtu ħarsa lejn dawn in-nies u huwa wkoll ta' ġieħ li niftakru fihom. Il-fortifikazzjonijiet mingħajr dawn in-nies kienu biss strutturi tal-ġebel bla ħajja u mingħajrhom ma kien jista' jsir xejn għad-difiża ta' pajjiżna.

Kif għedna diversi drabi, il-Mellieħa u l-inħawi fiż-żminijiet imbegħda kienu post mistkerraħ u kważi diżabitat għalkollox minħabba li kienu nħawi li kienu jattiraw inżul faċli tal-għadu. L-inħawi kienu għal xi żminijiet bla popolazzjoni, bħalma kien sabhom il-Viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina waqt il-vista tiegħu fl-1575.[1] Dan minħabba li ħafna mill-kosta tal-inħawi tagħti lok għal inżul faċli bla ħafna xkiel naturali. Dan għalhekk kien ta' uġigħ ta'ras għal min jaħkem lil Malta, fosthom il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann u l-Imperu Ingliż. Min-naħa l-oħra, allavolja kienet teżisti din il-biża', il-ħakkiema differenti, kif ukoll l-Università (it-tmexxija lokali u mhux dik tal-istudji) fl-Imdina, li kienet speċi ta' tmexxija lokali awtonoma, ippruvaw dejjem, fil-limiti ta' riżorsi, kemm dawk umani, kif ukoll dawk finanzjarji, li jżommu għases u xi tip ta' militar f'dawn l-inħawi.

Dan kien isir l-aktar mhux minħabba dawn l-inħawi, imma minħabba l-fatt li min kien jidħol fit-territorju tal-Mellieħa kien jista' jimxi lejn il-postijiet ċentrali ta' Malta bla ebda xkiel, speċjalment lejn l-Imdina fil-Medju Evu.

## Il-Medju Evu

Fi żmien il-Medjuevu, il-ħakkiema Aragoniżi, kif ukoll id-diversi fewdatarji li ħakmu lil pajjiżna ftit li xejn taw każ il-ħarsien militari ta' Malta u għalhekk il-Maltin, immexxija mill-Università, waqqfu d-Dejma, biex tħares lil xtutna mill-ħbit tal-furbani.

Din kienet tip ta' milizzja fejn l-irġiel mit-tmintax sas-sittin sena kellhom jiffurmaw parti minn din il-forza b'obbligu. Dawn kienu mqassma skont il-lokalitajiet u kienu jaqdu dmirhom bla ħlas.[2]

Id-Dejma iktar kienet tip ta' milizzja li kienet organizzata fix-xhur sajfin u bħala forza ta' difiża, kif naraw mill-ittra li bagħat ir-Re Fonzu fit-3 ta' Jannar 1499 fejn talab lill-Maltin li jkun hemm erbat elef ruħ armati għad-difiża ta' pajjiżna.[3]

Ta' min jgħid li fil-listi tad-Dejma tal-1419 u ta' ca.1425, il-Mellieħa ma tissemmiex. Dan jista' jkun jew għax ma kienx hawn nies għad-Dejma, jew inkella minħabba l-fatt li kien post maqtugħ u l-ftit irġiel li seta' kien hawn ma kinux jistgħu jitqiesu biex jieħdu sehem f'din il-forza.[4] F'dawn iż-żminijiet tal-Medju Evu, kif ġa rajna, dawn l-inħawi kienu battala għalkollox u kienu meqjusa bħall-indifesi, u l-aktar post li kien l-eqreb lejn l-inħawi li kien abitat kien Ħal Dragu, li kien ħdejn il-Bidnija tal-lum.[5] Min-naħa l-oħra, f'dawn il-listi



Suldati tad-Dejma

nsibu li f'Għajn Tuffieħa biss kien hemm għassa fl-inħawi tal-Mellieħa u mbagħad l-eqreb għasses viċin dawn l-inħawi kienu Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar u Buġibba.[6] Dawn kienu wkoll postijiet tal-għassa fl-1417.[7] Il-lista tal-1417 kienet biss lista tal-postijiet tal-għassa kif naraw fil-mappa f'dan l-artiklu u ma kinitx ibbażata fuq l-irħula, filwaqt li l-lista tal-1419 kienet ibbażata fuq l-irħula fejn kien hemm imniżżla 1,667 raġel minn 50 lokalità.[8] Fil-lista tal-1419 insibu li l-milizzja tan-Naxxar, li kienet tiġbor lin-Naxxar u l-irħula li kienu jagħmlu magħha u li kienet tieħu ħsieb il-ħarsien tal-inħawi tal-Mellieħa, kienet tikkonsisti minn 262 raġel, li 20 minnhom kienu fuq iż-żwiemel. Skont din il-lista, in-Naxxar kien jipprovdi 92 raġel biex jagħmlu xogħol ta' għassa mill-Imġarr sal-Bajja tas-Salini.[9] Din il-milizzja baqgħet tieħu ħsieb l-inħawi tal-Mellieħa anki fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann.[10]

Ta' min jgħid ukoll li f'din il-lista tal-1419 kien hemm imniżżla żewġt irġiel li kien kunjomhom Millahi, Palmieri Millahi minn Ħal Lija u Salvu Millahi min-Naxxar. Jista' jkun li dawn iż-żewgt irġiel kienu Melleħin li marru jsibu kenn f'irħula oħra minħabba l-attakki frekwenti tal-furbani fl-inħawi?[11]



*Parti mill-lista tal-Milizzja tal-1419*

Minħabba li fl-inħawi ma kienx hawn nies fid-Dejma, l-awtoritajiet fl-Imdina kienu jħallsu lill-irġiel li kienu jagħmlu l-għassa għal xi nżul tal-għadu fl-inħawi. Din l-għassa kienet magħrufa bħala l-*Maħras* li kienet għassa bil-lejl max-xtut Maltin. Il-ħlas ta' dawn l-għassiesa, li kien ta' uqija kuljum, kien jiġi mit-taxxa mposta fuq l-inbid.[12] Din l-għassa kienet differenti u distinta mid-Dejma. Filwaqt li d-Dejma kienet ibbażata fuq l-irħula, il-*Maħras* jew il-*Guardia* kienet magħmula minn għassiesa tal-kosta u xogħolha kien is-sena kollha. Dawn xogħolhom primarjament ma kienx li jiġġieldu lill-għadu imma li jagħtu l-alarm.

Dawn bdew jagħmlu l-għassa mill-ewwel nofs tas-seklu ħmistax 'il quddiem u kien fis-sena 1461 li hija msemmija li bdiet issir l-għassa fil-Mellieħa.[13] Dawk li ma kinux jagħmlu dmirhom kienu jitilfu l-ħlas u jintbagħtu l-ħabs għal ħmistax-il ġurnata. Dawn l-irġiel li kienu jgħassu l-inħawi tal-Mellieħa kienu tnejn, imma meta fl-1462 kien hawn biża' ta' attakk mill-Għarab ta' Tuneż fuq Malta, fil-laqgħa tal-Kunsill Popolari tal-14 ta' Settembru tal-istess sena, sar qbil li l-għassa fl-inħawi tiżdied minn żewġt irġiel għal tlieta u dawn kellhom ikunu rekbin fuq il-bhejjem. L-għassa kellha ssir ukoll matul il-lejl.[14]



*Id-deċiżjoni tal-Kunsill Popolari tal-14 ta' Settembru 1462 biex ikun hemm l-għassiesa matul il-lejl fil-Mellieħa.*

Insibu wkoll li, f'laqgħa simili tal-4 ta' Jannar 1499, kien intqal li l-għases ta' Għajn Tuffieħa u ta' Selmun kienu fost l-aktar għases perikolużi f'Malta. L-għassa ta' Selmun kienet issir minn irġiel Naxxarin.[15] F'dan il-post tal-għassa nafu li xi żmien qabel saret din l-laqgħa, żewġ għassiesa kellhom taqtigħa ma' grupp ta' furbani li niżlu f'dawn in-naħiet bil-lejl.[16] Dan ħareġ minn bandu maħruġ nhar it-23 ta' Mejju 1473 mill-Ġurati tal-Imdina fejn ħarġu jagħrfu li ċertu Saycu Xerri u Agostino Sceberras, li kienu għassa fl-inħawi ta' Selmun, kienu ġew eżentati milli jagħmlu l-għassa bħala ringrazzjament tal-qlubija li wrew fl-imsemmija taqtigħa.[17]

## L-Ordni ta' San Ġwann

Fl-ewwel snin tal-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, il-Mellieħa u l-inħawi baqgħu mingħajr difiża addattata u kien wara diversi snin li dawn l-inħawi bdew jingħataw l-attenzjoni mistħoqqa bħala difiża militari u anke fejn tidħol għassa max-xtut. Dan l-aktar wara l-attakk qawwi




***Postijiet tal-Għassa tax-Xtut - Il-Maħras fl-1417 u l-1647. Postijiet nru 5, 12 u 13 huma fl-inħawi tal-Mellieħa***

li għamlu t-Torok fl-inħawi fl-1614 fejn l-inħawi kienu mingħajr difiża ta' xejn u t-Torok assaltaw is-Santwarju tal-Mellieħa u ħarqu xi rziezet.[18] F'nofs is-seklu sbatax bdew jinbnew diversi torrijiet fosthom it-Torri l-Aħmar jew ta' Sant'Agata (1649), tal-Aħrax jew it-Torri l-Abjad (1658) u dak ta' Għajn Ħadid f'Selmun (1658). Fis-seklu ta' wara, dak tmintax, inbnew diversi trunċieri u swar madwar il-kosta tat-tramuntana, l-aktar fl-inħawi tal-Aħrax.

Il-militari li kienu jieħdu ħsieb dawn l-fortifikazzjonijiet kienu suldati mir-riġment tan-Naxxar, li kien jiġbor fih madwar 670 suldat. Dawn kienu responsabbli minn dawn in-naħiet għax il-Mellieħa kienet tagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar.[19] Fis-seklu tmintax, imbagħad, il-ħarsien ta' dawn l-inħawi nqasam bejn il-milizzji tan-Naxxar u dik ta' Birkirkara. Waqt li tan-Naxxar kellhom il-ħarsien bejn iċ-Ċirkewwa u t-Torri l-Aħmar, ta' Birkirkara kienu jħarsu l-Bajja tal-Mellieħa u dik ta' San Pawl.[20]

It-torrijiet iż-żgħar, bħalma kienu tal-Aħrax u ta' Selmun li kienu ġew mibnija mill-Gran Mastru Martin De Redin (1657-1660) li kien bena tlettax-il torri minn butu madwar Malta, kien ikollhom 4 suldati kull wieħed u bumbardier li kienu jkunu rekluti mill-aktar settur fqir tal-poplu. Kienu jitħallsu żewġ skudi fix-xahar waqt li l-bumbardier kellu nofs skud aktar.[21]

Madwar is-sena 1763, il-paga tas-suldati kienet toħroġ miż-żewġ Università, tal-Imdina u tal-Belt Valletta, u kienu jitħallsu għal sitt xhur. Dawn kienu mill-10 ta' Mejju sad-9 ta' Novembru. L-Università tal-Belt Valletta kienet tħallas 131 Skud u 8 Tari, filwaqt li dik tal-Imdina kienet toħroġ 62 Skud u 84 Tari. Dan kien jammonta għal total ta' 195 Skud li minnhom 189 kienu jmorru għall-pagi u 5 Skudi għaż-żamma tat-torrijiet. Fix-xhur l-oħra, kien ikun hemm suldati fit-torrijiet biss u b'kollox iż-żewġ Università msemmija kienu joħorġu 72 Skud flimkien.[22] Bosta drabi dawn is-suldati kienu jagħmlu talba biex xi ħadd jibdilhom għal xi żmien twil u dan il-permess kien jingħatalhom għax huma kienu jipprovdu lil xi ħadd biex isir hekk.[23]

Bini misterjuż li jista' jkollu konnessjoni mal-militar huwa dak il-bini magħruf bħala r-Razzett tax-Xjaten, li jiġi taħt il-wied ta' San Niklaw, fejn hemm parti mill-*bypass* bejn il-Mellieħa u l-Għadira u li nbena għall-ħabta tal-1750.[24] Jista' jagħti l-każ li kien xi kwartier għall-kavallerija imma ma hemm l-ebda dokumentazzjoni għal-liema użu kien sar hekk.[25]

Il-Mellieħa u l-inħawi lagħbu parti importanti fl-invażjoni Franċiża fl-10 ta' Ġunju 1798. Id-difiżi u l-militar f'dan l-inħawi waqt din l-invażjoni kienu mmexxija minn 3 Kavallieri. Il-Kommendatur De Bizier kien il-kmandant tal-inħawi tal-Mellieħa, il-Kavallier De Buzzi kien jikkmanda f'Selmun u l-madwar u fit-Torri l-Aħmar kien hemm il-Kavallier St Simon.[26]

Mir-rapport li bagħat lil Napuljun il-General Baraguey d'Hilliers, il-kmandant tal-qawwiet Franċiżi li attakka l-inħawi, jidher li l-Maltin f'dawn l-inħawi ddefendew il-qagħdiet tagħhom mill-aħjar li setgħu u li ċedew meta kellhom jiffaċċjaw forza qawwija sew.[27]

| | |
|---|---|
| *It-Torri ta' Għajn Ħadid (Selmun)* | *5* |
| *Il-Batterija ta' Westreme (L-Għadira)* | *20* |
| *Ir-Ridott tal-Mellieħa (L-Għadira)* | *60* |
| *Is-Swar ta' Qassisu* | *60* |
| *Il-Batterija ta' Qassisu* | *20* |
| *It-Torri l-Abjad u l-batterija tiegħu* | *20* |
| *Il-Batterija ta' Vendome (L-Armier)* | *20* |
| *Il-Batterija tal-Marfa* | *20* |
| *Ir-Ridotti tat-Torri l-Abjad, ta' Criwelli, ta' Eskalar u tal-Bir* | *160* |
| *Is-Swar tal-Armier* | *160* |
| *It-Torri l-Aħmar* | *10* |
| *Il-Batterija tal-Mistra* | *20* |
| *Total* | *575* |

***Il-fortifikazzjonijiet fil-Mellieħa u s-suldati li kienu assenjati fihom (Fortifications of the Knights Hospitallers in Mellieħa)***

## L-Imperu Ingliż

Matul il-ħakma Ingliża f'Malta, il-Mellieħa ngħatat bixra differenti. Dan seħħ għal diversi raġunijiet. Fosthom kien hemm li dawn l-inħawi bdew jerġgħu jieħdu l-ħajja, il-popolazzjoni bdiet tiżdied għax daħlet is-sigurtà u spiċċat għalkollox il-biża' mill-furbani. Dan l-element biddel għalkollox l-ambjent ta' insigurtà u ġab l-istabilità. Anki l-militar ħa xejra oħra, fosthom li saret rivoluzzjoni fl-armamenti.

Matul din l-ħakma li damet aktar minn 160 sena u wara għal kważi żewġ diċenji sħaħ bħala bażi militari, il-Mellieħa wkoll kellha sehem fil-militar ta' pajjiżna. Waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija l-inħawi tal-Mellieħa servew bħala post biex jiġu għall-konvalexxenza persuni tas-servizzi militari, l-aktar dawk ġejjin mill-front ta' Gallipoli u ta' Salonika.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, fil-Mellieħa saru żewġ kampijiet militari, wieħed kien il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa li nbena bħala kamp tat-taħriġ għall-morini mis-sena 1902 'il quddiem. Dan kien jikkonsisti f'*ranges* tal-isparar u kwartier residenzjali għas-suldati, il-familji tagħhom u l-uffiċjali tal-kamp u ftit wara serva bħala kamp-sptar fl-Ewwel Gwerra Dinjija. L-ieħor kien il-Kamp militari tal-Għadira, li sar madwar is-sena 1907 u wara kien sar ukoll kamp-sptar fis-sena 1915 fil-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Il-Palazz tal-Marfa ġie wżat ukoll għas-suldati feruti.[28] Fl-istess żmien, madwar is-sena 1910, il-militar poġġa mezzi tal-artillerija fuq ir-riħ tal-Bajja tal-Għadira[29] u matul l-Ewwel Gwerra Dinjija kien hemm ukoll għassiesa mal-kosta, fosthom in-naħat tal-Mellieħa, li kienu jirrappurtaw kull ċaqlieqa suspettuża li kienu jaraw lejl u nhar.[30]

L-Ingliżi bnew ukoll fortifikazzjonijiet ġodda fl-inħawi, fosthom Fort Campbell f'Selmun, li nbniet bejn l-1937 u l-1939. Din il-fortizza kien fiha forza ta' tmienja u sebgħin suldat u żewġ uffiċjali taħt il-Kaptan H.R Micallef, liema forza kienet parti mill-RMA (Royal Malta Artillery).[31] L-RMA kien riġment Malti u kien ġie ffurmat fl-1889. Qabel, dan ir-riġment tal-artillerija kien jismu l-*Malta Fencible Artillery* li ħareġ mir-*Royal Malta Fencible Regiment* (1815-1861).[32]

Minbarra dan ir-riġment, kien hawn ukoll suldati tal-K.O.M.R. (King's Own Malta Regiment). Dawn kienu ħames kumpaniji militari fi ħdan l-Ewwel Battaljun, li kien stazzjonat f'dawn l-inħawi u kien jikkonsisti minn 1,400 ruħ.[33] Dawn kienu wkoll fil-25 *pill-boxes* li kien hawn fil-Mellieħa u l-madwar fejn kien ikun hemm sitt suldati u uffiċjal mhux ikkummissjonat ġo kull waħda minnhom. Dawn il-*pill-boxes* kienu ġew mibnija mir-Royal Engineers.[34] Għal xi żmien ukoll kien hawn suldati tar-Royal Irish Fusiliers li kienu għamlu xi xogħlijiet fl-inħawi, bħal bini ta' difiżi f'Għajn Tuffieħa u tqegħid ta' *barbed wire* fil-Bajja tal-Mistra[35] u suldati tat-8 battaljun tal-Manchester Regiment. Dawn il-militari kollha kienu jiffurmaw il-Brigata tat-Tramuntana li kienet tieħdu ħsieb id-difiża tan-naħa ta' fuq ta' Malta. [36]

Matul il-preparamenti biex l-Alleati jinvadu Sqallija, fl-inħawi tal-Mellieħa kien hawn ukoll riġment tar-Royal Marines. F'dawn il-preparamenti, għamlu xi żmien ukoll stazzjonati, taħt it-tined fl-inħawi bħall-Aħrax u Selmun, diversi suldati tal-famuża Eight Army Ingliża.[37]



*L-aħħar parata li saret mill-Home Guard tal-Mellieħa, il-Ħadd 10 ta' Diċembru 1944 (Times of Malta )*

Fil-kamp tal-Għadira, kien hawn ukoll partiġjani Jugoslavi li kienu feruti u kienu ġew biex jiġu rekoverati f'Malta. Dawn kienu jagħmlu wkoll taħriġ militari mal-K.O.M.R. Diversi minnhom kienu mietu u ġew midfuna fiċ-ċimiterju tal-Għadira.[38]

Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, kienet twaqqfet il-*Malta Volunteer Defence Force*, jew kif jafuha aktar bħala l-*Home Guard*. Dawn kienu twaqqfu fil-każ ta' nżul ta' suldati tal-għadu bil-paraxut.[39] Il-biċċa l-kbira ta' dawn kienu kaċċaturi u bdiewa u kienu kollha voluntiera u ma jitħallsux. Fil-Mellieħa kienet twaqqfet kumpanija tagħhom u kien fiha 100 ruħ.[40]

Element militari ieħor fil-Mellieħa kienu l-ajruplani tal-baħar (*seaplanes*). Dawn kienu jinżlu kemm fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa, kif ukoll fil-Bajja tal-Mistra fejn għamlu xi żmien stazzjonati wkoll.[41]

Barra minn dan kollu, il-militar għal żmien qasir matul l-istess gwerra kellu wkoll stazzjon tar-radar fil-ponta tal-Marfa.[42]

## Il-Manuvri Militari

Sinonimi mal-militar fil-Mellieħa kienu l-manuvri. Matul iż-żmien li Malta kienet bażi militari tal-Imperu Ingliż, is-servizzi Ingliżi u ġieli anki l-alleati tagħhom, fosthom il-qawwiet Amerikani, kemm-il darba wettqu manuvri fl-inħawi tal-Mellieħa, l-aktar fil-Bajja tal-Għadira.



Manuvri mill-ajru fl-inħawi tal-Mellieħa f'Mejju 1960 (Times of Malta)

Dawn l-aktar li saru kienu fis-snin ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin, fl-eqqel tal-Gwerra l-Bierda. Fost dawn il-manuvri kien hemm wieħed Amerikan fil-31 ta' Jannar 1950 fejn sar taħriġ ta' żbark fl-Għadira b'sehem ta' 800 morin Amerikan.[43]

Eżerċizzju ieħor kien il-*Beehive Two* li sar f'Ġunju tal-1952. F'dawn il-manuvri ħadu sehem diversi pajjiżi tan-NATO, fosthom il-forzi Ingliżi u dawk Amerikani ma' oħrajn Franċiżi, Taljani u Griegi. Dan l-eżerċizzju kien sar f'diversi nħawi tal-Mellieħa bħall-Għadira, il-Marfa u Għajn Tuffieħa. Kienu ġew isegwu dan it-taħriġ diversi uffiċjali għolja, fosthom il-Kmandant tal-flotta tal-Baħar Mediterran Lord Mountbatten.[44]

Fit-18 ta' Awwissu tal-1953 kien sar taħriġ ta' żbark minn elf morin Amerikan[45] u fi Frar tal-1956 kien sar ieħor fl-Għadira mill-forżi Ingliżi.[46] Fis-6 ta' Settembru tal-istess sena kien sar taħriġ ieħor mill-Morini Ingliżi u kienu ġew isegwu dawn il-manuvri l-Aġent Prim Ministru Ġużè Ellul Mercer u l-Gvernatur Robert Laycock.[47]


Manuvri militari fl-isfond tat-Torri l-Aħmar fl-Għadira f'April 1967 (Times of Malta)

Manuvri oħra fl-Għadira saru f'Awwissu tal-1958,[48] f'Settembru tal-1959,[49] fis-26 ta' April 1960 fejn anki ħa sehem id-Duka ta' Edinburgh il-Prinċep Philip[50], f'Mejju 1960[51] u f'Marzu tal-1963.[52]

Taħriġ ieħor min-NATO fil-Bajja tal-Għadira kien sar f'April tal-1967[53] u f'Novembru tal-istess sena kien sar taħriġ fl-Għadira u f'Għajn Tuffieħa minn morini Amerikani.[54]

Minbarra dawn l-elementi kollha li semmejna, għal xi żmien fil-Mellieħa kien hawn ukoll preżenza ta' militar Malti fis-snin tmenin tas-seklu għoxrin u kienu stazzjonati fit-Torri l-Aħmar bħala post ta' osservazzjoni.

Hawnhekk tagħlaq il-mixja ħafifa tagħna mal-militar fil-Mellieħa. Żgur u mhux forsi li hemm ħafna aktar x'jingħad u lok ta' aktar riċerka u tiftix fis-suġġett.

**Biblijografija:**


1 Bonnici Alexander, *Il-Mellieħa,* 1994, pp 17-18.
2 Vella Andrew, *Storja ta' Malta Vol 1,* 1993,pp 139-140.
3 Fiorini Stanley, *"Id-Dejma, il-Mahras and the defence of the Maltese islands in the late medieval and early modern times"*, George Cassar (ed), Sacra Militia: Journal of the Sacra Militia Foundation, Issue 2, May 2003, p 24.
4 Wettinger Godfrey,*"L-inħawi tal-Mellieħa fiż-Żmien Nofsani"*, Joe Catania(ed), Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, 2002, p 41.
5 Fiorini Stanley, op.cit. p 20.
6 Ibid.
7 Ibid. p 21.
8 Fiorini Stanley, *Malta in 1530*, Victor Mallia Milanes(ed), Hospitaller Malta 1530-1798, 1992, p 121.
9 Catania Paul, *Naxxar*, Heritage nru. 65, p 1301.
10 Spiteri Stephen, *Fortifikazzjonijiet,* Joe Catania(ed), Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien, 2002, p 80.
11 Wettinger Godfrey, *"The Militia List of 1419-20: A new starting point for the study of Malta's population "* Melita Historica 1969, pp 80-106.
12 Bonnici Alexander, Festa Maria Bambina 1996, p 26.
13 Fiorini Stanley, *"Id-Dejma, il-Mahras and the defence of the Maltese islands in the late medieval and early modern times"*, George Cassar (ed), Sacra Militia: Journal of the Sacra Militia Foundation, Issue 2, May 2003, p 24.
14 Bonnici Alexander, *Għassiesa għall-Mellieħa fi Żmien l-Aragoniżi,* Festa Maria Bambina 1996, p 26.
15 Ibid. p 45.
16 Fiorini Stanley, op.cit. p 22.
17 Borg Paul P., *Selmun u l-Inħawi*, 1989, p 58.
18 Debono Charles, *"The late stages of the Ottoman Razzia on Malta in 1614,* Rueben Abela (ed). The Turkish Raid of 1614, 2014, pp 24-28.
19 Muscat Jimmy, *Fortifications of the Knights Hospitallers in Mellieħa,* 2012, p 84.
20 Spiteri Stephen, op.cit. p 83.
21 Borg Joe, *The 13 towers of De Redin*, Heritage nru. 16. pp 305-307.
22 Muscat Jimmy, op.cit. p 15.
23 Ibid. p 22.
24 Muscat Jimmy, *Il-Mellieħa - L-Istorja tagħha bir-ritratti*, 2011, p 18.

[25] Muscat David, Leħen l-Imperial. Għid 1997, p 11.
[26] Testa Carmel, *Miż-żewġ naħat tas-swar.* l-Ewwel Ktieb 1979, p 29.
[27] Ibid. pp 40-41.
[28] Bartolo David, "*L-Mellieħa u l-Ewwel Gwerra Dinjija*", Għaqda Mużikali Imperial - Festa Maria Bambina 2014, pp 131-137.
[29] Debono Charles, "*Sottomarin Germaniz rapurtat viċin il-kosta Melleħija fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija,*" Festa Maria Bambina - La Vittoria 2012, pp 156-157.
[30] Ibid.
[31] Borg Paul P., op.cit. p 60.
[32] Ibid. p 59.
[33] Debono Charles, *Wartime Mellieħa*. Vol 1, 2014, p 29.
[34] Ibid. p 14.
[35] Ibid. p 24.
[36] Ibid. p 28.
[37] Ibid. pp 74-75.
[38] Ibid. p 78.
[39] Buttigieg Anton, *Fil-Morsa tal-Gwerra,*1981. p 31.
[40] Debono Charles, *Wartime Mellieħa* Vol 1. 2014. p 119.
[41] Ibid. pp 11-12.
[42] Abela Mayor Tony, *Malta's early warning system during World War II*, 2014, pp 416-423.
[43] Times of Malta 5th February 1950.
[44] Times of Malta 14th June 1952.
[45] Times of Malta 19th August 1953.
[46] Times of Malta 28th February 1956.
[47] Times of Malta 7th September 1956.
[48] Times of Malta 27th August 1958.
[49] Times of Malta 18th September 1959.
[50] Times of Malta 27th April 1960.
[51] Times of Malta 19th May 1960.
[52] Times of Malta 19th March 1963.
[53] Times of Malta 21st April 1967.
[54] Times of Malta 4th November 1967.

**Referenzi:**

Wettinger Godfrey, "*The Militia List of 1419-20. A new starting point for the study of Malta's population*", Melita Historica 1969, pp 80-106.

Hahs, David Gene, "*Medieval Malta: Abandoned Villages, Chapels and Farmhouses*" (2010) Electronic Theses, Treaties and Dissertations Paper 4334.

**Mappa**

Fiorini Stanley, *"Id-Dejma, il-Mahras and the defence of the Maltese islands in the late medieval and early modern times"*, George Cassar (ed), Sacra Militia: Journal of the Sacra Militia Foundation, Issue 2, May 2003.

SALA IMPERIAL
(mgħammra b'arja kundizzjonata)

Ideali għal riċevimenti tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u għal kull attività soċjali oħra.

***Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat, jew ċemplu fuq in-numri tat-telefown:***

***21 523467 u 21 520536***



# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni

A. Vella Borg & Sons Ltd ..............87
A.F. Skip Hire ...............................72
Abela Norbert Joiners ....................75
Aġenzija Żgħażagħ ..........................6
Ahead Stationeries .........................56
Alkova .........................................109
All Needs ......................................15
ASPEN Ltd ...................................74
B. Grima & Sons Ltd ......................2
Bar tal-Każin tal-Banda Imperial ...36
Bartolo Joe & Sons ........................43
Bavaria ..........................................67
Beachaven Lido Discotheque ......112
Bella Veduta ..................................21
Best Print Co. Ltd ........................106
Billy's ............................................89
Bottles & Bottles ...........................69
BOV ..............................................31
C. Vella & Sons Ltd .......................20
Cash & Carry ................................69
Central Asphalt Ltd .......................68
Chelsey's .....................................107
Christopher Sciberras ....................24
Caruana Light Decorations ............77
Clifford Motoring School ...............43
CN Marble Granite ......................105
Dainty Clothing & Footwear .........24
DB Properties ................................78
Dingli Butcher ...............................81
Drifter Car Hire .............................25
Drive Well! ....................................90
E' Casa ..........................................74
Euromed Ltd .................................24
Evergreen Discount Mini Market ..84
Farlex Bar & Restaurant ................92
Farmer's Fresh Green Grocer ........48
Fava Auto Dealers ..........................96
Field Sports ...................................72
Flats to Let: "The Pinnacle" ...........26
Foto Creative .................................23
Gasan Mamo Insurance..outside back
Gaulos Exclusive Art .....................13
George's Bakery .............................55
Gillieru Restaurant .......................110
Giuseppi's Wine Bar ......................77
Glamorous Unisex Salon ................6
Ġo Ġo Mini Market .......................29
Green Valley ..................................96
Greystone Bar & Restaurant ..........71
Half Way Inn .................................18
HB Motors .....................................48
Herbies Jewellery Ltd ....................19
Home Essentials .............................10
Horace Enterprises Ltd ..................37
Housewife Fresh Chicken .............85
HSBC ...........................................106
Il Bagno .........................................96
Ir-Razzett Fruit Shop .....................32
J & G Discount Detergent Store ....17
J. Attard Skip Hire
& High up Services ....................17
JDS Furniture Ltd ...........inside back
J. Vella ...........................................32
Jevon's Fruit Shop ..........................19
Jimcam Enterprises Ltd .................96
Joe Gauci Metal Works ..................53
Joe's Barber Shop ..........................77
John Bray & Son ............................94
John Buttigieg ................................27
Julie's Lifestyle Hair Salon .............6
Kafé Borg ......................................83
Kathleen Buttigieg .........................38
Manuel Bezzina Co. Ltd ................15
Manuel's Garage Co. Ltd ...............48
Marianna Stationery .......................35
Mario Gauci ...................................38
Maritim Antonin Hotel & Spa ........91
Mark Taliana ..................................89
Maypole .........................................13
Mellieħa Garage .............................36
Mellieħa Holiday Centre ................31
Middlehill Store .............................81
Mosta Bacon ..................................84
MT Service Station ........................43
Nella's ..........................................112
P & Cauchi
Demolition Excavation ..............75
Paradise Bay Lido ..........................90
Paradise Bay Resort Hotel .............79
Patisserie Bakers & Caterers Ltd ...11
Ph. Borg Ltd ...................................10
Philip Attard .................................112
Popeye Village .............................111
Riviera (Hola Beach) .....................57
ROCS ...............................................8
ROCS Group .................. inside front
Roy Thai Specialist ......................110
Sala Imperial .................................29
Sammy Buttigieg ...........................36
Santa Maria Service Station ...........35
Sea View Kiosk ................................4
Selmun Bar & Restaurant ..............55
Shoppers Discount Supermarket ....14
Sports Experience ..........................71
Steffie's Hair Studio .......................18
Stephen Deguara ............................92
Super Line ......................................38
Ta' Kanani ......................................71
Ta' Peter .........................................24
Ta' Titta Confectionery ..................43
Tal-Puzzu .....................................105
The Arches
Restaurant & Wine Cellar ...........60
The Caterer ..................................107
The Hilltop Restaurant ...................32
The Veggie Truck ..........................92
Tony's Bakery ................................83
Tosca ................................................5
Tower Ladder Services ..................81
Tramun Tagħna ..............................30
V. Debono Ironmongery .................84
VS Wholesale .................................67
View Point Restaurant ....................22

***Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.***



say hello to a PLANOPOLY sofa
practical style, elegant living
comfort
storage
versatility
himolla
Made in Germany
CHOOSE STYLE > CHOOSE FEATURES > CHOOSE LEATHER OR FABRIC > CHOOSE COLOUR
JDS
FURNITURE Ltd.
JDS Furniture Ltd. Main Street, Mellieha Tel. 2152 2390 Email: info@jdsfurniture.com Web: www.jdsfurniture.com




# NINSABU QRIB TIEGĦEK

## Mellieħa

**59, Triq G Borg Olivier**

**GasanMamo**
INSURANCE
*Nghinuk dejjem*

gasanmamo.com

59, Triq G Borg Olivier, Mellieħa | Tel: 2152 3672 | insurance@gasanmamo.com | gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.